



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0328/2013
Par1

11.10.2013

RAPPORT

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni
Ewropea għas-sena finanzjarja 2014
(13176/2013 – C7-0260/2013 – 2013/2145(BUD))

Parti 1: Mozzjoni għal risoluzzjoni

Kumitat għall-Baġits

Rapporteurs: Anne E. Jensen (Taqsim III – Kummissjoni)
Monika Hohlmeier (Taqsimiet oħra)

WERREJ

	Paġna
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	4
ANNEXS	25
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI	29
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD	33
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET BARRANIN	36
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET KOSTITUZZJONALI	40
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI	43
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL	46
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN	51
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJET EKONOMIĊI U MONETARJI.....	54
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR	57
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI.....	60
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU	63
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI	67
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA.....	70
Fir-rigward tal-Intestatura 1A, it-tnaqqis tal-Kunsill jammonta għal EUR 60 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u jirrigwarda primarjament infiq ta' appoġġ għall-programm tar-riċerka u l-innovazzjoni inkluż Orizzont 2020, COSME għall-SMEs u l-impreżi u għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. It-tnaqqis f'pagamenti taħt l-Intestatura 1A hu ta' EUR 426.5 miljun li minnhm EUR 154 miljun fi proġetti kbar ta' infrastruttura, EUR 120.7 miljun f'Orizzont 2020, EUR 86.9 miljun fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u EUR 61.3 miljun fi programmi oħra.	73
Din il-proposta hi inaċċettabbli għall-Kumitat ITRE u hi inkompatibbli mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2013 fejn il-Kunsill impenja lilu nnifsu li jżomm żieda reali għall-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp meta mqabbla mal-livelli	

tal-2013 u li jqiegħed enfasi fuq l-appoġġ għall-SMEs. Mhijiex ukoll f'konformità mal-ftehim milħuq mal-Parlament fin-negozjati dwar il-QFP 2014-2020, fejn kien miftiehem li l-programm COSME u Orizzont 2020 jingħataw prijorità fl-2014.....	73
Meta jitqiesu dawn il-fatti, il-Kumitat ITRE vvota biex jinżamm l-abbozz ta' baġit kif propost mill-Kummissjoni għall-attivitajiet tal-programmi taħt l-Intestatura 1A li sarilhom tnaqqis mill-Kunsill.....	73
Barra minn hekk, il-Kumitat ITRE appoġġa wkoll il-proposta mir-rapporteur biex jintuża l-marġni tal-Intestatura 1A (EUR 125.9 miljun) u l-fondi previsti skont l-Istrument għall-Flessibilità (EUR 471 miljun) biex jiżdiedu l-fondi għall-SMEs u għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Prinċipalment dan jinkludi talbiet għal appoġġ għall-prijoritajiet li ġejjin:	73
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI	76
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT	82
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP	86

Ippubblikati separatament

- Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat għall-Baġits matul il-laqgħat tiegħu li saru fit-2 u t-3 ta' Ottubru 2013 dwar l-abbozzi ta' emenda għall-abbozz tal-baġit ġenerali

parti 2 – A7-xxxx/2013

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014

(13176/2013 – C7-0260/2013 – 2013/2145(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 314(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 106a tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġunju 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Komunitajiet Ewropej¹,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002²,
- wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba³,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013 dwar il-ftehim politiku rigward il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020⁴,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2013 dwar il-linji gwida ġenerali għat-tħejjija tal-baġit 2014, Taqsima III⁵,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2013 dwar l-estimi tad-dħul u tal-infiq tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2014⁶,
- wara li kkunsidra l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 adottat mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2013 (COM(2013)0450),
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet dwar il-mandat għat-trilogu rigward il-baġit tal-2014, mogħtija mill-Koordinaturi tal-Kumitat BUDG,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, adottata mill-Kunsill fit-2 ta' Settembru 2013 u li ntbagħtet lill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Settembru 2013 (13176/2013 – C7-0260/2013),
- wara li kkunsidra l-Ittra ta' Emenda Nru 1/2013 għall-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-

¹ ĠU L 163, 23.6.2007, p. 17.

² ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

³ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁴ Testi adottati ta' dik id-data, P7_TA(2013)0304.

⁵ Testi adottati ta' dik id-data, P7_TA(2013)0081.

⁶ Testi adottati ta' dik id-data, P7_TA(2013)0173.

18 ta' Settembru 2013,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 75b tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjoni tal-kumitati interessati l-oħra (A7-0328/2013),

Taqsimha III

Ħarsa ġenerali

1. Ifakkar li l-prijoritajiet tiegħu għall-baġit tal-2014 huma t-tkabbir ekonomiku u sostenibbli, il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi u l-għieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġħ, kif ukoll ir-rwol tal-UE fid-dinja; itenni, għalhekk, l-appoġġ tiegħu għall-politiki li jikkontribwixxu għall-għieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġħ, ir-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, l-aġenda diġitali, il-kompetittività, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-intraprenditorija u l-attività bħala persuna li taħdem għal rasha, l-edukazzjoni, it-taħriġ professjonali, il-mobbiltà u l-għajjnuna esterna;
2. Jinsisti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li l-baġit tal-UE jintefaq b'mod effiċjenti, u li dak kollu li jiġi ffinanzjat bih għandu jkollu valur miżjud Ewropew ċar; l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari, jikkondividu l-kompiti kull fejn ikun possibbli u jżidu l-kooperazzjoni reċiproka;
3. Ifakkar fid-determinazzjoni tiegħu biex jiżgura livell suffiċjenti u realistiku ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament li jippermetti li l-programmi jibdew b'biżżejjed fondi fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-perjodu 2014-2020 u li jevita d-dewmien fl-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll li jiżgura l-konklużjoni b'suċċess tal-programmi mibdija taħt il-QFP 2007-2013;
4. Jiddeplora għalhekk id-deċiżjoni tal-Kunsill li din is-sena jerġa' jipproċedi bl-approċċ tas-soltu ta' tnaqqis orizzontali għall-abbozz ta' baġit, intenzjonat biex inaqqas artifiċjalment il-livell tar-riżorsi tal-UE għall-2014 b'total globali ta' EUR 240 miljun (-0,2%) f'approprjazzjonijiet ta' impenn u b'EUR 1 061 miljun (-0,8%) f'approprjazzjonijiet ta' pagament meta mqabbel mal-abbozz ta' baġit, biex b'hekk iwassal għal tnaqqis sinifikanti meta mqabbel mal-baġit tal-2013 (inklużi l-baġits emendatorji min-Nru 1 sa 5) kemm f'impenni (-6%) kif ukoll f'pagamenti (-6,6%);
5. Jinsab sorpriż li, fil-pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill mhux biss ma qiesx il-ftehim fuq il-QFP, fir-rigward tal-konċentrazzjoni tal-finanzjamenti fil-bidu tal-perjodu tal-programmi Erasmus+, COSME u Orizzont 2020, imma kompla jnaqqas l-approprjazzjonijiet għal uħud minn dawn il-programmi;
6. Jiddispijaċih profondament dwar il-fatt li l-Kunsill introduċa tnaqqis kemm fl-approprjazzjonijiet ta' impenn, kif ukoll fl-approprjazzjonijiet ta' pagament fl-intestaturi kollha; ifakkar li l-aktar intestaturi milqutin huma l-Intestatura 1a (-0,36 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u -3,6 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament meta mqabbla mal-abbozz ta' baġit), l-Intestatura 4 (-0,21 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u -2,5 %

f'approprjazzjonijiet ta' pagament meta mqabbla mal-abbozz ta' baġit) u l-Intestatura 5 (- 1,78 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn u approprjazzjonijiet ta' pagament meta mqabbla mal-abbozz ta' baġit); jinnota li l-Intestaturi 1a u 4 jinkludu programmi u inizjattivi li huma strumentali għall-kisba tal-oġġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020, kif ukoll l-aġenda tal-UE dwar il-politika esterna, u li dan it-tnaqqis trasversali se jolqot inizjattivi li huma oqsma prijoritarji f'dawn iż-żewġ setturi;

7. Jenfasizza l-fatt li dak it-tnaqqis jikkontradixxi direttament il-ftehim politiku fuq il-QFP fir-rigward tal-konċentrazzjoni tal-finanzjamenti fil-bidu tal-perjodu u anke ma jagħtix kas tal-prijoritajiet tal-Parlament, kif spjegati fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-linji gwida ġenerali għat-tnejn tal-baġit tal-2014 u r-rakkomandazzjonijiet dwar il-mandat għat-trilogu rigward il-baġit tal-2014
8. Jiċħad l-argument tal-Kummissjoni li t-tnaqqis propost jikkorrispondi għal programmi li f'it għew implimentati jew li għandhom rendiment baxx, peress li t-tnaqqis tal-impenni min-naħa tal-Kunsill jolqot fil-biċċa l-kbira l-kapaċità ta' implimentazzjoni ta' ġenerazzjoni ġdida ta' programmi pluriennali li għandhom ma bdewx; barra minn hekk, it-tnaqqis tal-pagamenti min-naħa tal-Kunsill jolqot fil-biċċa l-kbira t-tlestija ta' programmi li mhux talli juru rati ta' implimentazzjoni tajbin imma talli saħansitra implimentazzjoni eċċessiva (eż. il-Qafas Strateġiku Komuni għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u l-programmi Galileo, Dwana u Fiscalis taħt l-Intestatura 1a, il-FSE, il-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-Intestatura 1b); jenfasizza b'mod partikolari li t-tali tnaqqis fl-approprjazzjonijiet ta' pagament jinjora kompletament in-natura pluriennali tal-politiki tal-Unjoni, u tal-politika ta' koeżjoni b'mod partikolari; jissottolinja l-fatt li 52 % tal-approprjazzjonijiet ta' pagament mitluba fil-abbozz ta' baġit tal-2014 huma ddedikati għat-tlestija tal-programmi taħt il-QFP 2007-2013;
9. Jiddeplora t-tnaqqis arbitrarju propost mill-Kunsill għal-linji amministrattivi u ta' appoġġ għall-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-programmi fundamentali tal-UE; jikkunsidra li dan it-tnaqqis hu ta' ħsara għat-tnejn b'suċċess tal-programmi l-ġodda, peress li nuqqas ta' kapaċità amministrattiva jinvolti riskju serju ta' tixkil għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE; jiddispijaċih dwar it-tendenza tal-Istati Membri li jagħtu aktar kas li, fil-qasir, jiffrankaw ammonti trivjali u assurdi ta' flus minflok ma jagħtu kas ir-riżultati fit-tul; ireġġa' lura, għalhekk, l-abbozz ta' baġit għal li kien fir-rigward tal-linji kollha ta' nfiq amministrattivi u nfiq ta' appoġġ mnaqqsa mill-Kunsill;
10. Jieħu nota tal-abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-pagamenti li għet adottata mill-Kunsill fil-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit tal-2014; jinsab konvint, madankollu, li sakemm ma tittejjibx b'mod sostanzjali, ma tistax isservi bħala garanzija politika sostanzjali biex jiġi żgurat livell suffiċjenti u xieraq ta' pagamenti fl-2014; jinsab determinat li jipprovi assigurazzjoni u jreġġa' lura t-tendenza ta' dawn l-aħħar snin, fejn il-pagamenti pendenti fi tmiem is-sena kibru b'mod esponenzjali; jistieden għalhekk lill-Kunsill jaqbel li jittieħed impenn politiku konġunt li jintużaw il-mezzi kollha disponibbli skont ir-Regolament dwar il-QFP għall-perjodu 2014-2020, inkluż ir-rikors għall-marġni ta' kontinġenza u/jew ir-reviżjoni tal-limitu massimu għall-pagamenti b'mod li l-programmi l-ġodda ma jiġux ipperikolati u fl-istess ħin li jitnaqqas l-ammont ta' pagamenti pendenti fi tmiem is-sena;

11. Jilqa' l-istqarrija li għamlu xi Stati Membri li għandu jinstab bilanċ aħjar bejn l-impjenji u l-pagamenti b'mod li tiġi evitata s-sitwazzjoni fejn l-Unjoni ma tkunx tista' tissodisfa l-obbligi ġuridiċi tagħha; isib faraġ mill-fatt li diversi delegazzjonijiet tal-Kunsill bdew isemmgħu leħinhom rigward l-istess preokkupazzjonijiet li l-Parlament qajjem ripetutamente tul dawn l-aħħar proċeduri baġitarji;
12. Ma jistax jaċċetta d-deċiżjoni tal-Kunsill li jnaqqas l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament; ifakkar li l-impjenji jirriflettu l-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni u għandhom jiġu stabbiliti bi prospettiva fit-tul, waqt li jitqies żmien meta d-diffikultajiet ekonomiċi jistgħu jkun għaddew; hu tal-fehma, għalhekk, li, bħala regola ġenerali, l-impjenji għandhom jerġgħu lura għal li kienu fil-livell tal-abbozz ta' baġit; bi ħsiebu, madankollu, iżid l-appropriazzjonijiet ta' impenn fit aktar mil-livell fl-abbozz ta' baġit fir-rigward ta' għadd magħżul ta' linji baġitarji li għandhom x'jaqsmu mal-programmi ta' benefiċċju dirett għaċ-ċittadini Ewropej, u li jikkontribwixxu għall-kisba tal-prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020 - li huma kruċjali għat-tkabbir u l-kompetittività tal-Unjoni - kif ukoll dawk li jipprojetaw il-valuri u s-solidarjetà Ewropej 'il barra mill-fruntieri tagħha;
13. Jistabilixxi, għalhekk, li l-livell globali tal-appropriazzjonijiet għall-2014 hu EUR 142 625 miljun u EUR 136 077 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament rispettivament;
14. Jappella, għalhekk, biex l-Istrument ta' Flessibilità jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 274,2 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn; jikkunsidra li - fl-Intestatura 1b - l-Istrument ta' Flessibilità se jsaħħaħ il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn, sakemm jinkiseb il-qbil finali tal-awtorità leġiżlattiva rigward il-bażi ġuridika li hemm bżonn li tirrifletti l-ftehim politiku fuq il-QFP tas-27 ta' Ġunju dwar l-allokazzjoni globali għal dan il-Fond, u se jagħti assistenza addizzjonali lil Ċipru mill-Fondi Strutturali, kif qablu l-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fil-laqgħa tagħhom tas-27 u t-28 ta' Ġunju 2013; jikkunsidra li, fl-Intestatura 4, l-Istrument ta' Flessibilità se jipprovdi appoġġ ulterjuri għall-għajnuna umanitarja fil-Lvant Nofsani;
15. Bi ħsiebu jniedi dibattitu sostanzjali dwar in-naħa tad-dħul fil-proċedura baġitarja annwali, peress li hi parti integrali mill-baġit tal-Unjoni u m'għandhiex tiġi dissoċjata min-naħa tal-infiq; jiddubita f'dan ir-rigward mill-ġustifikazzjoni biex l-Istati Membri jżommu 25 % tar-riżorsi proprji tradizzjonali bħala spejjeż amministrattivi u jappella biex isir skrutinju aktar attent fuq l-użu ta' dan l-ammont; jappella għal ibbaġitjar aktar realistiku tad-dħul mistenni mill-multi imposti mill-Kummissjoni fuq il-kumpaniji li jiksru d-dritt tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u għal diskussjoni ulterjuri rigward l-ibbaġitjar tal-eċċess fil-baġit b'mod li tiġi evitata proċedura kumplessa, inkomprensibbli minn min qiegħed fuq barra, li attwalment tinvolvi l-għoti lura ta' dan l-eċċess lill-Istati Membri permezz ta' tnaqqis mill-kontribut ING rispettiv tagħhom;

Appropriazzjonijiet ta' pagament

16. Jiddeplora t-tnaqqis fil-pagamenti li wettaq il-Kunsill, li minħabba fih hemm EUR 9,5 biljun (9 500 miljun) (-6,6 %) anqas f'appropriazzjonijiet ta' pagament meta mqabbla mal-baġit adottat għall-2013 (inklużi l-baġits emendatorji min-Nru 1 sa 5); itenni l-fatt li, minkejja li ġie adottat QFP iżgħar għall-perjodu 2014-2020 u l-ħtieġa assoluta li l-

impenji tal-imgħoddi jibqgħu jiġu onorati, il-Kunsill baqa' jsegwi bl-għama l-istrateġija passata tiegħu li jnaqqas artifiċjalment il-livell tal-pagamenti, mingħajr ma jqis il-ħtiġijiet reali u waqt li jeżenta relattivament l-infiq taħt għestjoni kondiviża biex jiżgura l-apparenza ta' "redditu fuq l-investment" għall-Istati Membri;

17. Jinnota li dan għara minkejja li l-qagħda fir-rigward tal-pagamenti kienet diġà serja fl-2013, meta, fil-bidu ta' Settembru, l-implimentazzjoni kienet ta' EUR 9 biljuni u EUR 18-il biljun aktar miċ-ċifri korrispondenti fl-2012 u fl-2011 rispettivament fl-istess mument; jisħaq fuq il-fatt li kapaċità ta' assorbiment tant tajba u dejjem tiżdied turi li r-rendiment tal-programmi tal-Unjoni fuq il-post hu effettivament tajjeb; jinsab determinat biex jiżgura li l-implimentazzjoni tal-impenji li ntlaħaq qbil preċedenti dwarhom ma tixxekklix minn limitazzjoni artifiċjali fuq il-pagamenti bbaġitjati;
18. Jikkunsidra li - din is-sena b'mod partikolari - il-pożizzjoni tal-Kunsill li titħalla marġni artifiċjali ta' EUR 1 biljun taħt il-limitu massimu ta' pagamenti għall-2014 m'għandha l-ebda skop u ma tista' tiġi għgustifikata bl-ebda mod, speċjalment minħabba d-daqs tal-pagamenti pendenti li hu mistenni li se jiġu riportati fi tmiem l-2013;
19. Jisħaq fuq il-fatt li l-pożizzjoni tal-Kunsill ma tqisx in-nuqqas drammatiku ta' pagamenti, b'mod speċjali fil-qasam tal-politika ta' koeżjoni; jindika li l-aktar tbassir reċenti (Settembru 2013), ipprovdut mill-Istati Membri nnifishom rigward it-talbiet għal pagament tagħhom li għandhom jitressqu qabel tmiem l-2013, kif ġie kkontrollat u aġġustat mill-Kummissjoni, juri li hu mistenni li se jiġu riportati xi EUR 20 biljun fi tmiem l-2013, anke jekk tiġi adottata kompletament it-tieni tranche tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013 (l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8/2013); ifakkar li t-talbiet għal pagament validi riportati mill-2013 se jkollhom jitnaqqsu minn - u konsegwentement se jnaqqsu - il-livell tal-appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli għall-2014; jisħaq fuq il-fatt li dan se jqiegħed il-baġit tal-2014 taħt pressjoni kbira, fost affarijiet oħra imma mhux l-inqas importanti, minħabba l-livell bla preċedenti tat-talbiet mhux imħallsa u, b'mod aktar ġenerali, tal-impenji pendenti;
20. Jistgħaġeb li ffit mit-tnaqqis fil-pagamenti propost mill-Kunsill jolqot il-programmi Orizzont 2020, COSME u l-FSE, f'oppożizzjoni evidenti għall-ispirtu u l-ittra tal-ftehim politiku fuq il-QFP li ntlaħaq dan l-aħħar li xi appropriazzjonijiet se jiġu kkonċentriati fl-2014 u fl-2015, fil-bidu ta' dawk il-programmi u għall-impenn tal-istituzzjonijiet fl-ogħla livell li jaffrontaw il-qgħad fost iż-żgħażaġh; ifakkar, barra minn hekk, li parti mit-tnaqqis tal-Kunsill tikkonċerna linji li ssaħħu fil-qafas tal-qbil dwar l-ewwel tranche tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013;
21. Jiċħad b'mod qawwi, għalhekk, l-approċċ tal-Kunsill rigward il-pagamenti u jemenda l-pożizzjoni tiegħu rigward il-pagamenti biex jiġi żgurat li t-tnaqqis bejn il-limiti massimi tal-2013 u l-2014 ma jkunx ta' ħsara la għall-implimentazzjoni u t-tlestija kif suppost tal-programmi taħt il-QFP 2007-2013, mingħajr ma wieħed jinsa li, fil-proposta tal-Kummissjoni, 52 % tal-appropriazzjonijiet ta' pagament jindirizzaw impenji pendenti, u lanqas ta' detriment għat-tnedija ta' programmi ġodda;
22. Jiddeċiedi li jreġġa lura għal li kien l-abbozz ta' baġit fil-pagamenti għall-biċċa l-kbira tal-linji mnaqqsa mill-Kunsill; jinnota li, minkejja t-tisħiħ inkluż fl-appropriazzjonijiet ta' pagament fuq għadd limitat ta' partiti baġitarji u tnaqqis varju ieħor fuq partiti baġitarji oħra, il-limitu massimu tal-pagamenti ma jippermettix finanzjament xieraq tal-prijoritajiet

magħżula mill-Parlament; jipproponi, għaldaqstant, wara li eżamina l-possibilitajiet kollha għar-riallokazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagament, li l-Istrument ta' Flessibilità fil-pagamenti jiġi mobilizzat għal ammont ta' EUR 211 miljun għall-finanzjament tal-għajnuna umanitarja;

23. Jittama li l-laqgħa interistituzzjonali dwar il-pagament li ġiet organizzata fis-26 ta' Settembru 2013 se tgħin kemm lill-Parlament u kemm lill-Kunsill jaqblu dwar dan l-impenn politiku konġunt u jsibu pożizzjoni komuni matul il-konċiljazzjoni baġitarja, mingħajr tilwim bla bżonn rigward id-daqs u l-kwalità taċ-ċifri pprovduti mill-Kummissjoni biex titwitta t-triq ħalli jiġi indirizzat kwalunkwe nuqqas fil-pagamenti matul l-eżekuzzjoni tal-baġit tal-2014;
24. Jilqa' l-adozzjoni min-naħa tal-Kummissjoni tal-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 8/2013 (it-tieni tranche tal-abbozz tal-baġit emendatorju Nru 2/2013), li jipprevedi EUR 3,9 biljun addizzjonali għall-pagamenti pendenti mill-2013 u li hi waħda mill-kundizzjonijiet li fuqhom jiddependi jekk issirx il-votazzjoni għar-Regolament dwar il-QFP; jitlob li jiġi adottat malajr u kompletament mill-Kunsill; itenni l-pożizzjoni tiegħu, kif stabbilita fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-3 ta' Lulju 2013, dwar il-qbil politiku rigward il-QFP, li l-Parlament mhux se jagħti l-approvazzjoni tiegħu għar-Regolament dwar il-QFP jew jadotta l-baġit tal-2014 sakemm l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 8/2013, li jkopri t-tieni tranche tal-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 2/2013, ma jkunx ġie adottat mill-Kunsill;

Intestatura 1a

25. Itenni l-fatt li, apparti l-proġetti infrastrutturali fuq skala kbira, l-appropriazzjonijiet għall-Intestatura 1a inklużi fl-abbozz ta' baġit diġà rriżultaw fi tnaqqis ta' EUR 1,1 biljun meta mqabbel mal-baġit tal-2013; jiddeplora l-fatt li apparti u minkejja l-impenji politiċi kollha li ttieħdu dan l-aħħar favur l-oġettivi ta' din l-intestatura mill-Kaprijiet ta' Stat u ta' Gvern, il-Kunsill iddeċieda li jkompli jnaqqas l-impenji tal-Intestatura 1a b'EUR 60 miljun meta mqabbla mal-abbozz ta' baġit;
26. Jisħaq fuq il-fatt li parti mit-tnaqqis tal-Kummissjoni tolqot partikolarment il-programmi identifikati bħala strateġikament importanti għat-tkabbir u l-irkupru ekonomiku mill-Kunsill Ewropew, speċifikament Orizzont 2020 (EUR -43,7 miljun) u COSME (EUR -0,5 miljun); jiddeplora l-fatt li dan jikkontradixxi b'mod miftuħ l-ispirtu u l-ittra tal-ftehim politiku fuq il-QFP li jinkludi arranġamenti għal flessibilità speċifika biex jiġi indirizzat il-qgħad fost iż-żgħażaġh u tissaħħaħ ir-riċerka;
27. Jafferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu favur il-programmi tal-UE fl-oqsma tar-riċerka, il-kompetittività, l-intraprenditorija, l-innovazzjoni u l-inklużjoni soċjali, li huma fil-qalba tal-istrateġija Ewropa 2020; jieħu l-approċċ, għalhekk, li jreġġa' lura l-linji kollha mnaqqsa mill-Kunsill għal li kienu, b'mod li din l-intestatura ma tkomplex tiddgħajef; jieħu d-deċiżjoni, barra minn hekk, li jżid għadd magħżul ta' linji f'ċerti oqsma prijoritarji, bħall-programmi Orizzont 2020, Erasmus +, l-aġenda diġitali, il-politika dwar it-trasport, id-djalogu soċjali, EURES u l-Faċilità ta' Mikrofinanzjament Progress u l-Intraprenditorija Soċjali, l-avvenimenti annwali speċjali u l-kwalità tal-istatistika Ewropea;

28. Jinkorpora fil-qari tiegħu l-ftehim politiku fuq il-QFP li, fl-2014, għandu jkun hemm konċentrazzjoni fil-bidu tal-perjodu tal-programm Orizzont 2020 ta' finanzjament ekwivalenti għal EUR 212,2 miljun (EUR 106,1 miljun għall-Kunsill Ewropew għar-Riċerka u EUR 106,1 miljun għall-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie), tal-programm COSME ta' finanzjament ekwivalenti għal EUR 31,7 miljun u tal-programm Erasmus + ta' finanzjament ekwivalenti għal EUR 137,5 miljun, biex b'kollox l-ammont ikun ta' EUR 381,4 miljun;
29. Japprova wkoll il-konċentrazzjoni korrispondenti ta' finanzjament ekwivalenti għal EUR 381,4 miljun fl-aħħar tal-perjodu, bi qbil mal-ftehim politiku fuq il-QFP u l-Ittra Emendatorja Nru 1/2014 tal-Kummissjoni, li permezz tagħha ITER qed jitnaqqas b'EUR 212,2 miljun u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Enerġija, b'EUR 169,2 miljun, u waqt li dan it-tnaqqis tal-aħħar hu diġà inkluż fl-abbozz ta' baġit, oriġinalment kien maħsub għal skop differenti;
30. Jikkunsidra li xi oqsma għandhom ikunu soġġetti għal tnaqqis immirat u/jew għat-tqegħid fir-riżerva tal-impenji, speċifikament il-komunikazzjoni rigward l-Unjoni Ekonomika u Monetarja minn naħa (EUR -2 miljun) u r-rapportar finanzjarju u l-awditjar min-naħa l-oħra (riżerva sakemm jintlaħaq qbil rigward il-programm rilevanti tal-Unjoni);
31. Jintegra fil-qari tiegħu r-riżultati tan-negozjati leġislattivi magħrufin f'dan l-istadju; jiddeċiedi b'mod partikolari li joħloq għadd ta' linji ġodda b'intrati *pro memoria* taħt il-programm Orizzont 2020 u japprova, għalkemm b'intrati *pro memoria* wkoll, il-linji l-ġodda proposti mill-Kummissjoni fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2014 tagħha; jistenna li l-Kummissjoni tressaq proposta komprensiva biex l-abbozz ta' baġit isir konformi mal-bażijiet legali ġodda għall-programmi kollha milquta fil-qafas tal-konċiljazzjoni rigward il-baġit tal-2014, waqt li tiegħu f'idejha u tikkomplementa l-linji adottati mill-Parlament;
32. Jappoġġa l-ħolqien ta' sottolinja speċifika taħt Erasmus għal Kulħadd immirata biex tiżgura t-trasparenza xierqa fir-rigward tal-azzjonijiet taż-żgħażaġh taħt dan il-programm u jagħmel trasferiment baġitarju ta' 11,5 % tal-allokazzjoni oriġinali għal Erasmus+ favur dik il-linja ddedikata għaż-żgħażaġh; iħassar is-sottolinja maħluqa mill-Kunsill għall-iżgurar ta' għotjiet operattivi għall-aġenziji nazzjonali;
33. Jiddeċiedi li jmur lura għan-nomenklatura tal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti f'dak li għandu x'jaqsam mad-djalogu soċjali; jaqsam, għaldaqstant, din il-linja u l-appropriazzjonijiet tagħha fi tliet sottolinji differenti bħall-imgħoddi;
34. Jinnota li, b'riżultat tal-qari tiegħu, fadal marġni ta' [EUR 65 446 000] taħt l-Intestatura 1a;

Intestatura 1b

35. Jinnota li waqt li l-impenji tħallew prattikament mhux mimsusa (EUR -3,3 miljun biss), il-Kunsill kompli jnaqqas il-livell ta' pagamenti (EUR -202,2 miljun jew -0,4 % meta mqabbel mal-abbozz ta' baġit), biex b'hekk intlaqtu kemm l-Investment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi (EUR -114,151 miljun jew -0,23 %), kif ukoll l-oġettiv għall-kooperazzjoni territorjali Ewropea (EUR -84,805 miljun jew -6,19 %) rispettivament u żied artifizjalment dan il-marġini bi EUR 3,3 miljun biss;

36. Jisħaq fuq il-fatt li l-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni l-iktar li ntlawtu mit-tnaqqis (il-FEŻR: EUR -125,155 miljun, il-Fond ta' Koeżjoni: EUR -44,312 miljun, waqt li l-FSE tnaqqas b'EUR 32,788 miljun); jiddeplora b'mod qawwi l-fatt li 69,33 % tat-tnaqqis globali fil-pagamenti jirrigwarda l-appropriazzjonijiet għat-tlestija tal-programmi mill-perjodi preċedenti (i.e. EUR 98,7 miljun);
37. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni użat bħala bażi għall-prefinanzjament il-livell li ntlawtu qbil dwaru fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fi Frar 2013, kwistjoni li hi soġġetta għan-negożjati settorjali interistituzzjonali li għaddejjin attwalment, fejn il-Parlament għandu d-dritt għal kodeċiżjoni, u għalhekk hemm ir-riskju li jiġi antiċipat ir-riżultat ta' dawn in-negożjati; ifakkar li l-prefinanzjament huwa essenzjali peress li l-Istati Membri u r-reġjuni jirrikjedu biżżejjed finanzjament fil-bidu tal-perjodu sabiex jinvestu fil-proġetti li se jikkontribwixxu għall-isforzi sabiex tingħeleb il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali; itenni, f'dan ir-rigward, il-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali li jintgħażlu l-istess rati ta' prefinanzjament tal-perjodu attwali, minħabba li l-kriżi għadha għaddejjja;
38. Ifakkar li l-Intestatura 1b għandha l-ikbar parti ta' impenji pendenti kurrenti; jinsab fundament imħasseb li l-ammont ta' kontijiet pendenti fi tmiem l-2013 se jammonta għal madwar EUR 20 biljun fil-politika ta' koeżjoni, u se jgħaliq defiċit kbir li se jkollu jittnaqqas minn, u konsegwentement inaqqas il-livell ta' appropriazzjonijiet ta' pagament disponibbli għat-tlestija tal-programmi attwali, kif ukoll għat-tnedija ta' programmi għodda fl-2014; jissottolinja l-fatt li n-nuqqasijiet rikorrenti ta' appropriazzjonijiet ta' pagament kienu l-kawża ewlenija tal-livell għoli ta' impenji pendenti li m'għandux preċedenti, speċjalment fl-aħħar snin tal-perjodu tal-QFP 2007-2013;
39. Jiċħad, għalhekk, it-tnaqqis li daħħal il-Kunsill fir-rigward tal-Intestatura 1b; jikkunsidra li dan kieku jwassal għal nuqqas ħafna iktar serju fil-pagamenti milli diġà huwa mistenni u jxekkel ir-rimborż tar-riżorsi li diġà ntefqu mill-Istati Membri u r-reġjuni benefiċjarji, b'konsegwenzi serji, speċjalment għal dawk l-Istati Membri li diġà qed jiltaqgħu ma' limitazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u finanzjarji;
40. Jiddeċiedi li jreġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal li kien fir-rigward tal-impenji u l-pagamenti għal-linji baġitarji kollha mnaqqsa mill-Kunsill taħt din l-intestatura, u li jmur oltre l-abbozz ta' baġit f'appropriazzjonijiet ta' impenn għal għadd ta' linji, fil-biċċa l-kbira bi qbil mal-Ittra Emendatorja Nru 1/2014 – biex ikun hemm allokkazzjoni mill-Fondi Strutturali għal Ċipru għal ammont totali ta' EUR 100 miljun fi prezzijiet attwali għall-2014;
41. Ifakkar fl-oġġettiv fil-qasam tat-tnaqqis tal-faqar li l-għadd ta' persuni fir-riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali jittnaqqas b'20 miljun tal-anqas, stabbilit permezz tal-istrateġija Ewropa 2020; ifakkar, barra minn hekk, fil-ftehim politiku fuq il-QFP, li permezz tiegħu ntlawtu il-qbil li għandha tiġi prevista żieda addizzjonali ta' massimu ta' EUR 1 biljun (oltre ż-EUR 2,5 biljun diġà miftehma) għall-perjodu 2014-2020 sħiħ għall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn; jiddeċiedi għalhekk li jsaħħaħ lil dan il-fond billi jalloka appropriazzjoni ta' impenn totali ta' EUR 500 miljun għall-azzjonijiet li jippromwovu l-koeżjoni soċjali u jtaffu l-aġġar forom tal-faqar fl-Unjoni;
42. Joħloq żewġ linji baġitarji speċifiċi għall-assistenza teknika għall-istrateġiji tal-Unjoni għall-makroreġjun tal-Baħar Baltiku, waqt li jirrikonoxxi l-implimentazzjoni b'suċċess tagħha fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali, kif ukoll għall-ewwel darba għall-

makroreġjuni tad-Danubju (b'EUR 2,5 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament kull wieħed);

43. Jilqa' l-qbil li ntlaħaq rigward l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ fil-qafas tan-negozjati għall-QFP 2014-2020; jikkunsidra li hemm bżonn livell xieraq ta' finanzjament biex jiġi żgurat li titnieda minnufih b'mod li jiġi affrontat il-qgħad fost iż-żgħażaġh li laħaq livelli bla preċedenti; approves, therefore, the frontloading and the backloading of appropriations for the YEI, as well as the corresponding backloading from the European Territorial Cooperation as proposed by the Commission; itenni l-fatt li, sa mill-2016, se jkun hemm bżonn ta' approprjazzjonijiet addizzjonali biex jiġu żgurati l-effikaċja u s-sostenibbiltà tagħha;
44. Japprova l-ħolqien ta' linji baġitarji speċifiċi ġodda għall-assistenza teknika għall-ħames Fondi Strutturali b'intrata *pro memoria* u rimarki baġitarji korrispondenti, flimkien mal-linji baġitarji eżistenti, b'mod li jkun hemm konformità mat-talbiet tal-Istati Membri, kif indikat fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2014 tal-Kummissjoni; jistenna li dan se jtejjeb l-implimentazzjoni tal-programmi ġodda fil-livell tal-Istati Membri;
45. Jiddispaċih li m'hemm l-ebda marġni ta' mmanuvrar għall-Parlament taħt din l-intestatura; itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-ftehim politiku fuq il-QFP 2014-2020 hu vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet kollha u li l-istrumenti ta' flessibilità pprovduti minn dan il-ftehim għandhom jiġu mobilizzati b'mod li jiġu żgurati t-tnedija f'waqtha u l-livell meħtieġ ta' finanzjament għall-prijoritajiet tiegħu;

Intestatura 2

46. Jinnota li għalkemm l-Intestatura 2 kienet l-anqas li ntlaqtet mit-tnaqqis tal-Kunsill, xi programmi raw tnaqqis fl-approprjazzjonijiet tagħhom, partikolarment il-programm LIFE+, li hu prijorità għall-Parlament (-4,07 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament);
47. Ireġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal li kien fir-rigward tal-linji kollha mnaqqsa mill-Kunsill u jżid l-approprjazzjonijiet ta' impenn għall-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel b'EUR 28 miljun biex jallinja l-approprjazzjonijiet tagħha mal-ftehim politiku li ntlaħaq f'Ġunju 2013 dwar il-Politika Agrikola Komuni l-ġdida għall-perjodu 2014-2020;
48. Japprova l-ħolqien ta' linji baġitarji speċifiċi ġodda b'intrati *pro memoria* għall-assistenza teknika għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, kif indikat fl-Ittra Emendatorja Nru 1/2014 tal-Kummissjoni;

Intestatura 3

49. Ifakkar li l-Intestatura 3, għalkemm hi l-iżgħar intestatura fil-QFP f'termini ta' allokazżjoni finanzjarja, tkopri kwistjonijiet ta' tħassib kruċjali għaċ-ċittadini tal-Unjoni;
50. Jinnota t-tnaqqis għal din l-intestatura diġà propost mill-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit; jiddispaċih dwar il-fatt li l-Kunsill kompli jnaqqas l-approprjazzjonijiet ta' impenn

b'EUR 5,2 miljun (-0,24 % meta mqabbel mal-abbozz ta' baġit) u l-appropriazzjonijiet ta' pagament b'EUR 10 miljun (-0,60 % meta mqabbel mal-abbozz ta' baġit);

51. Jieħu l-approċċ ġenerali li jreġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal li kien fuq il-linji kollha biex jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-programmi u l-azzjonijiet taħt din l-intestatura;
52. Itenni l-appoġġ qawwi li l-Parlament ta b'mod konsistenti biex ikun hemm finanzjament xieraq għall-programmi għad-drittijiet, għaċ-ċittadini u għall-kultura u l-midja li jgawdu minn rati ta' implimentazzjoni għoljin u jipproduċu effetti notevoli ta' lieva u konsegwenzjali u li jiġġeneraw valur miżjud Ewropew ċar u ppruvat billi jħeġġu l-kooperazzjoni transkonfinali u ċ-ċittadinanza attiva; jinsab partikolarment imħasseb rigward it-tnaqqis propost fil-programmi u l-azzjonijiet fi ħdan dawn l-oqsma; jipproponi żidiet fil-livell tal-appropriazzjonijiet oltre l-abbozz ta' baġit għal xi linji baġitarji fi ħdan is-subprogrammi għall-kultura u l-midja, il-programmi L-Ewropa għaċ-Ċittadini u Drittijiet u Ċittadinanza, kif ukoll l-azzjonijiet multimedjatiċi (żieda totali ta' EUR 11,3 miljun f'appropriazzjonijiet ta' impenn);
53. Ifakkar li l-baġit tal-UE hu espost għal riskji multipli bħall-frodi tal-VAT, il-kuntrabandu, il-kontraffazzjoni u l-korruzzjoni li, fil-biċċa l-kbira, huma r-riżultat tal-kriminalità organizzata; jitlob li tingħata prijorità ċara għall-għieda kontra l-frodi fl-UE u l-kriminalità transkonfinali organizzata u, għaldaqstant, għat-tisħiħ tal-korpi u l-aġenziji rispettivi tal-UE involuti fil-projbizzjoni u l-għieda kontra dan it-theddid u l-istrutturi kriminali sottostanti tagħhom b'mod effikaċi;
54. Jisħaq fuq il-fatt li s-solidarjetà bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni għandha tissaħħaħ u li l-baġit tal-UE għandu juri impenn ċar f'dik id-direzzjoni, inkluż kontribut adegwat mill-Istati Membri;
55. Jinnota l-marġni strett li f'it iħalli spazju għall-immanuvrar biex jiġu affrontati sitwazzjonijiet mhux mistennija taħt din l-intestatura;

Intestatura 4

56. Jiddeplora t-tnaqqis tal-Kunsill għall-Intestatura 4 (-0,21 % f'appropriazzjonijiet ta' impenn u -2,5 % f'appropriazzjonijiet ta' pagament), li kienet diġà waħda minn dawk li ntluqtu l-aktar mit-tnaqqis fl-abbozz ta' baġit (-12,5 % f'appropriazzjonijiet ta' impenn u -8,2 % f'appropriazzjonijiet ta' pagament) meta mqabbel mal-livelli tal-2013; itenni l-fatt li, għalkemm tirrappreżenta anqas minn 6 % mill-baġit totali tal-Unjoni, l-Intestatura 4 hija l-projezzjoni tal-impenn tal-UE barra mill-fruntieri tagħha;
57. Jikkunsidra, f'dan ir-rigward, li hu tal-ogħla importanza t-tisħiħ tal-kooperazzjoni, l-intensifikazzjoni tal-koordinament u l-iżvilupp ta' sinerġiji mal-programmi u l-proġetti tal-Istati Membri fil-pajjiżi terzi sabiex tittejjeb l-effikaċja tal-azzjoni esterna tal-UE u jiġu affrontati r-restrizzjonijiet baġitarji attwali;
58. Jikkunsidra li t-tnaqqis mill-Kunsill għal-linji prijoritarji tal-Parlament hu inaċċettabbli u jipproponi li jreġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal li kien fir-rigward tal-linji mnaqqsa mill-Kunsill u li saħansitra jmur oltre l-abbozz ta' baġit fl-appropriazzjonijiet ta' impenn fir-

rigward ta' xi linji ta' importanza strateġika għar-relazzjonijiet esterni tal-UE għal total ta' EUR 233 miljun (l-Għajnuna Umanitarja, l-Istrument Ewropew ta' Viċinat, l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni u l-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem); jappella f'dan il-kuntest għal żieda tal-approprijazzjonijiet għaż-żoni ġeografiċi u l-oqsma tematiċi koperti mill-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, bil-ħsieb li jitħaffef l-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju;

59. Jemmen li, għal implimentazzjoni effikaċi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, irid jiġi żgurat appoġġ akbar għall-pajjiżi sħab impenjati fil-bini ta' soċjetajiet demokratiċi u t-twetliq ta' riformi; iqis is-sitwazzjoni politika attwalment diffiċli fi wħud mill-pajjiżi sħab; jemmen li jrid jiġi żgurat wkoll appoġġ akbar għall-promozzjoni tal-bini tal-fiduċja u miżuri oħrajn li jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-prevenzjoni u s-soluzzjoni tal-kunflitti;
60. Ifakkar fl-importanza tat-trasparenza bħala prinċipju baġitarju fundamentali; jappella, għalhekk, biex il-linja għar-Rappreżentanti Speċjali tal-UE (RSUE) tinqasam sabiex ikun possibbli li tingħata ħarsa ġenerali aħjar tal-allokazzjonijiet għar-RSUE individwali; jipproponi t-trasferiment sħiħ tal-linji baġitarji għar-RSUE lejn il-baġit tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE);
61. Ma jaqbilx mal-proposta tal-Kummissjoni li taqsam il-linji ġeografiċi u tematiċi f'waħda għat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp sostenibbli u oħra għall-kwistjonijiet ta' governanza peress li din in-nomenklatura l-ġdida ma tiddistingwix l-oġettivi mill-mezzi fil-politika dwar l-iżvilupp; jipproponi għaldaqstant nomenklatura aġġornata, li tirrifletti aħjar il-ħtiġijiet tal-politika dwar l-iżvilupp;
62. Jipproponi li l-Istrument ta' Flessibbiltà jiġi mobilizzat għal EUR 50 miljun b'mod li jiffinanzja l-ħtiġijiet reali għall-kontribut tal-Unjoni għall-proċess ta' paċi tal-Lvant Nofsani; itenni, għalhekk, l-appoġġ tiegħu għal programmazzjoni fit-tul u finanzjament suffiċjenti għall-assistenza lill-Aġenzija ta' Fondi u tax-Xogħol tan-Nazzjonijiet Uniti, lill-Palestina u lill-Proċess ta' Paċi; jissuġġerixxi li l-EUR 50 miljun f'approprijazzjonijiet addizzjonali jitqiegħdu fir-riżerva sakemm il-Kummissjoni twettaq valutazzjoni tal-amministrazzjoni tajba tal-għajnuna min-naħa tal-awtoritajiet Palestinjani u l-miżuri li jkunu hađu fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jissottolinja l-fatt li huwa importanti li l-UNRWA tingħata l-mezzi neċessarji sabiex tkun tista' tipprovdni s-servizzi essenzjali biex b'hekk taqdi l-mandat mogħti lilha mill-Assemblea Ġenerali tan-NU, u sabiex tissalvagwardja s-sikurezza u l-għajxien tar-rifuġjati fid-dawl tal-instabbiltà fir-reġjun;
63. Hu tal-opinjoni li, għall-finijiet tat-trasparenza u l-effiċjenza tal-għajnuna, il-politika ta' appoġġ baġitarju dirett għandha tiġi evalwata b'mod kritiku u li l-livell tal-awditjar għandu jitjieb; jenfasizza li f'każijiet ta' frodi u użu ħażin, l-UE għandha tikkanċella l-għajnuna finanzjarja;
64. Jappella għal żieda tal-approprijazzjonijiet ta' pagament għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (EUR +147 miljun) b'mod li tiġi evitata ripetizzjoni tas-sitwazzjoni fejn il-Kummissjoni ma tkunx f'qagħda li tirreaġixxi f'ħin utli għall-kriżijiet umanitarji li jiffaċċaw;

Intestatura 5

65. Huwa sorpriż bit-tnaqqis tal-Kunsill għall-Intestatura 5, li jammonta għal total ta' EUR - 153.283 miljun f'impenji u pagamenti (-1,8 % meta mqabbel mal-livelli tal-abbozz ta' baġit), fejn l-akbar tnaqqis qiegħed fil-Pensjonijiet u l-Iskejjel Ewropej (EUR -5.2 miljun, -3.2 %) u fl-infiq relatat mal-uffiċjali u l-persunal temporanju fl-oqsma ta' politika (EUR - 69.7 miljun jew -3,5 %);
66. Jirrimarka li, fl-abbozz ta' baġit tagħha, il-Kummissjoni diġà inkludiet fil-biċċa l-kbira l-flus li se jiġu ffrankati b'riżultat tar-Regolament il-ġdid tal-Persunal u t-tnaqqis ta' 1 % tal-karigi, kif miftiehem mill-istituzzjonijiet;
67. Iqis li t-tnaqqis addizzjonali tal-infiq amministrattiv li sar mill-Kunsill mhuwiex ġustifikat u ma jikkunsidrax l-obbligi statutorji u kuntrattwali, kif ukoll il-kompetenzi u l-kompiti l-ġodda tal-Unjoni; jinnota li jekk "jitħallew barra l-ammonti relatati mal-aġġustament tas-salarji tal-2011 u l-2012", dan jista' jiżbilanċja ulterjorment il-baġit tal-Unjoni;
68. Jinnota b'mod partikulari li, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ("il-Qorti tal-Ġustizzja") tiddeċiedi fl-2014 favur il-Kummissjoni fir-rigward tal-aġġustament tal-pensjonijiet u s-salarji mill-1 ta' Lulju 2012 li qed jiġi kkontestat, dan mhux se jħalli marġni adegwata taħt il-limiti massimi tal-intestatura 5 sabiex tkun tista' tiġi affrontata tali sitwazzjoni imprevista; jinnota, għaldaqstant, il-fatt li l-Kunsill ma kisibx l-oġġettiv li stabbilixxa għalih innifsu meta adotta din il-pożizzjoni;
69. Ireġġa' lura, għalhekk, l-abbozz ta' baġit għal li kien fir-rigward tal-linji kollha ta' nfiq amministrattiv u nfiq ta' appoġġ u fir-rigward tal-linji kollha fl-Intestatura 5 mnaqqsa mill-Kunsill, ħlief għal-linja "Rimunerazzjoni u allowances" fit-Taqsima III, li qed titnaqqas b'EUR -1.2 miljun biex tkopri l-kontribut tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għall-finanzjament tal-Iskejjel Ewropej ta' Tip II;
70. Jiddeċiedi li jżomm xi approprijazzjonijiet fir-riżerva sakemm jirċievi l-informazzjoni xierqa mill-Kummissjoni relatata mal-aġenziji deċentralizzati u r-rapporti dwar il-ġestjoni tal-assistenza esterna;
71. Jaqsam il-linja għall-infiq tal-OLAF relatat mal-uffiċjali u l-persunal temporanju, biex tirrifletti l-mandat estiż u l-indipendenza msaħħa tas-Segretarjat tal-Kumitat Superviżorju tal-OLAF previsti mir-Regolament il-ġdid dwar l-OLAF;

Aġenziji

72. Jaqbel, bħala regola ġenerali, mal-istimi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ħtiġijiet baġitarji tal-aġenziji; josserva li l-Kummissjoni diġà naqqset b'mod konsiderevoli t-talbiet inizjali tal-biċċa l-kbira tal-aġenziji;
73. Jikkunsidra, għaldaqstant, li kwalunkwe tnaqqis ulterjuri kif propost mill-Kunsill jipperikola l-funzjonament tajjeb tal-aġenziji u ma jippermettilhomx iwettqu l-kompiti assenjati lilhom mill-awtorità leġiżlattiva; jirrifjuta l-approċċ orizzontali adottat mill-Kummissjoni fit-tnaqqis tal-approprijazzjonijiet għall-aġenziji, li l-ħtiġijiet tagħhom

għandhom jiġu vvalutati każ b'każ;

74. Ma jistax jaċċetta, madankollu, l-approċċ adottat mill-Kummissjoni fir-rigward tal-persunal, li jfisser li t-tabella tal-organigramma tal-aġenziji mhux biss se titnaqqas b'1 % abbażi tal-ftehim politiku fuq il-QFP, li japplika għall-istituzzjonijiet u l-entitajiet kollha, iżda l-aġenziji se jkunu suġġetti wkoll għal tnaqqis ulterjuri ta' 1 % ħalli jikkontribwixxu għal riżerva ta' assenjazzjoni mill-ġdid;
75. Jenfasizza l-fatt li t-tnaqqis miftiehem fin-numru tal-persunal għandu jkun ibbażat fuq il-persunal u l-kompiti eżistenti fid-data ta' riferiment tal-31 ta' Diċembru 2012 u li l-assenjazzjoni ta' kompiti ġodda lill-aġenziji eżistenti jew l-istabbiliment ta' aġenziji ġodda għandhom jirriżultaw f'riżorsi addizzjonali;
76. Jimmodifika għalhekk it-tabelli tal-organigramma tal-biċċa kbira tal-aġenziji b'tali mod li jiġi eżegwit it-tnaqqis ta' 1 % miftiehem; ma jagħmilx dan, madankollu, għall-aġenziji li fit-talba inizjali tagħhom kienu diġà applikaw it-tnaqqis 1+1 %; itenni, madankollu, li dan il-kontribut addizzjonali ta' 1 % jeħtieġ li jittieħed inkunsiderazzjoni għall-baġit tal-2015, ħalli l-aġenziji kollha jiġu trattati b'mod uniformi;
77. Jenfasizza l-kompiti addizzjonali li diġà ġew iddelegati lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), kif ukoll kompiti futuri previsti fil-proposti leġiżlattivi li għad iridu jiġu miftiehma, li se jirrikjedu żidiet baġitarji proporzjonati biex dawn ikunu jistgħu jaqdu r-rwol superviżorju tagħhom b'mod sodisfaċenti; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) jeħtieġu linji baġitarji indipendenti u li għandhom isiru finanzjarjament indipendenti mill-awtoritajiet membri nazzjonali tagħhom;
78. Jiddeċiedi li jżid l-appropriazzjonijiet tal-baġit tal-2014 għat-tliet aġenziji ta' superviżjoni finanzjarja; jemmen li dawk l-appropriazzjonijiet għandhom jirriflettu l-bżonn li jitwettqu l-kompiti rikjesti peress li ġew u qed jiġu adottati dejjem iktar regolamenti, deċiżjonijiet u direttivi biex tingħeleb il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali li għandha rabta qawwija mal-istabbiltà tas-settur finanzjarju;
79. Jiddeċiedi wkoll li jżid l-appropriazzjonijiet għall-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u numru ta' aġenziji fl-Intestatura 3 fid-dawl tal-kompiti addizzjonali li ngħatawllhom (Frontex, Europol, iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga, l-Aġenzija Ewropea għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil); iżid l-appropriazzjonijiet għall-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini peress li l-Kummissjoni ħadet kont tad-dħul assenjat fl-abbozz ta' baġit tagħha u dan ma għandux ikun il-każ għall-aġenziji li huma fil-biċċa l-kbira ffinanzjati minn tariffi; jieħu kont tal-possibbiltà li jidhul fis-seħħ ir-Raba' Pakkett Ferrovjarju billi jqiegħed fir-riżerva appropriazzjonijiet addizzjonali għall-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea;
80. Jistieden lill-Kummissjoni tintensifika l-isforzi tagħha ħalli tidentifika, flimkien mal-Istati Membri li jidhru li huma l-aktar riluttanti, l-aġenziji li jistgħu jiġu amalgamati jew tal-anqas jiġu trasferiti sabiex jikkondividu l-bini jew ċerti funzjonijiet amministrattivi;
81. Jistenna, barra minn hekk, li l-Kummissjoni tippreżenta wkoll dikjarazzjoni finanzjarja ġdida meta l-Parlament u l-Kunsill jikkonkludu proċedura leġiżlattiva li testendi l-mandat

ta' aġenzija; huwa konxju li estensjoni bħal din tista' tirrikjedi riżorsi addizzjonali li jkun jeħtieġ li jiġu approvati miż-żewġ istituzzjonijiet;

Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji (PP-AP)

82. Wara li wettaq analiżi bir-reqqa tal-proġetti pilota u tal-azzjonijiet preparatorji mressqa – fejn eżamina r-rata ta' suċċess ta' dawk għaddejjin bħalissa u eskluda l-inizjattivi diġà koperti minn bażijiet ġuridiċi eżistenti u filwaqt li qies bis-sħiħ il-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kapaċità ta' implimentazzjoni tal-proġetti – jiddeċiedi li jadotta pakkett ta' kompromess magħmul minn għadd limitat ta' PP-AP, anke fid-dawl tal-marġnijiet limitati disponibbli;

Taqsimiet oħra

83. Jemmen li l-baġit ta' kull istituzzjoni tal-Unjoni, minħabba l-missjoni u s-sitwazzjoni speċifiċi tagħha, għandu jiġi trattat individwalment, mingħajr soluzzjonijiet tat-tip universali li jgħoddu għal kulħadd, filwaqt li jittieħed kont tal-istadju ta' żvilupp partikolari, il-kompiti operattivi, l-oġettivi ta' ġestjoni, il-ħtiġijiet ta' persunal u l-politiki dwar il-bini ta' kull istituzzjoni;

84. Isostni li l-Parlament u l-Kunsill, filwaqt li jappoġġaw kull tip ta' ffrankar u titjib fl-effiċjenza riżultanti mir-rivalutazzjoni kostanti tal-kompiti attwali u ġodda, għandhom jistabbilixxu livell suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ħalli jiżguraw il-funzjonament tajjeb tal-istituzzjonijiet, ir-rispett għall-obbligi ġuridiċi interni u esterni u l-għoti ta' servizz pubbliku ta' livell professjonali għoli liċ-ċittadini tal-Unjoni;

85. Jinsab imħasseb dwar it-tnaqqis tal-Kunsill, fl-abbozz ta' baġit tal-2014, tal-aġġustamenti tas-salarju tal-persunal ta' 1,7 % għall-2011 u l-2012 f'dawk l-istituzzjonijiet li kienu inkludew impatt annwali ta' dawk l-aġġustamenti fl-istimi baġitarji tagħhom, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja dalwaqt tiddeċiedi fuq dan; jerġa' jdaħħal dik l-ispiża fil-baġit tal-2014 bħala miżura ta' ġestjoni finanzjarja tajba u prudenti; jinsab imħasseb ukoll dwar l-arretrati dejjem akbar tal-kapital u l-interessi li jkunu jridu jħallsu l-istituzzjonijiet, u jinnota li l-Kunsill ma pprevediex approprjazzjonijiet bħala miżura ta' prekawzjoni;

86. Jinsab imħasseb sew, għalhekk, dwar il-fatt li l-marġni għall-pagamenti huwa kważi ineżistenti filwaqt li, għal dak li jirrigwarda l-impjenji, il-marġni tal-Intestatura 5 u s-sottolimitu massimu għall-ispejjeż amministrattivi huma insuffiċjenti; ifakkar li skont l-Artikolu 203 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, l-ispejjeż amministrattivi għandhom ikunu approprjazzjonijiet mhux differenzjati u għalhekk, l-aktar wieħed baxx miż-żewġ limiti massimi huwa deċiżiv; itenni l-fatt li jista' jkun hemm bżonn ta' approprjazzjonijiet ta' pagament addizzjonali sabiex jiġu koperti l-aġġustamenti tas-salarju pendent u jindika li jista' jkun hemm ukoll problema tal-marġni għal dak li jirrigwarda l-impjenji;

87. Jitlob baġit emendatorju sabiex ikopri l-arretrati u l-aġġustamenti korrispondenti tas-salarji, f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi favur l-adattament tas-salarji stabbilit mir-Regolament tal-Persunal; josserva li hemm iffrankar addizzjonali minuri minħabba l-adozzjoni tar-Regolament tal-Persunal li għadu ma ġiex integrat fl-abbozz ta' baġit; jistenna l-proposta tal-Kummissjoni għall-Ittra Emendatorja Nru 2/2014 bid-dettalji eżatti;

jitlob li dak l-iffrankar riżultanti mir-Regolament tal-Persunal jintuża għall-arretrati li jkollhom jitħallsu f'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi favur l-adattament tas-salarji; jitlob lill-Kummissjoni tibgħat l-Ittra Emendatorja Nru 2/2014 fi żmien utli lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex jirriflettu l-kontenut tal-Ittra fil-proċedura baġitarja tal-2014;

88. Jilqa' l-isforzi magħmula mill-istituzzjonijiet sabiex isir iffrankar, fejn possibbli, mingħajr ma jippreġudikaw il-kwalità tas-servizzi tagħhom; jilqa' l-intensifikazzjoni tal-kooperazzjoni interistituzzjonali bħan-negozjati li għaddejjin bħalissa bejn il-Parlament, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni sabiex isaħħu r-rabtiet politiċi tagħhom, itejbu l-effiċjenza u jippromwovu l-mobbiltà tal-persunal insostenn tal-funzjonijiet fundamentali tal-istituzzjonijiet rispettivi;

Taqsimi I – Il-Parlament Ewropew

Qafas ġenerali

89. Ifakkur li huwa insista, meta adotta l-istimi tiegħu għall-2014¹, fuq il-bżonn li jiġi eżerċitat livell għoli ta' responsabbiltà, kontroll u awtolimitazzjoni fil-qasam baġitarju u li jsiru aktar sforzi fl-implimentazzjoni tat-tibdil, l-iffrankar u r-riformi strutturali bil-ħsieb li ż-żieda fil-baġit tinżamm aktar qrib ir-rata ta' inflazzjoni
90. Jenfasizza li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, sabiex joħolqu ffrankar fit-tul fil-baġit tal-UE, għandhom jindirizzaw il-bżonn ta' pjan direzzjonali għal sede unika, kif iddikjarat fir-risoluzzjonijiet preċedenti tiegħu, b'mod partikolari r-risoluzzjonijiet tat-23 ta' Ottubru 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2013 - it-taqsimiet kollha² u tas-6 ta' Frar 2013 dwar il-linji gwida għall-proċedura baġitarja 2014 - Taqsimiet Oħra differenti mill-Kummissjoni³ u d-deċizzjoni tiegħu tal-10 ta' Mejju 2012 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010, Taqsimi I — Il-Parlament Ewropew⁴;
91. Jilqa' l-ftehim milħuq fil-laqgħa ta' konċiljazzjoni tal-24 ta' Settembru 2013 bejn il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits; jirrimarka li l-livell ġenerali tal-baġit tal-2014 tiegħu huwa ta' EUR 1 783 976 098, li jirrappreżenta tnaqqis nett ta' EUR 29 168 108 meta mqabbel mal-abbozz preliminari tal-estimi tas-26 ta' Frar 2013;
92. Jirrimarka li l-livell tal-baġit tal-2014 tiegħu huwa 1,9 % aktar mill-baġit tal-2013; josserva li l-ispejjeż relatati mal-adeżjoni tal-Kroazja u l-ispejjeż ta' darba relatati mal-bidla tal-leġiżlatura jirrappreżentaw rispettivament 0,17 % u 2,1 % ta' din iż-żieda; jenfasizza li, minkejja l-infiq inevitabli relatat mal-bidla tal-leġiżlatura insegwitu tal-

¹ Testi adottati fis-17 ta' April 2013, P7_TA(2013)0173:

² Testi adottati, P7_TA(2012)0359.

³ Testi adottati, P7_TA(2013)0048.

⁴ ĠU L 286, 17.10.2012, p.1.

elezzjonijiet Ewropej tal-2014, hemm tnaqqis nett ta' 0,37 % fil-baġit operattiv bi tnaqqis ulterjuri jekk titqies ir-rata ta' inflazzjoni prevista;

93. Jenfasizza li l-appropriazzjonijiet ġew inklużi fil-baġit tiegħu sabiex ikopru parzjalment l-aġġustamenti tas-salarji għall-2011 u l-2012 li jistgħu jkunu imminenti peress li l-Qorti tal-Ġustizzja dalwaqt li tiddeċiedi fuq dan; jinsab imħasseb sew dwar l-approċċ adottat mill-Kunsill li ma jipprevedix appropriazzjonijiet fil-baġit tiegħu stess u li ma jżommx l-appropriazzjonijiet previsti fil-baġit tal-istituzzjonijiet l-oħra bħala miżura ta' prekawzjoni sabiex jiġu koperti parzjalment l-implikazzjonijiet baġitarji li jistgħu jirriżultaw mis-sentenza mistennija tal-Qorti tal-Ġustizzja; jinnota li, kieku l-Parlament ma pprevedie x appropriazzjonijiet biex ikopru l-aġġustamenti imminenti tas-salarji għall-2011 u l-2012 f'każ ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja maqtugħa f'dan is-sens, mat-tnaqqis nett ta' 0,37 % fil-baġit operattiv għall-2014, kien ikun hemm tnaqqis ulterjuri ta' 1,3 %,

94. Japprova l-aġġustamenti li ġejjin għall-estimi:

- l-integrazzjoni tal-impatt tal-adozzjoni tar-Regolament tal-Persunal il-ġdid u t-tibdil relatat mat-tabella tal-organigramma;
- it-teħid inkunsiderazzjoni tal-iffrankar li sar permezz tas-sostituzzjoni fil-Lussemburgu tal-bini PRES bil-bini GEOS;
- it-tnaqqis tal-appropriazzjonijiet għad-Dar l-Istorja Ewropea dovut għall-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni għall-infiq operattiv u għall-iffrankar li sar internament;
- l-integrazzjoni tal-iffrankar li ġej mill-implimentazzjoni tal-metodi ta' ħidma: "Parlament mingħajr karti";
- it-trasferiment tal-ġestjoni tal-pensjonijiet tal-Membri fis-sens tal-Istatut għall-Membri għal-linja baġitarja speċifika taħt it-Taqsima III, l-istess bħall-pensjonijiet tal-uffiċjali;
- l-għoti ta' riżorsi umani u finanzjarji lid-DĠ għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari l-ġdid insegwitu tal-konklużjoni pożittiva tal-ftehim ta' kooperazzjoni maż-żewġ kumitati (il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni);

Grupp ta' Ħidma Konġunt

95. Jilqa' l-kontinwazzjoni tax-xogħol tal-grupp ta' ħidma dwar il-baġit tal-Parlament bejn il-Bureau u l-Kumitat għall-Baġits, li rriżulta utli fl-ambitu tal-proċess ta' riforma bħala pjattaforma ta' diskussjoni u identifikazzjoni tar-riżervi ta' effiċjenza possibbli bil-għan li dan jikkontrobilanċja l-investimenti neċessarji għal Parlament aktar effikaċi ;

96. Ifakkar is-suċċessi preċedenti tal-grupp ta' ħidma fl-identifikazzjoni ta' strateġiji sabiex ikun hemm iffrankar f'dak li jikkonċerna l-ispejjeż ta' vjaġġar tal-Membri;

97. Isostni li r-riformi mfassla fid-deliberazzjonijiet tal-grupp ta' ħidma bħall-kooperazzjoni interistituzzjonali mal-Kumitat tar-Regġuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, miżuri sabiex jiġu implimentati l-inizjattivi "Parlament mingħajr karti" u l-laqgħat elettroniċi, struttura aktar effiċjenti tal-arranġamenti ta' ħidma tal-Parlament, l-

esternalizzazzjoni tal-pagamenti u l-introduzzjoni ta' softwer ġdid għall-ġestjoni tar-riżorsi umani, jeħtieġ li jitkomplew ħalli titjeb l-effiċjenza u jiġu liberati riżorsi bil-ħsieb li titjeb il-konsulenza xjentifika indipendenti provduta lill-Membri u titjeb il-kapaċità ta' skrutinju tal-Parlament;

Riforma tar-Regolament tal-Persunal

98. Josserva li l-bidliet fir-Regolament tal-Persunal, kif miftiehma mill-Parlament u l-Kunsill permezz tal-proċedura leġislattiva ordinarja, jinkludu metodu ġdid ta' indiċjar tas-salarji tal-persunal u jipprevedu l-iffriżar tal-aġġustament tas-salarji għall-istituzzjonijiet kollha, inkluż il-Parlament, fl-2013 u l-2014, u dan joħloq iffrankar ta' EUR 14,5 miljun fil-baġit tal-Parlament għall-2014;
99. Jieħu kont, barra minn hekk, tal-fatt li modifiki oħra għar-Regolament tal-Persunal, bħall-bidliet fir-regoli relatati mal-ispejjeż annwali għall-ivvjaġġar tal-uffiċjali, se jammontaw għal iffrankar ta' EUR 2.8 miljun, barra mill-ifffrankar ta' EUR 0,8 miljun riżultati mill-aġġustamenti fl-iżvilupp tal-karriera tal-persunal u r-ritmu ta' promozzjoni u l-ħolqien ta' grupp ta' funzjoni SC;
100. Josserva li, fil-każ tal-Parlament, il-proposta tal-Kummissjoni li l-livell globali tal-persunal jitnaqqas b'1 % fis-sena, se tirriżulta fl-eliminazzjoni ta' 67 post fit-tabella tal-organigramma tal-2014; jieħu att tan-Nota tas-Segretarju Ġenerali lill-Bureau tat-2 ta' Settembru 2013 li fiha s-Segretarju Ġenerali ma jittrattax dwar il-bilanċ tal-appoġġ politiku u amministrattiv lill-Membri; jinnota li l-gruppi politiċi ffriżaw ir-riżorsi għall-persunal tagħhom mill-2012, u li l-bżonnijiet tagħhom kienu biss koperti parzjalment fis-sentejn baġitarji preċedenti. jinsisti li l-livell totali tal-persunal fil-gruppi politiċi fl-2014 u s-snin segwenti m'għandux ikun anqas mil-livell attwali;
101. Itenni t-talba tiegħu espressa fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2013 li jiġi ppreżentat pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Persunal rivedut lill-Kumitat għall-Baġits issa li ġew konklużi n-negozjati bejn il-Parlament u l-Kunsill permezz ta' ftehim fuq ir-riforma tar-Regolament tal-Persunal;

Kooperazzjoni ma' Kumitati Konsultattivi

102. Jilqa' n-negozjati li għaddejjin bħalissa bejn il-Parlament, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni sabiex jiġi żviluppat ftehim ta' kooperazzjoni interistituzzjonali bil-ħsieb li tissaħħaħ il-kooperazzjoni;
103. Jissottolinja li l-bidliet previsti fil-tabelli tal-organigramma tal-Parlament, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, relatati mal-ftehim ta' kooperazzjoni interistituzzjonali li qed jiġi nnegozjat, huma direttament konnessi mal-ftehim politiku u, konsegwentement, jistgħu jwasslu għall-konklużjoni finali tiegħu; huwa tal-fehma li r-riżultat ta' din il-kooperazzjoni se jkun trasferiment gradwali tal-persunal kwalifikat mis-servizzi ta' traduzzjoni tal-Kumitati għad-DĠ għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari l-ġdid tal-Parlament (inkluża ż-żieda rispettiva fit-tabella tal-organigramma

tiegħu) ta' massimu ta' 80 post fuq bażi volontarja u l-eliminazzjoni korrispondenti ta' numru ta' postijiet proporzjonali fit-tabelli tal-organigramma tal-Kumitati fis-sena ta' wara t-trasferiment tal-persunal;

Riżerva għall-kontinġenzi

104. Jiddeċiedi, peress li la t-tnedija u lanqas ir-ritmu ta' dan it-trasferiment tal-persunal ma jistgħu jiġu stabbiliti bi preċiżjoni adegwata waqt il-proċedura baġitarja tal-2014, li jżid EUR 0,7 miljun mal-linja baġitarja tal-Parlament relatata mas-salarji, filwaqt li jqiegħed fir-riżerva ammont proporzjonali ta' approprijazzjonijiet fil-linji tal-Kumitati relatati mas-salarji, fl-istennija tal-progress fit-trasferiment tal-persunal; jifhem li fl-aħħar mill-aħħar jista' jiġi trasferit massimu ta' EUR 3,3 miljun mir-riżerva għall-kontinġenzi għal-linja relatata mas-salarji, jekk dan ikun meħtieġ, prevja d-deċiżjoni tal-kumitat kompetenti tal-Parlament; jistenna li ż-żewġ kumitati konsultattivi jnaqqsu proporzjon adegwat ta' approprijazzjonijiet fil-baġits tagħhom stess, fl-istennija tal-progress fit-trasferiment tal-persunal u l-ftehim politiku sottostanti mal-Parlament;

It-trasferiment tal-pensjonijiet tal-Membri

105. Huwa konvint li l-ġestjoni tal-pensjonijiet tal-eks Membri mhijiex parti mill-kompiti operattivi ta' kuljum tal-Parlament u t-tkabbir potenzjali tal-ispejjeż relatati mal-pensjonijiet inaqqsas it-trasparenza tal-baġit; jappoġġa, għalhekk, it-trasferiment tal-ġestjoni tat-tliet tipi ta' pensjonijiet - il-pensjoni ta' rtirar, il-pensjoni tal-invalidità u l-pensjoni tas-superstiti - li huma rregolati fl-Istatut tal-Membri, għat-Taqsima III tal-baġit tal-Unjoni, filwaqt li jkompli jikkonsulta l-Membri u jagħtihom pariri dwar kwistjonijiet relatati mal-pensjoni; jirrimarka li l-konċentrazzjoni tal-ġestjoni tal-pensjonijiet f'istituzzjoni waħda toħloq l-effiċjenza fil-livell amministrattiv;

106. Jinnota li jeħtieġ approċċ baġitarju koerenti għall-għoti ta' informazzjoni dwar l-elezzjonijiet Ewropej tal-2014; jappoġġa, għalhekk, il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-votanti fl-elezzjonijiet tal-2014, l-għoti tal-informazzjoni dwar id-data tal-elezzjoni, u s-sensibilizzazzjoni fost iċ-ċittadini tal-Unjoni billi jiġu informati dwar id-drittijiet elettorali tagħhom u l-impatt tal-Unjoni fuq il-ħajja kwotidjana tagħhom fil-lingwi kollha tal-Unjoni; jemmen li għandha titwettaq evalwazzjoni *ex post* tal-istrateġija ta' komunikazzjoni għall-elezzjonijiet tal-2009 u tal-2014

Iffrankar addizzjonali

107. Jemmen li f'dawn iż-żminijiet ta' trażżin ekonomiku, kull sforz għandu jkun dirett fuq l-iskrutinju tal-baġits tal-istituzzjonijiet għal iffrankar potenzjali billi jiġu introdotti aktar Prattiki li ma jnaqqsu il-kwalità tax-xogħol tal-Membri; ifakkar li l-espressjonijiet viżibbli tal-awtolimitazzjoni jinkludu l-fatt li l-allowances tal-persunal għall-missjonijiet ilhom mill-2007 ma jiġu indiċizzati u l-fatt li l-allowances kollha tal-Membri ġew iffriżati fil-livell tal-2011 sal-aħħar tal-leġiżlatura attwali; jilqa', barra minn hekk, il-pjan biex l-

allowances kollha tal-Membri jiġu ffriżati sal-aħħar tal-2014;

108. Jiddeċiedi, f'dan l-ispirtu, li jnaqqas in-nefqa tal-Parlament b'EUR 9 658 000 apparagun mal-abbozz ta' baġit tal-2014;

109. Inaqqas, fi spirtu ta' autolimitazzjoni, l-appropriazzjonijiet għad-delegazzjonijiet u, għalhekk, in-numru totali tad-delegazzjonijiet għall-Membri ferm aktar mit-tnaqqis deċiż u implimentat fl-aħħar sentejn;

Taqsimiet IV sa X

110. Ifaħħar lill-istituzzjonijiet l-oħra kollha għall-iffrankar u t-titjib fl-effiċjenza li huma diġà inkorporaw fl-abbozzi ta' baġit tagħhom; ireġġa' lura għal li kienu l-aġġustament tas-salarji għall-2011 u l-2012, fid-dawl tas-sentenza imminente tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kwistjoni b'mod konformi mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba u prudenti;

Taqsimi IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja

111. Jaġġusta mill-ġdid ir-rata ta' tnaqqis standard għal 3 %, billi jreġġa' lura l-appropriazzjonijiet ta' EUR 1,43 miljun għal li kienu, sabiex isir użu sħiħ mit-tabella tal-organigramma tal-Qorti tal-Ġustizzja u jiġi żgurati li l-Qorti tal-Ġustizzja tkun tista' taffronta b'mod adegwat ix-xogħol li dejjem qed jiżdied;

112. Iżid il-linji relatati mas-salarji tal-Qorti tal-Ġustizzja oltre l-abbozz ta' baġit ħalli jittieħed kont għall-aġġustamenti tas-salarji tal-persunal għall-2011 u l-2012, li inizjalment ma kinux inklużi fl-istimi baġitarji tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Taqsimi V – Il-Qorti tal-Awdituri

113. Ireġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal dak li kien fir-rigward tal-aġġustamenti tas-salarji tal-persunal għall-2011 u l-2012 li għandhom impatt fuq il-baġit għall-2014, li tneħħew mill-Kunsill matul il-qari tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza imminente tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward;

114. Jesprimi s-sodisfazzjoni partikolari tiegħu għall-awsterità murija mill-Qorti tal-Awdituri u għall-fatt li identifikat fl-abbozz ta' baġit tagħha riżervi interni ta' effiċjenza;

Taqsimi VI – Il-Komitati Ekonomiku u Soċjali Ewropew

115. Ireġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal dak li kien fir-rigward tal-aġġustamenti tas-salarji tal-persunal għall-2011 u l-2012 li għandhom impatt fuq il-baġit għall-2014, li tneħħew mill-Kunsill matul il-qari tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza imminente tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward;

116. Jilqa' n-negozjati li għaddejjin bħalissa bejn il-Parlament u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar ftehim ta' kooperazzjoni u jinkoraġġixxi l-konklużjoni pożittiva tiegħu; iqiegħed fir-riżerva parti mill-appropjazzjonijiet relatati mas-salarji, sakemm ma jiġi ffirmat il-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Parlament u jiġu possibbilment trasferiti b'mod gradwali sa massimu ta' 48 membru tal-persunal, b'nota fit-tabella tal-organigramma li dawk il-postijiet se jiġu eliminati fis-sena ta' wara t-tlestija tat-trasferiment tal-persunal, prevja l-konklużjoni tal-ftehim finali;

Taqsimha VII – Il-Kumitat tar-Reġjuni

117. Ireġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal dak li kien fir-rigward tal-aġġustamenti tas-salarji tal-persunal għall-2011 u l-2012 li għandhom impatt fuq il-baġit għall-2014, li tneħħew mill-Kunsill matul il-qari tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza imminente tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward;

118. Jilqa' n-negozjati li għaddejjin bħalissa bejn il-Parlament u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar ftehim ta' kooperazzjoni u jinkoraġġixxi l-konklużjoni pożittiva tiegħu; iqiegħed fir-riżerva parti mill-appropjazzjonijiet relatati mas-salarji, sakemm ma jiġi ffirmat il-ftehim ta' kooperazzjoni mal-Parlament u jiġu possibbilment trasferiti b'mod gradwali sa massimu ta' 32 membru tal-persunal, b'nota fit-tabella tal-organigramma li dawk il-postijiet se jiġu eliminati fis-sena ta' wara t-tlestija tat-trasferiment tal-persunal;

119. Ireġġa' lura għal dak li kien il-livell tal-abbozz ta' baġit għal-linji relatati mal-ivvjaġġar għall-Membri sabiex jiġi żgurat li l-livell tal-attivitajiet politiċi ma jitnaqqasx;

120. Jinnota li l-Grupp tal-Konservattivi u Riformisti Ewropej (ECR) stabbilixxa grupp politiku ġdid fil-Kumitat tar-Reġjuni; ifakkar li kull grupp politiku għandu jirċievi appoġġ amministrattiv skont id-daqs tiegħu sabiex tiġi faċilitata l-parteċipazzjoni tiegħu fl-attivitajiet politiċi tal-Kumitat;

Taqsimha VIII – L-Ombudsman Ewropew

121. Ireġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal dak li kien fir-rigward tal-aġġustamenti tas-salarji tal-persunal għall-2011 u l-2012 li għandhom impatt fuq il-baġit għall-2014, li tneħħew mill-Kunsill matul il-qari tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza imminente tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward;

122. Jirrikonoxxi l-aproċċ iġġustifikat tal-Ombudsman Ewropew li jifrex fuq ħames snin skont l-iskeda tiegħu t-tnaqqis tal-5 % fl-organigramma, fid-dawl tad-daqs relattivament żgħir tal-istituzzjoni;

Taqsimha IX – Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

123. Ireġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal dak li kien fir-rigward tal-aġġustamenti tas-salarji tal-persunal għall-2011 u l-2012 li għandhom impatt fuq il-baġit għall-2014, li tneħħew

mill-Kunsill matul il-qari tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza imminente tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward;

124. Jirrikonoxxi l-approċċ iġġustifikat tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data li jifrex fuq ħames snin skont l-iskeda tiegħu t-tnaqqis tal-5 % fl-organigramma, fid-dawl tad-daqs relattivament żgħir tal-korp;

Taqsim X – Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

125. Ireġġa' lura l-abbozz ta' baġit għal dak li kien fir-rigward tal-aġġustamenti tas-salarji tal-persunal għall-2011 u l-2012 li għandhom impatt fuq il-baġit għall-2014, li tneħħew mill-Kunsill matul il-qari tiegħu, b'mod partikolari fid-dawl tas-sentenza imminente tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward;

126. Jaġġusta mill-ġdid ir-rata ta' tnaqqis standard għal 5,3 % (billi jerġa' jdaħħal l-appropriazzjonijiet ta' madwar EUR 0,4 miljun) fil-kwartieri ġenerali u għal 2,7 % fid-delegazzjonijiet (EUR 0,5 miljun) sabiex jittieħed kont tal-progress fir-reklutaġġ intiż sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet operattivi;

127. Isaħħaħ l-appropriazzjonijiet relatati mas-sigurtà bl-ammont ta' EUR 5,4 miljun għas-sigurtà tan-netwerks u s-sistemi tal-informatika u l-ammont ta' EUR 0,6 miljun għall-aġenti kuntrattwali;

128. Jirrikonoxxi l-aspirazzjoni tas-SEAE li jagħti segwitu għat-talba tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament li r-RSUE u l-persunal tagħhom jiġu integrati fil-baġit u l-istruttura istituzzjonali tas-SEAE; jinnota li sabiex it-trasferiment tar-riżorsi umani u finanzjarji mill-Kummissjoni għall-baġit tas-SEAE jkun jista' jseħħ, irid jintlaħaq kompromess mal-Kummissjoni u l-Kunsill u barra minn hekk, trid tiġi adottata bażi ġuridika adegwata; jipproponi t-tisħiħ tal-baġit u t-tabella tal-organigramma tas-SEAE;

o

o o

129. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-istituzzjonijiet u lill-entitajiet l-oħra kkonċernati kif ukoll lill-Parlamenti nazzjonali.

ANNEX

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

Dati għall-proċedura baġitarja u modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2013

- A. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu dwar id-dati ewlenin li ġejjin għall-proċedura baġitarja tal-2014:
1. Il-Kunsill se jagħmel ħiltu sabiex jadotta l-pożizzjoni tiegħu u jittrażmettiha lill-Parlament Ewropew sal-11 ta' Settembru 2013, sabiex jiġi ffaċilitat ftehim fi żmien utli mal-Parlament Ewropew;
 2. Il-Kumitat għall-Baġits tal-Parlament Ewropew ser jivvota fuq l-emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-ġimgħa 41 (kmieni f'Ottubru);
 3. Ser jiġi msejjaħ trilogu fis-16 ta' Ottubru waranofsinar qabel il-qari tal-Parlament Ewropew;
 4. Il-Plenarja tal-Parlament Ewropew ser tivvota dwar il-qari tagħha fil-ġimgħa 43;
 5. Il-perijodu ta' Konċiljazzjoni ser jibda fl-24 ta' Ottubru. B'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-punt c tal-Artikolu 314(4) TFUE, iż-żmien disponibbli għall-konċiljazzjoni se jiskadi fit-13 ta' Novembru 2013;
 6. Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jiltaqa' fl-4 ta' Novembru waranofsinar, ospitat mill-Parlament Ewropew u fil-11 ta' Novembru ospitat mill-Kunsill; is-sessjonijiet tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni ser jiġu mħejjija minn trilogi. Huwa skedat trilogu għas-7 ta' Novembru filgħodu. Jistgħu jissejħu trilogi addizzjonali matul il-perijodu ta' konċiljazzjoni ta' 21 jum.
- B. Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni wkoll jaqblu mal-modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni stabbiliti fl-anness, li għandhom ikunu applikabbli sakemm ma jidħol fis-seħħ l-FII l-ġdid.

Modalitajiet għall-funzjonament tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni fl-2013

1. Jekk il-Parlament Ewropew jivvota għal emendi għall-pożizzjoni tal-Kunsill, il-President tal-Kunsill, matul l-istess plenarja, jieħu nota tad-differenzi fil-pożizzjoni taż-żewġ istituzzjonijiet u jagħti l-qbil tiegħu/tagħha lill-President tal-Parlament Ewropew biex immedjatament ilaqqa' l-Kumitat ta' Konċiljazzjoni. L-ittra dwar it-tlaqqiġ tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni tintbagħat fl-istess jum li matulu tkun saret il-votazzjoni fil-plenarja u l-perjodu ta' konċiljazzjoni jibda fil-jum ta' wara. Il-perjodu ta' żmien ta' 21 jum huwa kkalkolat skont ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perjodi, dati u limiti ta' żmien.
2. Jekk il-Kunsill ma jkunx jista' jaqbel dwar l-emendi kollha vvutati mill-Parlament Ewropew, huwa jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu permezz ta' ittra mibgħuta qabel id-data skedata għall-ewwel laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni prevista fil-punt A.6 ta' hawn fuq. F'dan il-każ, il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jipproċedi bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi li ġejjin.
3. Sett komuni ta' dokumenti (dokumenti inizjali) li jqabblu d-diversi passi tal-proċedura baġitarja jsir disponibbli għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni¹. Dan ikun jinkludi ċifri "linja b'linja"², totali skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju u dokument komparattiv kemm għaċ-ċifri kif ukoll għall-kummenti baġitarji bl-emendi skont il-linja baġitarja għal-linji baġitarji kollha meqjusa li huma teknikament "miftuħa". Dawn id-dokumenti jkunu klassifikati skont in-nomenklatura baġitarja.

Dokumenti oħra jiġu mehmuża wkoll mad-dokumenti inizjali għall-Kumitat ta' Konċiljazzjoni³.

4. Bil-ħsieb li jintlaħaq qbil sa tmiem il-perjodu ta' konċiljazzjoni, it-trilogu/i ser:

¹ Id-diversi passi ser jinkludu: il-baġit tal-2013 (inklużi l-baġits emendatorji adottati); l-abbozz ta' baġit inizjali; il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit; l-emendi tal-Parlament Ewropew għall-pożizzjoni tal-Kunsill u l-ittri emendatorji ppreżentati mill-Kummissjoni. Għal finijiet ta' tqabbil, l-abbozz ta' baġit inizjali ser jinkludi biss dawk l-ittri emendatorji li jitqiesu kemm fil-qari tal-Kunsill kif ukoll tal-Parlament Ewropew.

² Linji baġitarji li huma meqjusa bħala teknikament magħluqa ser ikunu evidenzjati fil-materjal inizjali. Linja baġitarja meqjusa teknikament magħluqa hija linja li dwarha ma jkun hemm l-ebda nuqqas ta' qbil bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, u li dwarha ma tkun ġiet ippreżentata l-ebda ittra emendatorja, mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni finali tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni

³ Inkluża "ittra ta' implimentabbiltà" tal-Kummissjoni dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill u l-emendi tal-Parlament Ewropew ittra emendatorja għall-agrikoltura (u oqsma oħra, jekk dan ikun meħtieġ); possibbilment, in-Nota ta' Twissija għall-Previżjoni tal-Baġit tal-ħarifa mħejjija mill-Kummissjoni; u ittri possibbli minn Istituzzjonijiet oħra dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill u l-emendi tal-Parlament Ewropew.

- jiddefinixxi/u l-ambitu tan-negozjati tal-kwistjonijiet baġitarji li għandhom jiġu indirizzati;
- jiddiskuti/u kwistjonijiet pendenti identifikati taħt l-inċiż preċedenti bil-ħsieb tal-possibbiltà li jintlaħaq qbil li għandu jiġi approvat mill-Kumitat ta' Konċiljazzjoni;
- jindirizza(w) kwistjonijiet tematiċi, inkluż skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali, possibbilment abbażi tad-dokument(i) ta' ħidma jew dokument(i) informali.

Safejn possibbli, konklużjonijiet mhux finali jsiru b'mod konġunt matul jew immedjatement wara kull trilogu, b'mod simultanju mal-aġenda tal-laqgħa li jmiss. Tali konklużjonijiet jiġu rreġistrati mill-istituzzjoni li tospita t-trilogu.

5. Kwalunkwe konklużjoni provviżorja tat-trilogi u dokument bil-linji baġitarji li dwaru jkun intlaħaq qbil b'mod tentattiv matul it-trilogi għandhom ikunu disponibbli fil-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni għal approvazzjoni possibbli.
6. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-inizjattivi neċessarji għar-rikonċiljazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill. F'dan ir-rigward, qed jiġu provduti trattament u informazzjoni ugwali kemm lill-Kunsill kif ukoll lill-Parlament Ewropew.
7. It-test konġunt previst fl-Artikolu 314(5) TFUE għandu jiġi stabbilit mis-segretarjati tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill bl-assistenza tal-Kummissjoni. Huwa ser jikkonsisti f'ittra ta' trażmissjoni indirizzata lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jkun fiha d-data tal-qbil fil-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, u annessi, li jkunu jinkludu:
 - ċifri linja b'linja għall-partiti baġitarji kollha¹ u ċifri li jiġbru l-ammonti fil-qosor skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju;
 - dokument konsolidat, li jindika ċ-ċifri u t-test finali tal-emendi maqbula għall-abbozz ta' baġit² jew għall-pożizzjoni tal-Kunsill.

Il-Kumitat ta' Konċiljazzjoni jista' japprova wkoll dikjarazzjonijiet konġunti possibbli fir-rigward tal-baġit għall-2014.

8. It-test konġunt jiġi tradott fil-lingwi kollha (mis-servizzi tal-Parlament Ewropew) u jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni taż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja fi żmien 14-il jum mid-data wara dik tal-qbil dwar it-test konġunt skont il-punt 6 hawn fuq.

Il-baġit ikun soġġett għall-finalizzazzjoni mill-ġuristi lingwisti wara l-adozzjoni tat-test konġunt bl-integrazzjoni taż-żewġ annessi tat-test konġunt mal-linji baġitarji li ma

¹ Linji li mhumiex modifikati fir-rigward tal-abbozz ta' baġit jew il-pożizzjoni tal-Kunsill ser ikunu evidenzjati.

² Inklużi ittri emendatorji meqjusa kemm fil-qari tal-Kunsill kif ukoll tal-Parlament Ewropew.

jkunux ġew modifikati matul il-proċess ta' konċiljazzjoni.

9. L-istituzzjoni li tospita t-trilogu jew il-laqgħa tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni tipprovdi faċilitajiet ta' interpretazzjoni b'reġim lingwistiku sħiħ applikabbli għal-laqgħat tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni u reġim lingwistiku *ad hoc* għat-trilogi.

L-istituzzjoni li tospita l-laqgħa tiżgura r-riproduzzjoni u d-distribuzzjoni tad-dokumenti tal-laqgħa.

Is-servizzi tat-tliet istituzzjonijiet jikkooperaw għall-kodifikazzjoni tar-risultati tan-negozjati sabiex jiġi ffinalizzat it-test kongunt.

10. Bil-ħsieb li jikkompletaw ix-xogħol tal-Kumitat ta' Konċiljazzjoni, l-Istituzzjonijiet se jaġixxu fi spirtu ta' kooperazzjoni leali, billi jiskambjaw informazzjoni u dokumenti rilevanti fi żmien utli fil-livell formali u informali, u jżommu regolarment kuntatt fil-livelli kollha matul il-proċedura baġitarja permezz ta' rwol proattiv assunt min-negozjaturi rispettivi tagħhom.

6.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KUMMERĊ INTERNAZZJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 – it-taqsimiet kollha (2013/2145(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Peter Št'astný

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa', f'kuntest ta' skarsezza tar-riżorsi, il-proposta għal żieda, f'termini ta' pagamenti u ta' impenji, bosta linji baġitarji essenzjali fi ħdan it-titolu dwar il-politika kummerċjali tal-Kummissjoni; jinsab imħasseb, madankollu, dwar il-fatt li dawn iż-żidiet ċkejkin jafu ma jkunux biżżejjed biex jiġi garantit li l-Kummissjoni tkun kapaċi tlaħħaq mal-aġenda ta' negozjati bilaterali tagħha li qed tespandi, inklużi l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-Istati Uniti u mal-Ġappun, biex jiġu implimentati b'mod effiċjenti l-istrumenti ta' difiża kummerċjali tal-UE u sabiex tagħmel l-almu tagħha biex tappoġġa s-sistema kummerċjali multilaterali billi tfassal proposti ġodda u tiegħu inizjattivi konkreti;
2. Jenfasizza li din iż-żieda ċkejknha tal-linja baġitarja ddedikata għall-politika kummerċjali tal-UE għandha tiġi kkomplementata minn riżorsi xierqa u riallokazzjoni tal-persunal fil-Kummissjoni; jinsab sodisfatt bil-proposta ta' żieda sinifikanti fil-persunal li jaħdem fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ, li għandhom jappoġġaw l-influwenza kummerċjali u ekonomika tal-Unjoni f'pajjiżi terzi;
3. Jirrakkomanda li ż-żieda fir-riżorsi fit-titolu tal-politika kummerċjali tal-Kummissjoni għandha tintuża parzjalment biex tgħin ħalli tinbena l-kapaċità tal-Parlament u tas-soċjetà ċivili biex jissorveljaw b'mod xieraq il-kumplessità li dejjem tikber u l-proliferazzjoni tan-negozjati kummerċjali bilaterali tal-UE;
4. Jiddispijaċih rigward it-tnaqqis qawwi fl-appropriazzjonijiet ta' impenn iddestinati għall-Istrument għall-Assistenza Makrofinanzjarja u għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI), li jista' jikkomprometti l-kapaċità tal-Unjoni Ewropea li tistabbilizza u tgħin lill-pajjiżi ġirien tagħha, inklużi dawk li magħhom qiegħda tinnegozja ftehimiet ta' kummerċ ħieles profondi u komprensivi (DCFTAs); jemmen li l-finanzjament tal-ENI għandu,

minħabba r-restrizzjonijiet tiegħu, jiffoka fuq appoġġ u għajjnuna tekniki relatati mal-kummerċ lil sħabna, speċjalment dawk il-pajjiżi fis-Sħubija tal-Lvant li jistgħu dalwaqt jimplementaw DCFTAs konklużi mal-UE kif ukoll mal-pajjiżi tal-Euromed;

5. Jiddeplora wkoll it-tnaqqis drastiku f'termini reali tal-approprijazzjonijiet favur l-Għajjnuna għall-Kummerċ, partikolarment għax din qiegħda tiġi proposta parallelament ma' tnaqqis qawwi tal-finanzjament favur l-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (DCI);
6. Josserva ż-żieda konsiderevoli fil-finanzjament għall-Istrument ta' Sħubija (eks ICI/ICI+), li tirrifletti l-ambitu mwessa' ta' dan l-istrument; isostni l-finanzjamenti notevoli tal-attivitajiet favur l-imprezzi tal-UE fis-swieq terzi; jilqa' l-fatt li r-riżorsi proposti għall-COSME u għall-Istrument ta' Sħubija għandhom jippermettu firxa sħiħa ta' attivitajiet li jappoġġaw l-internazzjonalizzazzjoni tal-SMEs u jfakkar ir-rilevanza li finalment tiġi implimentata l-pjattaforma ta' koordinament għall-SMEs mill-2014;
7. Jinnota b'interess li l-Istrument ta' Sħubija se jiffinanzja l-espansjoni taċ-ċentri ta' negozju tal-UE fl-Asja, wara revizzjonijiet bir-reqqa tal-istrutturi eżistenti fiċ-Ċina u l-Indja, u l-ħolqien ta' Ċentru ta' Negozju fl-Amerika Latina; jemmen li dan il-finanzjament imġedded jimplika li l-Kummissjoni se tqis il-lezzjonijiet kollha meħuda mill-ewwel esperjenzi taċ-ċentri ta' negozju, f'termini ta' sensibilizzazzjoni għall-SMEs, komplementaritajiet ma' strutturi pubbliċi u privati eżistenti tal-UE u tal-Istati Membri u s-sostenibbiltà ta' dawn il-proġetti;
8. Jiddispjaċih li l-fondi li qabel kienu disponibbli fl-"Azzjoni preparatorja: Opportunitajiet għall-internazzjonalizzazzjoni ta' intrapriżi żgħar u medji" tqassmu f'linji differenti, eżatt f'mument ta' kriżi ekonomika bħal dik attwali li fiha l-kummerċ internazzjonali joffri l-unika possibbiltà ta' eżitu għal ħafna SMEs.
9. Jemmen li l-waqqfa tal-limitu massimu annwali li jippermetti użu possibbli tal-Fond Ewropew għall-Globalizzazzjoni għall-perjodu 2014-2020 jista' jaffettwa l-effettività tiegħu, b'mod partikolari peress li l-ambitu ta' benefiċjarji tal-FEG ġie estiż biex jantiċipa l-possibbiltà ta' xi impatt soċjali negattiv ta' liberalizzazzjoni kummerċjali fil-futur mill-Unjoni;
10. Isostni l-proroga għat-tielet sena, sal-2014, tal-Azzjoni Preparatorja "Euromed – imprendituri innovattivi għal bidla", bil-kundizzjoni li l-finanzjament jintuża biex jippromwovi żvilupp ekonomiku sostenibbli, kooperazzjoni reġjonali aktar profonda, tnaqqis fil-qgħad u żieda fl-istandards tal-għajxien għall-popolazzjoni fl-intier tagħha;
11. Iqis li huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti fondi speċifiċi fi ħdan l-aspetti internazzjonali tad-dwani biex tiġi implimentata l-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, li huma fenomenu li qed jikber u li qed jhedded il-kummerċ leġittimu, saħħet il-konsumaturi, u l-investimenti tan-negozji;
12. Iqis li huwa meħtieġ li tiżdied l-allokkazzjoni lill-ILO biex tippromwovi standards tax-xogħol aħjar, kif mitlub fil-ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi u li huma element ewlieni biex il-kummerċ iġib il-prosperità lill-popli;
13. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar il-kapaċità tal-Parlament u s-soċjetà ċivili biex jissorveljaw

b'mod xieraq il-kumplessità li dejjem tikber u l-proliferazzjoni tan-negozjati kummerċjali bilaterali tal-UE, u għalhekk jinsisti fuq il-ħtieġa tal-ħolqien ta' proġett pilota biex tinħoloq organizzazzjoni umbrella (Trade Watch) li tfittex sistematikament li tiġbor l-għarfien analitiku indipendenti kollu li jeħtieġu l-parlamentari sabiex jeżerċitaw il-prerogattiva tal-Parlament li jagħti malajr approvazzjoni informata għall-ftehimiet kummerċjali tal-UE. iqis li issa dan l-element hu partikolarment kruċjali sabiex il-Parlament ikun jista' jsegwi n-negozjati bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar dak li huwa wieħed mill-aktar ftehimiet kummerċjali importanti fid-dinja, li se jkollu ħafna konsegwenzi għas-setturi kollha u għalhekk jeħtieġ monitoraġġ pubbliku.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, David Campbell Bannerman, Mariá Auxiliadora Correa Zamora, George Sabin Cutaş, Yannick Jadot, Metin Kazak, Franziska Keller, Bernd Lange, David Martin, Vital Moreira, Paul Murphy, Franck Proust, Niccolò Rinaldi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Jan Zahradil
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Salvatore Iacolino, Jörg Leichtfried, Emma McClarkin, Miloslav Ransdorf, Marietje Schaake
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Birgit Collin-Langen, Ingeborg Gräßle, Elisabeth Jeggle, Lena Kolarska-Bobińska

6.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SAJD

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2014 - Taqsima III - il-Kummissjoni (2013/2145(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Crescenzo Rivellini

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota d-dewmien tal-Kummissjoni fit-tfassil tal-abbozz ta' baġit għall-2014 u li dan id-dewmien huwa dovut direttament għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020;
2. Jinnota l-istruttura l-ġdida tal-baġit għall-affarijiet marittimi u għas-sajd;
3. Jitlob li l-appropriazzjonijiet tal-baġit għall-2014 ikunu suffiċjenti biex jiġu affrontati l-isfidi tal-Politika Komuni dwar is-Sajd (PKS) li ġiet riformata riċentement u l-iżvilupp tal-Politika Marittima Integrata (PMI);
4. Iħeġġeġ, għaldaqstant, lill-Istati Membri, sabiex isibu s-sinerġiji meħtieġa bejn id-diversi fondi tal-UE, inkluż il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, sabiex jindirizzaw l-isfidi diffiċli ppreżentati mill-kriżi ekonomika ġenerali fl-Ewropa u l-ħtieġa biex irawmu l-iżvilupp tar-reġjuni Ewropej ta' max-xtut u ta' mal-baħar u s-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-settur tas-sajd;
5. Jenfasizza l-importanza tal-proġetti pilota mitluba mill-Parlament u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tkompli bl-isforzi tagħha għat-twettiq tagħhom;
6. Jinnota l-bidla fil-mod ta' ġestjoni minn ġestjoni diretta għal ġestjoni kondiviża tal-appoġġ lin-nefqa tal-Istati Membri fil-qasam tal-kontroll u l-ġbir tad-data; jikkunsidra li din il-bidla għandha tiffaċilita l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-obbligi tagħhom f'dawn l-oqsma, li huma element essenzjali għall-funzjonament xieraq tal-PKS;
7. Jinnota li ammonti sinifikanti relatati mal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar Sajd Sostenibbli

għew imqiegħda fir-riżerva; iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex twettaq negozjati ma' pajjiżi terzi bil-għan li tintlaħaq konklużjoni f'waqtha ta' ftehimiet dwar sajd sostenibbli u vantaġġjuż b'mod reċiproku, li twassal għall-konsum tal-appropriazzjonijiet proposti fil-baġit u li tippermetti li l-flotta tas-sajd tal-UE tikseb il-benefiċċju massimu mill-istaġun tas-sajd tal-2014;

8. Josserva li l-maġġoranza tal-appropriazzjonijiet ta' pagament li ddaħħlu fl-abbozz ta' baġit għall-2014 se jservu biex ikopru l-ħtiġijiet tal-programmi 2007-2013; jagħraf li dawn l-appropriazzjonijiet ta' pagament huma meħtieġa sabiex jonoraw l-impenji tal-passat;
9. Jiddeplora l-proposta tal-Kunsill li jsir tnaqqis fl-appropriazzjonijiet ta' pagament meħtieġa fil-baġit għall-2014, minħabba li dan se jkollu impatt speċifiku fuq il-proġetti u l-programmi mibdija taħt il-perjodu preċedenti ta' programmazzjoni; dan se jkollu impatt b'mod partikolari fuq l-ikkompletar tal-Fond Ewropew għas-Sajd/l-Istrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (għestjoni kondiviża), fejn l-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-abbozz ta' baġit għall-2014 huma diġà taħt il-livell tal-baġit għall-2013;
10. Jiddeplora l-proposta tal-Kunsill li jsir tnaqqis fl-appropriazzjonijiet tal-baġit għall-2014, minħabba li dan se jkollu effett ta' ħsara fuq din l-ewwel sena tal-programm il-ġdid li ġie maħsub sabiex jappoġġja r-riformi u l-inizjattivi politiċi skont il-prijoritajiet tal-istrateġija Ewropa 2020;
11. Jitlob li l-abbozz ta' baġit għall-2014 tal-Kummissjoni jerġa' lura għal li jkun b'dan il-mod.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	John Stuart Agnew, Antonello Antinoro, Kriton Arsenis, Chris Davies, Carmen Fraga Estévez, Dolores García-Hierro Caraballo, Marek Józef Gróbarczyk, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Guido Milana, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Raúl Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Louis Cottigny, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, Jens Nilsson, Nikolaos Salavrakos
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Kozłowski

6.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET BARRANIN

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - it-taqsimiet kollha 2013/2145(BUD)

Rapporteur għal opinjoni: José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Barranin jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddeplora t-tnaqqis sustanzjali ta' 12,5 % fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u t-tnaqqis ta' 8.2 % fl-appropriazzjonijiet ta' pagament għall-Intestatura 4; jenfasizza li saħansitra fi żminijiet ta' żieda fid-dixxiplina u limitazzjonijiet baġitarji, huwa ta' importanza kruċjali li jinżamm il-finanzjament xieraq għall-attivitajiet globali tal-UE biex tkun tista' tikseb l-ambizzjonijiet tagħha stipulati fit-trattat ta' Lisbona; jenfasizza li għandhom isiru l-isforzi kollha biex jiġi limitat it-tnaqqis kbir u r-riperkussjonijiet tiegħu għall-UE bħala attur globali;
2. Jinnota li d-dispożizzjonijiet tal-Abbozz tal-Baġit 2014 ma jaqblux mal-ambizzjonijiet inizjali tal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-QFP 2014-2020 sabiex l-UE ssir attur globali rilevanti;
3. F'dan ir-rigward iqis bħala importanti ħafna t-tisħiħ tal-kooperazzjoni, iż-żieda fil-koordinazzjoni u l-iżvilupp ta' sinerġiji bi programmi u proġetti tal-Istati Membri tal-UE fil-pajjiżi terzi sabiex tittejjeb l-effettività tal-azzjoni esterna tal-UE u jkampaw bir-restrizzjonijiet baġitarji attwali;
4. Jenfasizza, b'hekk, l-importanza li jsir sforz biex, sa fejn hu possibbli, jintlaħaq il-livell tal-baġit tal-2013 f'termini ta' impenji għall-istrumenti finanzjarji tal-politika barranija ewlenin tal-UE biex jiġi żgurat li r-rwol internazzjonali tal-UE ma jiddgħajjifx wisq;
5. Jiddispjaċih dwar it-tnaqqis partikolarment serju applikat għall-Istrument Ewropew ta' Viċinat, li jista' jipperikola b'mod konsiderevoli r-relazzjonijiet mal-Viċinat tal-Lvant u n-Nofsinhar, li huwa wieħed mill-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-UE; jenfasizza li mingħajr il-finanzjament adegwat, il-prinċipju ta' 'iktar għal iktar' bħala l-mekkaniżmu

ewlieni fl-istrumenti finanzjarji rilevanti se jiġi pperikolat fundamentalment; iħeġġeġ bil-qawwa li jitreġġa' lura l-ammont sustanzjali ta' tnaqqis fl-impenji tal-ENI, filwaqt li titqies ukoll is-soċjetà ċivili;

6. Jenfasizza li fin-Nofsinhar tal-Mediterran, hemm hteġa urġenti biex l-UE jkollha rwol attiv u li huwa fl-interess tal-UE li tiġi segwita kooperazzjoni iktar mill-qrib u li jiġu appoġġati iktar żviluppi demokratiċi, attivitajiet ta' riżoluzzjoni tal-kunflitti, kif ukoll l-approssimazzjoni ġuridika mal-pajjiżi fil-Viċinat tal-Lvant b'mod partikolari fir-rigward tas-Samit tas-Sħubija tal-Lvant li jmiss f'Vilnjus; jesprimi t-tħassib tiegħu li t-tnaqqis kbir fl-istrumenti rilevanti, flit ikun fadal possibbiltà li ssir reazzjoni għall-iżviluppi f'daqqa u jinżamm il-livell ta' appoġġ meħtieġ biex jiġu mgħejjuna l-pajjiżi fi tranżizzjoni li jstgħu jipperikolaw fundamentalment l-oġġettivi ta' politika tal-UE fiż-żona; jesprimi l-hteġa li jiġu appoġġati iktar l-isforzi tas-Segretarjat tal-Unjoni għall-Mediterran biex jiġu żviluppati proġetti soċjoekonomiċi konkreti b'ambitu reġjonali;
7. Jenfasizza li l-aspettattivi u l-oġġettivi tas-Sammit tas-Sħubija tal-Lvant ta' Vilnjus ser jeħtieġu segwitu effettiv u jitlob, għalhekk, għal appoġġ finanzjarju adegwat li jiffaċilita lill-Unjoni biex twettaq il-wegħdiet tagħha;
8. Jiddispijaċih li d-distribuzzjoni tat-tnaqqis fl-impenji fost id-diversi strumenti tibqa' mhux spjegata fil-biċċa l-kbira tagħha li joħloq konfużjoni partikolari minħabba d-differenzi kbar fl-estent tat-tnaqqis; jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi kjarifika ulterjuri dwar ir-raġunijiet għal din id-distribuzzjoni tat-tnaqqis;
9. Jinnota li marġni għall-Intestatura 4 tnaqqas din is-sena u jħalli inqas possibbiltà għall-flessibbiltà fir-rigward tal-prijoritajiet ta' politika; jemmen li marġnijiet daqshekk żgħar jistgħu jillimitaw ir-rwol tal-Parlament fin-negozjati tal-baġit;
10. Jenfasizza li t-tfittxija għall-paċi u għall-istabbiltà politika fil-Lvant Nofsani tiżvolġi rwol fundamentali fil-politika barranija tal-UE; itenni, għalhekk, l-appell tiegħu għal programmazzjoni fuq terminu twil u finanzjament suffiċjenti tal-assistenza lill-UNRWA, lill-Palestina u lill-proċess ta' paċi;
11. Hu tal-opinjoni li, minħabba t-trasparenza u l-effiċjenza tal-ġhajjnuna, il-politika ta' appoġġ baġitarju dirett għandha tiġi evalwata b'mod kritiku u li l-livell tal-awditjar għandu jittieġeb; jenfasizza li f'każijiet ta' frodi u użu ħażin, l-UE għandha tikkanċella l-ġhajjnuna finanzjarja;
12. Isaqsi jekk il-livell ta' pagamenti għar-Riżerva għal Ġhajjnuna ta' Emerġenza ikunx suffiċjenti biex jiġi żgurat li l-UE tkun kapaċi tirreaġixxi malajr għal kwalunkwe kriżi urġenti;
13. Jilqa' l-iffrankar li rnexxielu jikseb is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) fil-baġit tiegħu iżda jinnota bi tħassib l-ispejjeż li qed jiżdiedu u jissuġġerixxi l-passi li għandhom jittieħdu lejn l-akkwist ta' bini għad-delegazzjoni fejn ikun ekonomikament sensibbli; jilqa', b'mod simili, it-tentattivi li saru biex jitnaqqas l-għadd ta' postijiet ta' livell għoli iżda jenfasizza li l-isforzi li saru s'issa għandhom mhumiex suffiċjenti; jibqa' jemmen li s-sitwazzjoni speċjali tal-SEAE teħtieġ eżenzjoni parzjali mill-oġġettivi stretti ta' ffrankar imposti fuq istituzzjonijiet oħrajn; iħeġġeġ, f'konformità mar-rakkomandazzjoni tiegħu dwar ir-rieżami tal-2013 tal-organizzazzjoni u l-funzjonament

tal-SEAE biex jitwettaq awditu sistematiku u fil-fond biex jiġu evitati d-dupplikazzjonijiet attwali ta' strutturi relatati mal-politika esterna tal-UE tal-Kummissjoni u s-Segretarjat tal-Kunsill, li jistgħu jirriżultaw f'iffrankar tal-ispejjeż amministrattivi konsiderevoli;

14. Jenfasizza li f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fir-Rieżami tal-SEAE, ir-Rappreżentanti Speċjali tal-UE għandhom jiffurmaw parti intrinsika tal-SEAE skont l-Artikolu 33 tat-TUE; jipproponi tnaqqis ta' 40 % fil-linja baġitarja għall-RSUEs wara ftehim mal-Kunsill dwar it-trasferiment ta' din il-linja baġitarja għall-baġit tal-SEAE.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	4.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 -: 5 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Sir Robert Atkins, Bastiaan Belder, Elmar Brok, Tarja Cronberg, Mário David, Susy De Martini, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Liisa Jaakonsaari, Anneli Jäätteenmäki, Tunne Kelam, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Wolfgang Kreissl-Dörfler, Eduard Kukan, Krzysztof Lisek, Marusya Lyubcheva, Willy Meyer, Francisco José Millán Mon, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Raimon Obiols, Kristiina Ojuland, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Tonino Picula, Mirosław Piotrowski, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Davor Ivo Stier, Charles Tannock, Eleni Theoharous, Geoffrey Van Orden, Nikola Vuljanić, Sir Graham Watson, Karim Zérubi
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Göran Färm, Roberto Gualtieri, Elisabeth Jeggle, Emilio Menéndez del Valle, Doris Pack, Jean Roatta, Marietje Schaake, Alf Svensson, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Dubravka Šuica

4.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET KOSTITUZZJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - it-taqsimiet kollha (2013/2145(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Morten Messerschmidt

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi ħafna Stati Membri jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet baġitarji severi u l-baġit tal-Unjoni jeħtieġ li dan jirriflettih; u billi l-baġit tal-Unjoni jirrappreżenta, fost affarijjet oħra, strument ewlieni li jista' jaġixxi bħala katalizzatur għall-investment, li għandu jiġi jissaħħaħ fi żmien ta' kriżi;
- B. billi l-bidliet introdotti fil-proċedura baġitarja mit-Trattat ta' Lisbona jridu jiġu rrispettati,
 1. Jisħaq fuq il-fatt li l-2014 hija sena elettorali, li tirrikjedi approċċ baġitarju koerenti għall-għoti ta' informazzjoni dwar l-elezzjonijiet Ewropej; jitlob li ssir kampanja biex iċ-ċittadini jiġu informati dwar id-drittijiet elettorali tagħhom, l-impatt tal-Unjoni fuq il-ħajja tagħhom ta' kuljum u r-rwol tal-Parlament Ewropew bħala l-istituzzjoni, li għandha tiġi pprovduta fil-lingwi kollha tal-Unjoni;
 2. Jitlob li ssir valutazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni għall-elezzjonijiet tal-2009 u jisħaq fuq il-bżonn li ssir valutazzjoni simili għall-elezzjonijiet tal-2014;
 3. Jinnota li l-2013 hija s-Sena Ewropea taċ-Ċittadini u jitlob li l-approprijazzjoni fil-baġit tal-2014 tintuża wkoll għal valutazzjoni bir-reqqa ta' dik l-inizjattiva;
 4. Jiddispjaċih li għad fadal problemi marbuta mal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej u jenfasizza l-ħtieġa għal prijorità fil-baġit mhux biss għall-inizjattivi nfushom iżda anke għall-komunikazzjoni tagħhom; jieħu nota li l-problemi loġistiċi kienu immensi u li dawn jeħtieġ jiġu solvuti sabiex titjieb il-popolarità u l-affidabilità tal-Inizjattivi taċ-Ċittadini Ewropej;

5. Hu tal-fehma li l-ftuħ għandu jkun prinċipju bażiku orizzontali fil-proċess baġitarju tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE; jiddispjaċih li għadu ma kienx possibli li jintlaħaq ftehim dwar it-trasparenza sħiħa.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	4.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 14 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Andrew Henry William Brons, Ashley Fox, Roberto Gualtieri, Enrique Guerrero Salom, Gerald Häfner, Stanimir Ilchev, Constance Le Grip, Paulo Rangel, Søren Bo Søndergaard, Indrek Tarand, Rafał Trzaskowski, Luis Yáñez-Barnuevo García
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Zuzana Brzobohatá, Dimitrios Droutsas
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Marino Baldini, Susy De Martini, Andrej Plenković

5.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KULTURA U L-EDUKAZZJONI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - it-taqsimiet kollha (2013/2145(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Morten Løkkegaard

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li l-2014 se tkun l-ewwel sena għat-tnedija u għall-implimentazzjoni tal-programmi pluriennali ġodda fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh, l-isport, il-kultura, il-midja u ċ-ċittadinanza; jilqa' l-fatt li għall-ewwel darba, id-dimensjoni Ewropea fl-isport hija appoġġjata minn programm tal-UE; jevidenzja l-importanza li jkun hemm biżżejjed approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' h̄las biex jiġi żgurati il-funzjonament s̄hih tal-programmi mill-bidu nett tal-perjodu ta' programmazzjoni;
2. Jinsisti li jsiru disponibbli biżżejjed approprjazzjonijiet ta' h̄las għall-implimentazzjoni korretta u s̄hiha tal-impenji politiki għall-2014;
3. Jenfasizza li l-programm il-ġdid għall-edukazzjoni, it-taħriġ, iż-żgħażaġh u l-isport huwa kruċjali għas-suċċess tal-istrateġija Ewropa 2020; ifakkar li, fil-passat, kien hemm domanda partikolarment kbira għall-mobilità taħt l-iskema Erasmus; jisħaq fuq l-importanza ta' dan il-programm u tal-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ għall-impjegabilità taż-żgħażaġh; jitlob għalhekk li tingħata attenzjoni partikolari lil-livell tal-h̄lasijiet għall-mobilità u r-responsabilitàtal-organizzazzjoni relatata mal-faċilità ta' garanzija mill-ewwel sena 'l quddiem; jisħaq madankollu fuq il-fatt li dawn il-programmi ma jistgħux jissostitwixxu l-isforzi u r-riformi strutturali li jridu jagħmlu s-sistemi edukattivi u s-swieq tax-xogħol fl-Istati Membri adatti għall-isfidi tal-ġejjieni;
4. Ifakkar fil-problemi relatati mal-livelli insuffiċjenti tal-h̄lasijiet rigward il-programmi ta' tagħlim tul il-h̄ajja, b'mod partikolari Erasmus, fil-baġit emendatorju tal-2012 u l-baġit tal-2013; jistieden lill-Kunsill jiżgura implimentazzjoni xierqa tal-programm filwaqt li jitqiesu r-rati għolja ta' eżekuzzjoni;

5. Jinsisti li l-appropriazzjonijiet baġitarji għall-azzjonijiet taż-żgħażaġh jiġu stabbiliti permezz ta' linja baġitarja separata, li tirrifletti l-għanijiet speċifiċi tagħhom;
6. Jemmen li l-Olimpjadi Speċjali għandhom jiġu appoġġati taħt linja baġitarja separata sabiex jiġi assigurat il-finanzjament tal-UE għal dan l-avveniment Ewropew f'konformità mad-Dikjarazzjoni tal-2009 tal-Parlament Ewropew dwar l-appoġġ għall-Olimpjadi Speċjali fl-Unjoni Ewropea;
7. Jissottolinja li l-Programm "Ewropa Kreattiva" għandu rwol sinifikanti x'jiżvolġi fl-appoġġ tal-industriji kulturali u kreattivi, li mhux biss jikkontribwixxu għad-diversità kulturali imma anke għall-ekonomija; jiddispijaċih li l-livell tal-appropriazzjonijiet ta' impenn għal dan il-programm fl-Abbozz ta' Baġit tal-Kummissjoni huwa sinifikattivament aktar baxx minn dak għall-programmi li ppreċedewh fl-2013 u jitlob żieda;
8. Jiddeplora l-fatt li l-Abbozz ta' Baġit tal-Kummissjoni jbassar appropriazzjonijiet ta' impenn aktar baxxi għall-Programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" fl-2014 milli fl-2013; jitlob żieda fl-appropriazzjonijiet;
9. Jenfasizza li l-politika ta' komunikazzjoni tal-UE hija ta' importanza kruċjali sabiex tqarreb lill-UE lejn iċ-ċittadini tagħha u tippromwovi l-kuxjenza, il-fehim u l-involviment tagħhom fil-proċess tat-tfassil tal-politika tal-UE; jitlob aktar koperazzjoni interistituzzjonali dwar il-politiki ta' komunikazzjoni qabel l-elezzjonijiet tal-2014.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 17 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Santiago Fisas Ayxela, Lorenzo Fontana, Petra Kammerevert, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Emilio Menéndez del Valle, Marietje Schaake, Marco Scurria, Hannu Takkula, Sabine Verheyen, Milan Zver
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Ivo Belet, Seán Kelly, Iosif Matula, Elisabeth Morin-Chartier
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Raffaele Baldassarre, Marino Baldini, Preslav Borissov, Jens Nilsson

9.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 – it-taqsimiet kollha (2013/2145(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Jutta Haug

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota l-qbil politiku dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014-2020 tas-27 ta' Ġunju 2013, li se jippermetti l-kontinwazzjoni tal-finanzjament ta' politika li jiffoka fuq prijoritajiet ġodda bil-mira li jintlaħqu l-għanijiet tal-istrateġija 2020; jinnota li l-QFP jinkludi ftehim importanti dwar il-flessibilità li se jippermetti l-użu massimu ta' fondi li l-livell tagħhom tnaqqas b'mod sostanzjali mill-Istati Membri meta mqabbel mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni; huwa konvint li livell għoli ta' protezzjoni ambjentali fl-Unjoni Ewropea, is-saħħa bħala prekondizzjoni għall-prosperità ekonomika, is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf u mekkaniżmi li jgħinu fil-ħarsien minn diżastri naturali u minn diżastri kkawżati mill-bniedem huma ta' valur ċentrali għaċ-ċittadini Ewropej kollha;
2. Jenfasizza li l-QFP huwa pjan ta' nfiq li jikkonverti l-prijoritajiet tal-Unjoni f' termini finanzjarji. Mhuwiex baġit għal seba' snin, iżda huwa l-bażi għall-eżerċizzju baġitarju annwali. Jistabbilixxi l-ammonti annwali massimi li l-Unjoni tista' tonfoq f'oqsma politiċi differenti. Għaldaqstant jipprovi qafas politiku kif ukoll baġitarju għall-benefiċċju ta' 500 miljun Ewropew.
3. Jenfasizza li jeħtieġ li l-Ewropa tkun meġġjuna tirkupra mill-kriżi. Il-pjan ta' nfiq jimmira li jinkoraġġixxi agrikoltura aktar ekoloġika u jistabbilixxi Ewropa aktar konxja mill-ambjent. L-infiq marbut mal-klima mistenni jirrappreżenta tal-inqas 20 % tal-infiq tal-Unjoni fil-perjodu 2014-2020.
4. Huwa konxju kompletament li dawn il-politiki u strumenti ta' finanzjament fil-mandat

ta' dan il-kumitat huma żgħar u ma jirċivux attenzjoni daqs programmi u fondi oħra; għalhekk huwa avżat biex ma jaċċettax aktar tnaqqis ta' finanzjament ta' programmi u intestaturi baġitarji peress li l-impatt ma jkunx tollerabbli; jistieden speċjalment lill-Istati Membri u r-reġjuni biex iħarsu lejn l-implimentazzjoni ta' politiki, azzjonijiet u proġetti ambjentali u li ma jagħmlux ħsara lill-klima bħala opportunità biex jitrawwem tkabbir u mhux bħala piż;

5. Jiġbed l-attenzjoni, f'termini ġenerali, għall-Abbozz tal-Baġit 2014 li jissuġġerixxi EUR 142 467,6 miljun f'approprazzjonijiet ta' impenn, li jirrappreżentaw tnaqqis ta' 6 % apparagun tal-baġit tal-2013; jenfasizza, barra minn hekk, li EUR 136 065,8 miljuni huma previsti bħala approprazzjonijiet ta' pagamenti, tnaqqis ta' 5,8 % apparagun tal-2013; jenfasizza wkoll li EUR 10 700 miljun biss tal-ammont tal-pagament huma previsti biex ikopru obbligi mill-programmi ġodda u EUR 70 700 miljun huma ddedikati għall-impenji ta' pagament pendenti;
6. Jieħu nota tal-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-Abbozz tal-Baġit 2014 li jipproponi EUR 142 226,9 miljun f'approprazzjonijiet ta' impenn u EUR 135 004,6 f'approprazzjonijiet ta' pagament li saħansitra jnaqqsu aktar il-proposta inizjali tal-Kummissjoni;
7. Jinsab imħasseb li, f'każ ta' pagamenti insuffiċjenti, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ma tużax l-approprazzjonijiet ta' impenn kollha, u dan imur kontra l-impenn ripetut tal-Parlament fl-oqsma tal-ambjent, is-saħħa, is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf; jikkonkludi, barra minn hekk, li n-nuqqas ta' pagamenti se jagħmel ħsara lir-reputazzjoni tal-Unjoni peress li l-benefiċjarji taħt il-programmi rispettivi jibqgħu ma jitħallsux;
8. Jinnota li l-maġġoranza vasta ta' programmi se jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2013, bħall-Istrument Finanzjarju għall-Protezzjoni Ċivili, il-Programm LIFE u l-Programm dwar is-Saħħa. Iħeġġeġ l-adozzjoni ta' bażijiet ġuridiċi ġodda skont il-proċedura leġislattiva ordinarja qabel il-bidu tal-2014 sabiex il-finanzjament għall-miljuni ta' benefiċjarji tal-Unjoni jkun żgurat; jenfasizza li l-bażijiet ġuridiċi jridu jiġu finalizzati qabel dik id-data.
9. Jinnota li l-programm LIFE jikkostitwixxi sehem ta' 0,28 % tal-Abbozz tal-Baġit 2014 kollu u jirrappreżenta 0,68 % tal-Intestatura 2 (f'impnjenji); jinnota li meta mqabbla mal-2013 iż-żieda tal-finanzjament tal-programm LIFE għandha titqies fil-kuntast ta' kamp ta' applikazzjoni estiż tal-programm, inklużi l-azzjonijiet kollha relatati mat-tibdil fil-klima; jirrikonoxxi, f'dan il-kuntast, li 'Titolu 34' inħoloq biss taħt ir-responsabbiltà tad-DĠ CLIMA;
10. Jinsab allarmat bil-proposta tal-Kunsill li jinqatgħu pagamenti relatati ma' attivitajiet ambjentali u ta' azzjoni klimatika b'EUR 10,7 miljun apparagun tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-imgħoddi, attwali jew mistennija; mhux se jaċċetta dan it-tnaqqis fil-pagamenti peress li l-implimentazzjoni f'dan il-qasam ta' politika minn dejjem kienet sodisfaċenti ħafna; jikkunsidra, għaldaqstant, l-argument tal-Kunsill bħala dgħajjef u l-approċċ adottat mill-Kunsill bħala eżerċizzju purament aritmetiku biex inaqqas b'kollox l-approprazzjonijiet ta' pagament;
11. Huwa favur li tingħata prominenza lir-reġjuni fl-Ewropa li għandhom approċċ integrat

li ma jagħmilx ħsara lill-klima fuq it-trasport, l-ambjent, l-enerġija u l-iskart; jissuġġerixxi li kull ħames snin jingħata premju mill-Kummissjoni lil dawk ir-reġjuni li jilħqu l-objettivi, li jirrikonoxxi l-isforzi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-ewwel ideat ġenerali għall-premju sal-aħħar tal-2013;

12. Jemmen li l-programm għas-saħħa pubblika b'sehem ta' 0,04 % f'impnġi fl-Abbozz tal-Baġit 2014 ma jirriflettix bis-sħiħ l-importanza tas-saħħa bħala valur fiha nnifisha u bħala prerekwiżit għall-promozzjoni tat-tkabbir anke fir-rigward ta' theddid transkonfinali għas-saħħa;
13. Ifakkar li l-inizjattiva Orizzont 2020 se tikkontribwixxi għal objettivi fil-mandat ta' dan il-kumitat bi proġetti ta' riċerka fl-oqsma tal-klima, is-saħħa u l-ambjent; jafferma l-impenn tiegħu għall-monitoraġġ tal-armonizzazzjoni tal-proġetti mal-objettivi korrispondenti u l-progress tal-implimentazzjoni;
14. Iqis li ta' min jinnota li l-ishma rispettivi fl-Intestaturi 2 u 3 fl-Abbozz tal-Baġit 2014 jew iż-żidiet u t-tnaqqis ta' dawk l-intestaturi rispettivi mill-Kummissjoni u l-Kunsill waqt il-proċedura ta' negozjar tal-QFP, għandhom jitqiesu bħal-logħob ta' ħeffa tal-idejn ta' prestigjatur hekk kif, pereżempju, il-Kapitolu 17 04 'Is-sikurezza tal-ikel u tal-ġhalf, is-saħħa tal-annimali, il-benessri tal-annimali, is-saħħa tal-Pjanti' tmexxa mill-Intestatura 2 għall-Intestatura 3;
15. Jenfasizza l-implimentazzjoni b'suċċess tal-programmi tal-Unjoni jew partijiet minnhom minn Aġenziji Eżekuttivi; jinnota li, fil-futur, mhux biss l-implimentazzjoni tal-programm tas-Saħħa se tiġi taħt ir-responsabbiltà tal-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC) iżda barra minn hekk partijiet mill-programm LIFE il-ġdid huma previsti li jitwettqu mill-Aġenzija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (EACI); jenfasizza, madankollu, li d-delega tar-responsabbiltajiet u s-sekondar ta' persunal mill-Kummissjoni għall-Aġenziji Eżekuttivi jitħallsu mill-appropriazzjonijiet operazzjonali tal-programmi filwaqt li fl-istess ħin jonqsu mill-obbligi amministrattivi tal-Kummissjoni;
16. Jenfasizza li l-Proġetti Pilota u l-Azzjonijiet Preparatorji huma għodda ta' valur biex jinbnew attivitajiet u politiki ġodda; itenni li diversi ideat ta' dan il-kumitat ġew implimentati b'suċċess fil-passat; għalhekk se jagħmel aktar użu minn dawk l-istrumenti; jinkoraġġixxi l-użu sħiħ tal-marġini disponibbli taħt kull intestatura;
17. Jemmen li l-aġenziji deċentralizzati għandhom iġarrbu s-sehem ġust ta' tfaddil fuq l-ispejjeż tagħhom kif jagħmlu istituzzjonijiet oħra; jinnota li kooperazzjoni msaħħa bejn l-aġenziji u impenn kontinwu għaż-żieda tal-effiċjenza diġà wasslu għal infiq u użu aħjar ta' fondi; huwa, madankollu, imħasseb serjament dwar l-approċċ li ħadet il-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati peress li t-tnaqqis impost fuqhom, speċjalment fir-riżorsi umani, huwa inġust u inadegwat meta mqabbel ma' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni; mhux se jittollera li ż-żieda ta' persunal f'ċerti aġenziji jew f'aġenziji stabbiliti ġodda għandha tkun ikkumpensata f'aġenziji oħra biex ikun hemm tnaqqis ġenerali tal-persunal ta' 2 % għall-aġenziji kollha, filwaqt li, pereżempju, il-Kummissjoni (inkluża l-Kroazja) tipproponi għaliha nnifisha tnaqqis ta' 0,1 % biss; huwa determinat li jmur lura għal valutazzjoni xierqa każ b'każ tal-ħtiġijiet rispettivi għal kull aġenzija;

18. Se jopponi l-pożizzjoni tal-Kunsill li jnaqqas il-baġit tal-aġenziji taħt ir-responsabbiltà ta' dan il-kumitat b'EUR 2 051 898; jikkunsidra l-ġustifikazzjoni tal-Kunsill li t-tnaqqis jikkorrispondi għall-ammonti tal-aġġustament tas-salarji mill-2011 sal-2012 bħala paraventu minħabba li l-aġenziji huma kkunsidrati mill-Kunsill bħala piż amministrattiv;
19. Jinnota li ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandhom strutturi stabbli ħafna u li fil-preżent mhux qegħdin jiffaċċjaw kompiti addizzjonali kbar u skont l-approċċ tal-Kummissjoni qegħdin jiffaċċjaw tnaqqis fil-persunal ta' 2 %;
20. Huwa konxju li permezz tar-“rieżami tar-Reach” diversi kompiti ġodda, pereżempju fl-oqsma ta' appoġġ miżjud lill-SMEs jew l-identifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib serju ħafna, huma previsti li jiġu assenjati lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA); huwa mħasseb li l-Abbozz tal-Baġit 2014 jipprevedi tnaqqis tal-persunal għall-attivitajiet tar-regolamenti REACH u CLP ta' aktar minn 2 % (ekwivalenti għal tnaqqis ta' 10 postijiet); jinnota wkoll li għall-kuntrarju tat-tħabbira tal-Kummissjoni li kienet se tħallas is-sussidju kollu lill-aġenzija bħala kontribut lill-Iskola Ewropea tat-Tip II mill-Intestatura 5, dan ma ġiex applikat għall-attivitajiet taħt ir-regolamenti REACH u CLP, u l-aġenzija spiċċat responsabbli waħidha għall-pagament jikkunsidra li dan l-approċċ mhux tollerabbli għaliex l-ECHA mhix f'pożizzjoni li tqis dawk l-ispejjeż fir-regolament rispettiv dwar il-miżati;
21. Jinnota t-talbiet addizzjonali mressqa lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) bħall-valutazzjonijiet tar-riskju ambjentali, ir-reazzjoni għat-talba pubblika għal aktar trasparenza u l-iżgurar mill-ġdid tal-indipendenza tal-opinjoni jiet maħruġa; huwa infurmat li l-EFSA kienet ippjanat li tinternalizza ċerti kompetenzi biex tiggarantixxi l-aqwa indipendenza possibbli imma kellha tabbanduna dawk il-pjanijiet minħabba tnaqqis fil-persunal ta' 7 postijiet minflok tnaqqis tollerabbli ta' 4 postijiet;
22. Jenfasizza li l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini hija waħda mill-aġenziji mmexxija mill-industrija li, fl-aħħar tliet snin, ma rċeviet ebda post addizzjonali għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-Farmakoviġilanza, u dan irriżulta fi tnaqqis fir-ritmu fit-trattament tal-fajls; mhux se jaċċetta l-approċċ tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward kif ukoll it-tnaqqis previst ta' 2 % (ekwivalenti għal tnaqqis ta' 12-il post) applikat għall-persunal tal-aġenzija kollu waqt li 5/6 tal-persunal huwa ffinanzjat mill-miżati;
23. B'mod ġenerali mhux konvint li l-esternalizzazzjoni tas-servizzi bil-għan li jitnaqqas il-persunal fil-pjanijiet tal-istabbiliment se tkun aktar kosteffiċjenti fit-tul peress li l-kuntratturi tas-servizzi jeħtieġu superviżjoni u gwida waqt li jfittxu li jagħmlu profitt fl-istess ħin.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 43 -: 4 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Martina Anderson, Elena Oana Antonescu, Kriton Arsenis, Sophie Auconie, Pilar Ayuso, Sandrine Béliet, Sergio Berlato, Franco Bonanini, Biljana Borzan, Milan Cabnoch, Martin Callanan, Yves Cochet, Chris Davies, Esther de Lange, Edite Estrela, Jill Evans, Elisabetta Gardini, Gerben-Jan Gerbrandy, Matthias Groote, Françoise Grossetête, Jolanta Emilia Hibner, Dan Jørgensen, Karin Kadenbach, Christa Klauß, Eija-Riitta Korhola, Jo Leinen, Peter Liese, Linda McAvan, Radvilė Morkūnaitė-Mikulėnienė, Vladko Todorov Panayotov, Gilles Pargneaux, Andrés Perelló Rodríguez, Mario Pirillo, Oreste Rossi, Dagmar Roth-Behrendt, Carl Schlyter, Horst Schnellhardt, Richard Seeber, Dubravka Šuica, Sabine Wils
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Mark Demesmaeker, José Manuel Fernandes, Julie Girling, Jutta Haug, Marusya Lyubcheva, Michèle Rivasi, Christel Schaldemose, Renate Sommer, Vladimir Urutchev
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ashley Fox

9.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAL-LIBERTAJIET ĊIVILI, IL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - it-taqsimiet kollha 2013/2145(BUD)

Rapporteur: Jan Mulder

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jiddispijaciħ dwar it-tnaqqis ta' 9.4 % f'impenji u 11.9 % f'pagamenti fl-Intestatura 3 dwar is-Sigurtà u ċ-Ċittadinanza meta mqabbel mal-baġit 2013, li ssaħħaħ il-kunċett ta' ċittadinanza Ewropea permezz tal-ħolqien ta' żona ta' libertà, ġustizzja, sigurtà u aċċess għal beni u servizzi pubbliċi bażiċi; dan il-kunċett jeħtieġ li jissaħħaħ matul dan iż-żmien ta' kriżi ekonomika u fid-dawl tal-elezzjonijiet Ewropej li ġejjin;
2. Iqis li huwa diffiċli li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-abbozz ta' baġit, meta l-maġġorparti tal-bażijiet ġuridiċi tal-programmi u tal-fondi għadhom qed jiġu nnegozjati;
3. Jinsisti li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiżguraw li l-baġit tal-UE jintnefaq b'mod effiċjenti, u li dak kollu li jiġi ffinanzjat bih għandu jkollu valur miżjud Ewropew ċar; l-Istati Membri għandhom b'mod partikolari, jaqsmu l-kompiti kull fejn possibbli u jżidu l-kooperazzjoni tagħhom;
4. Jenfasizza li s-solidarjetà bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-asil u l-migrazzjoni għandha tissaħħaħ u li l-baġit tal-UE għandu juri impenn ċar f'dik id-direzzjoni, inkluż kontribut adegwat mill-Istati Membri;
5. Jinsisti li l-Aġenziji għandu jkollhom riżorsi adegwati biex jimplimentaw is-sistemi u l-proġetti li ġew approvati reċentement; iqis, għalhekk, li l-baġit tal-Aġenzija Frontex għandu jiżdied biex tiġi pprovduta b'riżorsi suffiċjenti sabiex jitħaddem il-Eurosur bħala sistema pan-Ewropea ta' sorveljanza tal-fruntieri; iqis li riżorsi finanzjarji adegwati se jippermettu lill-Eurosur tnaqqas l-għadd ta' migranti irregolari li jidħlu fl-UE mingħajr ma jkunu osservati, tnaqqas l-għadd ta' migranti irregolari li jtilfu ħajjithom fil-baħar u

tikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' delitti transkonfinali; iqis barra minn hekk li l-baġit tal-Europol u tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Asil (EASO) għandu jżied għall-finanzjament taċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità li għadu kemm ġie stabbilit, kif ukoll għall-pakkett dwar l-asil li ġie adottat reċentement u l-kompiti l-ġodda li jirriżultaw minnu għat-tliet aġenziji;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border-collapse: collapse;"> <tr> <td style="width: 60%;">+:</td> <td style="text-align: right;">40</td> </tr> <tr> <td>–:</td> <td style="text-align: right;">9</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">0</td> </tr> </table>	+:	40	–:	9	0:	0
+:	40						
–:	9						
0:	0						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Philipp Albrecht, Edit Bauer, Emine Bozkurt, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Carlos Coelho, Agustín Díaz de Mera García Consuegra, Frank Engel, Kinga Göncz, Nathalie Griesbeck, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Salvatore Iacolino, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Roberta Metsola, Claude Moraes, Antigoni Papadopoulou, Georgios Papanikolaou, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Rui Tavares, Nils Torvalds, Wim van de Camp, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Cecilia Wikström, Auke Zijlstra						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrew Henry William Brons, Anna Maria Corazza Bildt, Mariya Gabriel, Monika Hohlmeier, Stanimir Ilchev, Iliana Malinova Iotova, Franziska Keller, Jan Mulder, Jens Rohde, Marie-Christine Vergiat, Manfred Weber						
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Davor Ivo Stier						

5.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - it-taqsimiet kollha (2013/2145(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Sven Giegold

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijjet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li għalkemm il-kriżi ekonomika u finanzjarja għadha qed taħkem lill-Ewropa, il-miżuri ta' awsterità stretti u l-inizjattivi kuraġġużi tar-riformi tal-Istati Membri, madankollu, qed jibdeu jagħtu l-frott; mhux se jkun hemm bżonn żieda fil-baġit tal-UE; jinnota bi tħassib kbir li l-kriżi ekonomika u finanzjarja għadha qed taħkem lill-Ewropa. Fid-dawl tal-fatt li l-miżuri ta' awsterità simultanji f'ħafna Stati Membri qed iwasslu għal reċessjoni, l-elementi tal-baġit tal-Unjoni li jsaħħu t-tkabbir ekonomiku u l-ħtieġa għall-impjiegi għandhom jingħataw spinta, ikunu mmirati aħjar u jintużaw b'iktar effiċjenza sabiex l-UE tkun tista' ttipprovi stabbilizzazzjoni kontroċiklika iktar b'saħħitha.
2. Jenfasizza li filwaqt li għandhom isiru sforzi biex jintlaħaq titjib fl-effiċjenza fl-oqsma kollha tal-baġit tal-UE, it-titjib fl-iffrankar għandu jkun ikkonċentrat fuq intestaturi baġitarji li jikkontribwixxu ftit għall-ilħuq tal-objettivi tal-UE 2020, inklużi investimenti futuri; riċerka, innovazzjoni, taħriġ, ħolqien tal-impjiegi, il-ġlieda kontra l-faqar u l-iżvilupp sostenibbli; għalhekk jesprimi t-tħassib tiegħu rigward il-proposta tal-Kummissjoni għal tnaqqis ta' 9,3 % f'approprjazzjonijiet ta' pagament għall-intestatura 1a "Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi";
3. Ifakkar li l-PE fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Frar 2013 dwar ir-Rapport Annwali 2011 tal-Bank Ewropew tal-Investment jenfasizza li "żieda ulterjuri f' [...] il-kapital tkun ta' benefiċċju kbir għall-Unjoni fil-kuntest tal-bżonn tagħha ta' tkabbir ekonomiku".
4. Jirrikonoxxi li l-Parlament Ewropew kien favur ħafna l-ħolqien tal-ASE u jemmen li l-Awtoritajiet huma atturi ewlenin fil-ħolqien ta' swieq finanzjarji aktar stabbli u sikuri. L-

Unjoni Ewropea teħtieġ superviżjoni aktar b' saħħitha u kkoordinata aħjar fil-livell Ewropew.

5. Jenfasizza l-kompiti addizzjonali li diġà ġew iddelegati lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), kif ukoll kompiti futuri previsti fil-proposti leġislattivi li għad iridu jiġu miftiehma, li se jirrikjedu żidiet baġitarji proporzjonati biex dawn ikunu jistgħu jaqdu r-rwol superviżorju tagħhom b' mod sodisfaċenti; ifakkar fil-pożizzjoni tiegħu li l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) jeħtieġu intestaturi baġitarji indipendenti u li għandhom isiru finanzjarjament indipendenti mill-awtoritajiet membri nazzjonali tagħhom;
6. Jikkonkludi li l-finanzjament attwali tal-ASE, b'arranġament finanzjarju mħallat, mhuwiex flessibbli, joħloq piż amministrattiv, u huwa theddida għall-indipendenza tal-aġenziji.
7. Iqis li meta l-ħlasijiet ta' superviżjoni, li huma imposti mill-ASE fuq l-industrija, jintużaw biex jiffinanzjaw il-persunal fi ħdan l-ASE, dan il-persunal m'għandux jitqies bħala l-organigramma kumplessiva ta' dik l-istituzzjoni.
8. Jistieden lill-Kummissjoni tesplora possibilitajiet għal finanzjament ġdid, sostenibbli u fit-tul tal-ASE, li jissalvagwardja l-indipendenza tagħha fl-eżami li jmiss tal-ħidma u l-arranġamenti finanzjarji tal-Aġenziji; il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-eżami tal-aġenziji sat-2 ta' Jannar 2014.
9. Jilqa' l-kompetenzi indipendenti u l-bini ta' kapaċità li qed jevolvu fir-rigward tar-regolamentazzjoni tas-suq finanzjarju, li għal skopijiet ta' kontinwità u konsolidazzjoni jirrikjedi finanzjament ulterjuri tal-UE.
10. Fid-dawl li hija meħtieġa statistika Ewropea iktar abbundanti, aħjar u disponibbli b' iktar rapidità, jappoġġa t-tisħiħ tal-baġit tal-Eurostat permezz ta' żieda fit-tariffi tiegħu.
11. Sabiex il-ġlieda kontra l-ġurisdizzjonijiet ta' segretezza u l-evażjoni tat-taxxa transkonfinali tkun suċċess, jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu d-dispożizzjonijiet baġitarji fil-qasam tal-governanza u l-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa; ifakkar li l-investment f'dan il-qasam se jrendi dħul addizzjonali kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-Unjoni Ewropea.
12. Jinnota li l-programm Prince għall-“Komunikazzjoni dwar l-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż l-euro” jirċievi finanzjament sostanzjali, u li għandu jiġi previst tnaqqis.
13. Jenfasizza li l-programm tal-Unjoni biex jiġu appoġġati attivitajiet speċifiċi fil-qasam tar-rapportar finanzjarju u l-awditjar finanzjarju għall-perjodu 2014-2020 kif propost mill-Kummissjoni Ewropea jirrikjedi modifiki, b' mod partikolari fir-rigward tat-trasparenza u r-responsabilità, qabel ma jkun jista' jiġi adottat mill-koleġislaturi. Jikkunsidra, għalhekk, li huwa ta' importanza vitali li l-ammonti previsti jitqiegħdu f'riżerva u tiġi esplorata l-possibilità li jitnaqqas il-pakkett previst kif ukoll li ssir bidla għal impenn ta' finanzjament iżgħar.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border: none;"> <tr> <td style="width: 100px;">+:</td> <td style="text-align: right;">23</td> </tr> <tr> <td>-:</td> <td style="text-align: right;">12</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">7</td> </tr> </table>	+:	23	-:	12	0:	7
+:	23						
-:	12						
0:	7						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Marino Baldini, Jean-Paul Basset, Sharon Bowles, George Sabin Cutaş, Rachida Dati, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Syed Kamall, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Philippe Lamberts, Werner Langen, Astrid Lulling, Ivana Maletić, Hans-Peter Martin, Arlene McCarthy, Marlene Mizzi, Sławomir Nitras, Ivari Padar, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Sampo Terho, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool, Pablo Zalba Bidegain						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Sari Essayah, Ashley Fox, Danuta Jazłowiecka, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Sirpa Pietikäinen, Andreas Schwab, Emilie Turunen						
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Falbr, Stephen Hughes						

6.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - it-taqsimiet kollha (2013/2145(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Ildikó Gáll-Pelcz

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li t-tnaqqis riċenti fir-ritmu ekonomiku kixef għadd ta' nuqqasijiet u inkonsistenzi fis-Suq Uniku li kellhom implikazzjonijiet negattivi fuq il-fiduċja tal-konsumatur u taċ-ċittadin; jagħraf ir-restrizzjonijiet baġitarji li taħthom qed tiffunzjona l-Unjoni attwalment; jitlob biex ikun hemm impenji u pagamenti sabiex jirriflettu valur miżjud ċar u ġestjoni effiċjenti massima, u jitlob biex ikun hemm infiq aħjar fil-baġit billi jkunu provduti l-mezzi finanzjarji adegwati bil-għan li tkun appoġġjata strateġija għal tkabbir intelliġenti u sostenibbli;
2. Jinsab konvint li l-politika tal-konsumatur hi prijorità ewlenija għall-Unjoni Ewropea u dan għandu jkun rifless fil-baġit għal dan il-qasam ta' politika; f'dan ir-rigward, jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tagħti kull attenzjoni u diliġenza dovuta lid-dettalji previsti fir-Rapport dwar aġenda ġdida għall-politika tal-konsumaturi Ewropej (2012/2133(INI)) għall-perjodu 2014-2020 adottat mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Ġunju 2013;
3. Ihegġegħ sabiex jinżamm il-pakkett finanzjarju inizjalment propost mill-Kummissjoni fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali dwar il-programm tal-Konsumatur (i.e. EUR 197 000 000); jikkunsidra neċessarju li jintuża ammont limitat tal-"marġni" previst għall-Intestatura 3 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (i.e. EUR 40 miljun fuq il-perjodu kollu mill-marġni totali disponibbli għall-Intestatura 3, EUR 686 900 000) sabiex tiġi ffinanzjata l-għodda multilingwistika għall-pjattaforma tal-ODR; ifakkar li din il-faċilità multilingwistika ntlaħaq qbil dwarha miż-żewġ koleġiżlaturi u kienet adottata fir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2013 fil-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ODR; jinnota li l-użu tal-marġni ddedikat għall-Intestatura

tal-QFP huwa konformi mal-abbozz tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni dwar "dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja soda" (Parti II, Punt B, paragrafu 16);

4. Jagħraf l-importanza tal-‘Forum tas-Suq Uniku’ u jitlob estensjoni tal-Azzjoni Preparatorja tiegħu għas-sena 2014 (EUR 1 200 000 għal Impenji kemm ta’ Pagament u kemm ta’ Approprjazzjoni); jindika li dan il-forum għandu jiġi integrat f’kampanja kontinwa fil-livell tal-Unjoni sabiex iqajjem il-kuxjenza dwar id-drittijiet u l-interessi tal-konsumaturi;
5. Iqis importanti li jiġi stabbilit Proġett Pilota ġdid intitolat "Your Europe Travel (YET) Applikazzjoni għal Apparat Mobbli" li tkun toffri informazzjoni ġenerali dwar kwistjonijiet transkonfinali fi kwalunkwe waħda mil-lingwi tal-UE, permezz ta’ punt uniku li jista’ jaqdi kull bżonn u sabiex tgħin lill-vjaġġaturi meta jiltaqgħu ma’ problemi meta jkunu barra minn pajjiżhom u jkollhom aċċess limitat għall-informazzjoni u servizzi ta’ konsulenza (EUR 650 000 għal Approprjazzjonijiet ta’ Impenn u EUR 350 000 għal Approprjazzjonijiet ta’ Pagament); dan il-proġett għandu jipprovdi lill-konsumaturi b’informazzjoni Prattika u jiffoka fuq sitwazzjonijiet transkonfinali li jistgħu jinqalgħu fil-ħajja ta’ kuljum, dwar suġġetti li jvarjaw minn informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u l-viżi, id-drittijiet tal-passiġġieri u tal-konsumaturi, tesseri tas-saħħa, sistemi ta’ pagament, sinjali tat-toroq u ċ-Ċentri Ewropej għall-Konsumatur li jistgħu jipprovdu assistenza u pariri f’kull pajjiż tal-UE, fin-Norveġja u fl-Islanda;
6. Jilqa’ ż-żieda fil-finanzjament tal-ġhodda tal-Governanza tas-Suq Intern (linja tal-baġit Nru 12 02 02); jenfasizza li SOLVIT wera l-effikaċja tiegħu fir-riżoluzzjoni tal-problemi li jolqtu liċ-ċittadini; itenni l-appoġġ tiegħu għal-linja tal-baġit dwar l-istrumenti tas-suq uniku, jikkunsidra li għandu jkun hemm iktar sforzi sabiex SOLVIT jiġi integrat aħjar fil-bosta servizzi ta’ assistenza u ġhodda tal-infurzar disponibbli fuq livell nazzjonali u fuq livell tal-Unjoni;
7. Jemmen li bħala prijorità ewlenija tal-UE għandu jkun hemm l-appoġġ għall-ekonomija reali; ihegġegġ sabiex l-SMEs jagħmlu l-akbar użu possibbli minn dan l-appoġġ finanzjarju;
8. Jindika li l-SME’s huma responsabbli għall-biċċa l-kbira tal-produzzjoni u l-impjiegi fis-settur privat u li bħalissa qegħdin isibu l-kundizzjonijiet ta’ kreditu partikolarment diffiċli f’termini ta’ garanziji għal self, suffiċjenza tal-kapital u bidliet fl-impatti tal-averżjoni għar-riskju fis-self tal-SME; għaldaqstant, isejjaħ lill-Istati Membri sabiex iżommu l-pakkett finanzjarju għall-programm COSME u sabiex ireġġgħu lura għal li kienet il-linja tal-baġit 02 01 04 01;
9. Jagħraf il-ħtieġa li jinżamm pakkett finanzjarju bilanċjat għall-programm "Dwana" li għandu għall-inqas ikun ugwali għall-ammont imniżżel fil-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, i.e. EUR 548 080 000; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħaħ l-oġettivi ġenerali oriġinali tal-programm li jappoġġja l-funzjonament tal-unjoni doganali u li jsaħħaħ is-suq intern permezz ta’ oġettivi speċifiċi u ta’ oġettivi operazzjonali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 2 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Claudette Abela Baldacchino, Adam Bielan, Preslav Borissov, Birgit Collin-Langen, Lara Comi, Cornelis de Jong, Małgorzata Handzlik, Malcolm Harbour, María Irigoyen Pérez, Philippe Juvin, Hans-Peter Mayer, Franz Obermayr, Sirpa Pietikäinen, Phil Prendergast, Zuzana Roithová, Heide Rühle, Andreas Schwab, Olga Sehnalová, Catherine Stihler, Emilie Turunen, Barbara Weiler
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ildikó Gáll-Pelcz, Liem Hoang Ngoc, Pier Antonio Panzeri, Olle Schmidt, Marc Tarabella, Wim van de Camp, Patricia van der Kammen

6.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 - it-taqsimiet kollha (2013/2145(BUD))

Rapporteur: Csaba Öry

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-abbozz ta' baġit 2014, b'EUR 142.01 biljun f'impjenji u EUR 135.9 biljun f'pagamenti, huwa 6 % inqas mill-Baġit 2013; jenfasizza li minkejja t-tnaqqis, l-impjenji fil-qasam tal-kompetittività, it-tkabbir u l-impjiegi żdiedu bi 3.3 %; jiddispaċih, madankollu, dwar it-tnaqqis bi 13.1 % tal-Kategorija 1B;
2. Jenfasizza l-ħtieġa ta' QFP adegwat li jippermetti li jintlaħqu l-għanijiet soċjali u tal-impjiegi f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020;
3. Jilqa' l-fatt li l-finanzjament disponibbli fil-QFP għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaġħ se jingħata prijorità fl-ewwel sentejn sabiex jiġġieled kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jassorbu l-finanzjament disponibbli għal dan l-istrument b'mod effiċjenti u rapidu u jistenna mill-Istati Membri programmi mhux burokratiċi dwar il-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh mill-aktar fis possibbli;
4. Jistieden lill-Kummissjoni tikkjarifika kif se jintużaw l-allokkazzjonijiet iddedikati għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh, liema ammonti se jiġu ddedikati direttament lill-garanzija għaż-żgħażaġh u liema metodu se jintuża għall-marġni annwali għal dan l-iskop kif miftiehem fil-QFP;
5. Jilqa' l-fatt li l-linja baġitarja FEG tinkludi approprjazzjonijiet ta' pagament minkejja li dawn għandhom ikunu oġhla; jinsab, madankollu, diżappuntat bil-limitu massimu annwali allokat għal dan il-Fond fil-ftehim QFP u jtenni t-talba tiegħu biex jiżdied il-limitu massimu annwali għal EUR 500 miljun, peress li parti minn din is-somma ser tiġi allokata għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażaġh;

6. Jenfasizza, fid-dawl taż-żieda fil-qgħad fost iż-żgħażaġh, il-ħtieġa għal approprjazzjonijiet ġodda għall-azzjoni preparatorja ‘Żgħażaġħ Attivi’;
7. Jenfasizza l-bżonn ta’ aktar impenji li jappoġġaw lill-ħaddiema migranti u ppostjati permezz tal-azzjoni preparatorja ‘Ċentri ta’ informazzjoni għal ħaddiema ppostjati u ħaddiema migranti’ u t-titjib tal-miżuri biex jiġu promossi skemi ta’ parteċipazzjoni azzjonarja għall-impjegati permezz tal-proġett pilota dwar is-sjeda u l-parteċipazzjoni tal-impjegati;
8. Jipproponi li jitnieda proġett pilota dwar il-fattibilità u l-valur mżjud ta’ skema Ewropea għall-benefiċċju tal-qgħad, li tista’ ssir komponent ewlieni tad-dimensjoni soċjali tal-UEM;
9. Jipproponi li jittejbu l-konverġenza u l-koeżjoni soċjali permezz ta’ proġett pilota dwar it-tikketta soċjali u proġett pilota dwar il-gwardjan kontra d-diskriminazzjoni u l-iżvilupp ta’ netwerk mill-NGOs li jissalvagwardja u jippromwovi d-drittijiet ta’ persuni b’ diżabilità;
10. Jitlob appoġġ imsaħħa għall-assi EURES tal-Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), sabiex ikunu pprovduti aċċess aktar faċli għal postijiet tax-xogħol vakanti f’ pajjiżi oħra għal żgħażaġh qiegħda u konsulenza għal ħaddiema mobbli u min iħaddem permezz ta’ sħubijiet transkonfinali;
11. Jenfasizza l-ħtieġa għal aktar appoġġ finanzjarju għall-assi tal-Mikrofinanzjament u l-Intraprenditorija Soċjali fi ħdan l-EaSI, speċjalment għal intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, sabiex il-persuni jingħataw l-opportunità li jidħlu fis-suq tax-xogħol u b’hekk jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku;
12. Jenfasizza li l-indirizzar tal-faqar fl-Istati Membri u r-reġjuni huwa primarjament responsabilità tal-Istat Membru, filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza ta’ azzjoni fil-livell tal-UE bħala turija ta’ solidarjetà politika u mezz ta’ turija ta’ tmexxija u tal-aħjar Prattika b’rabta ma’ rati ta’ faqar ogħla; jilqa’ għalhekk l-intensifikazzjoni u appoġġ finanzjarju ikbar fir-rigward tal-Fond għal Għajjnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn u għall-parti tal-Fond Soċjali Ewropew li tirreferi għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013						
Riżultat tal-votazzjoni finali	<table style="width: 100%; border-collapse: collapse;"> <tr> <td style="width: 100px;">+:</td> <td style="text-align: right;">33</td> </tr> <tr> <td>–:</td> <td style="text-align: right;">2</td> </tr> <tr> <td>0:</td> <td style="text-align: right;">2</td> </tr> </table>	+:	33	–:	2	0:	2
+:	33						
–:	2						
0:	2						
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Regina Bastos, Edit Bauer, Heinz K. Becker, Jean-Luc Bennahmias, Phil Bennion, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, David Casa, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Minodora Cliveti, Marije Cornelissen, Emer Costello, Frédéric Daerden, Sari Essayah, Richard Falbr, Marian Harkin, Stephen Hughes, Danuta Jazłowiecka, Jean Lambert, Verónica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Siiri Oviir, Elisabeth Schroedter, Joanna Katarzyna Skrzydlewska, Jutta Steinruck, Ruža Tomašić, Traian Ungureanu, Inês Cristina Zuber						
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Malika Benarab-Attou, Richard Howitt, Anthea McIntyre, Ria Oomen-Ruijten, Antigoni Papadopoulou, Csaba Sógor						

12.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 – it-taqsimiet kollha 2013/2145(BUD)

Rapporteur: Isabelle Durant

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jirrimarka li l-investimenti fit-trasport huma essenzjali sabiex jiġi sostnut it-tkabbir fuq perjodu twil u jinħolqu l-impjiegi, u li dan huwa ta' importanza partikolari fil-kuntest ta' kriżi ekonomika b'rata ta' qgħad daqstant għolja;
2. Jisħaq li l-kontribuzzjoni tal-baġit tal-UE għall-aġenzija marbutin mat-trasport għandu tkun tikkommiżura mar-responsabilitajiet addizzjonali allokatilhom mill-koleġiżlaturi tal-UE; jissottolinja, f'dan is-sens, li d-deċiżjonijiet tal-UE dwar ir-rilevamenti tat-tniġġis marin u l-installazzjonijiet offshore taż-żejt u l-gass, fil-qafas tal-kompetenzi tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima, għandhom jiġu kkombinati ma' finanzjament baġitarju xieraq u pjanijiet adegwati dwar il-persunal; fid-dawl tad-dħul fis-seħħ tar-Raba' Pakkett Ferrovjarju, jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet għall-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea sabiex ttejjgħall-kompiti ġodda li se jiġu fdati lilha; jiddeplora għalhekk, il-proposta li l-baġit tagħha jitnaqqas b'5 % meta mqabbel mal-2013 (minn EUR 24 871 400 għal EUR 23 573 064); ifakkar li wara l-ftehim dwar it-TEN-T u s-CEF, għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll lill-baġit tal-Aġenzija Eżekuttiva TEN-T;
3. Ifakkar barra minn hekk, li hemm Aġenzija tal-UE bħall-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (EASA), li ġew fdati kompiti min-naħa tal-leġiżlatur li huma fundamentali għall-funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-industrija tagħha; sa 80% tal-baġit u l-istaff tal-AESE huwa ffinanzjat mid-drittijiet u tariffi mħallsin mill-industrija tal-avjazzjoni; jitlob f'dan ir-rigward, li l-Awtorità tal-Baġit tiegħu kont ta' dan u tillimita t-tnaqqis fil-baġit u l-persunal għall-parti tal-baġit iffinanzjata mill-UE, biex b'hekk l-Aġenzija tal-UE bħall-EASA jkunu jistgħu jirreklutaw ir-riżorsi umani neċessarji biex ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti mitluba u mħallsa mill-industrija;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li l-baġit tal-UE għat-trasport ikun iffukat fuq proġetti infrastrutturali li se jiġġeneraw tkabbir u kompetittività akbar fl-ekonomija Ewropea; iqis li, partikolarment fi żmien ta' diffikultà ekonomika, huwa essenzjali għall-kontribwenti li l-flejjes tal-UE jiġu utilizzati tajjeb u jkunu jiffukaw fuq proġetti infrastrutturali ewlenin li jistgħu jitwettqu u li jtejbu l-ħajja taċ-ċittadini tal-UE;
5. Jissottolinja li filwaqt li l-proġetti ta' konfinanzjament tal-infrastruttura permezz tas-CEF, il-fondi ta' koeżjoni u reġjonali, il-Kummissjoni trid tapplika b'mod strett il-kriterji dwar il-valur addizzjonali Ewropew, l-analiżi tal-impatt klimatiku u ekonomiku-soċjali, il-leġislazzjoni ambjentali, il-minimizzazzjoni tal-kostijiet esterni u taġhti prijorità lit-titjib jew ir-rivitalizzar tal-konnessjonijiet ferrovjarji neqsin ta' bejn il-fruntieri;
6. Ifakkar fl-inkoerenza bejn it-tnaqqis fl-infiq propost mill-Kunsill lill-Faċilità għall-Ikkonnettjar tal-Ewropa fil-kuntest tan-negozjazzjonijiet tal-FFP u l-lista [...] twila [...] ta' proġetti ta' infrastruttura tat-trasport li jridu jitlestaw sal-2030; jinnota li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha taġħmilha possibbli li jiġu appoġġati proġetti b'valur miżjud Ewropew għoli u li se tgħin fit-tkeġġig tat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa, kemm b'mod dirett, permezz ta' impjiegi li jinħolqu mill-proġetti nnifishom, kif ukoll b'mod indirett meta tintuża l-infrastruttura, bil-benefiċċji antiċipati fir-rigward ta' kompetittività għall-Unjoni u l-Istati Membri taġħha; ifakkar barra minn hekk, li matul in-negozjati l-Kunsill irrifjuta li jaġhti l-appoġġ neċessarju sabiex ikun hemm użu aħjar tal-istrumenti finanzjarji, li f'xi każijiet jistgħu jippermettu finanzjament akbar;
7. Jilqa' l-ftehimiet dwar is-CEF u t-TEN-T, li se jippermettu li jsiru investimenti fi proġetti ewlenin b'valur miżjud Ewropew għoli għall-ħolqien ta' network tat-trasport Ewropew aktar sostenibbli u integrat; jindika li l-intestaturi u l-ammonti miftiehma fil-linji tal-baġit 06 02 01 għas-CEF għandhom jiġu aġġustati f'konformità mal-eżitu tan-negozjati dwar is-CEF, partikolarment fir-rigward tal-interoperabilità, li għandha titneħħa minn linja 06 02 01 03 u tiġi inkluża f'linja 06 02 01 01;
8. Jaċċentwa li l-innovazzjoni u r-riċerka, l-aktar fl-oqsma tal-bidla fl-imġiba, iċ-ċaqliqa modali, l-aċċessibilità universali, l-intermodalità, l-interoperabilità, biljettar integrat u s-sostenibilità (ir-riduzzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tal-ħsejjes), huma ta' importanza kruċjali għas-setturi tat-trasport u tat-turiżmu; jenfasizza, għalhekk l-importanza tad-difiża tal-ammonti allokati għat-trasport fil-linji baġitarji korrispondenti skont Orizzont 2020;
9. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni fuq skala kbira ta' sistemi intelliġenti tat-trasport, kif definiti fid-Direttiva 2010/40/UE dwar il-qafas għal varar ta' Sistemi Intelliġenti tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnessjonijiet ma' modi oħra tat-trasport, sabiex it-trasport Ewropew isir ekoeffiċjenti;
10. Jitlob li jkun hemm għall-iżvilupp ulterjuri tas-sistemi intelliġenti ta' trasport, inklużi ERTMS, RIS, VTMS, SESAR u l-ITS fis-settur tat-trasport bit-triq, li jippermetti l-użu razzjonali tal-loġistika, tnaqqis fl-impatt ambjentali tat-trasport u tnaqqis fl-ispejjeż għall-utenti tat-trasport; jitlob l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għall-mobilità elettrika, inklużi t-trenijiet, it-trammijiet, l-omnibusijiet, il-motoċikletti elettriċi, u l-e-karozzi; jemmen li hi meħtieġa riduzzjoni fl-ostakli non-leġislattivi (amministrattivi u tekniċi);
11. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-istabbiliment, fil-modi kollha tat-trasport, ta' drittijiet tal-passiġġieri

armonizzati f'livell tal-UE, li għandu jwassal għall-abbozzar ta' karta komuni li kulħadd huwa familjari magħha. jiddispjaċih, għalhekk, bit-tnaqqis ta' 38 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn proposti mill-Kummissjoni skont il-linja tal-baġit korrispondenti (minn EUR 26150000 għal EUR 16019000), peress li dan huwa suġġett partikolarment sensitiv għaċ-ċittadini Ewropej;

12. Jirrimarka li huwa vitali li tinbena infrastruttura għall-iżvilupp ta' netwerk ta' fjuwil alternattiv li se jrawwem l-iżvilupp sostenibbli u indipendenza akbar fl-enerġija fl-Unjoni, u jitlob għall-promozzjoni tal-użu ta' strumenti ta' finanzjament innovattivi fl-livell Ewropew biex dawn l-oġettivi jintlaħqu;
13. Jiddispjaċih li, għalkemm it-turiżmu ilu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenza tal-UE mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, xorta m'għandux linja baġitarja proprju tiegħu, jistieden lill-Kummissjoni tintegra fil-programm COSME ir-riżultati tal-azzjonijiet preparatorji fuq it-'turiżmu sostenibbli' (mobilità mhux iebsa, netwerks taċ-ċiklaġġ, ekoturiżmu, u ħarsien tan-natura) bħala prijorità; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja d-diversità tal-industrija turistika Ewropea billi tiffoka fuq l-aspetti ta' wirt kulturali, naturali, u b'mod partikolari industrijali u storiku, inkluż permezz ta' inizjattivi finanzjarji speċifiċi, kif ukoll billi tagħmel segwitu tal-azzjoni preparatorja fuq l-aċċessibilità għal kulħadd, b'mod partikolari għan-nies b'mobilità ridotta u għan-nies soċjalment żvantaġġjati;
14. Jistieden lill-Kummissjoni ddaħħal inizjattiva ta' segwitu fuq ir-riżultati tal-azzjonijiet preparatorji fuq it-'turiżmu sostenibbli' (mobilità mhux iebsa, netwerks ta' ċiklaġġ, ekoturiżmu u ħarsien tan-natura), f'fokus, fi stadju ulterjuri, fuq l-aspetti ta' wirt kulturali, naturali, u b'mod partikolari industrijali u storiku, kif ukoll billi tagħmel segwitu tal-azzjoni preparatorja fuq l-aċċessibilità għal kulħadd, b'mod partikolari għan-nies b'mobilità ridotta u għan-nies soċjalment żvantaġġjati;
15. Jemmen li għandu jsir użu aħjar mill-istrumenti finanzjarji innovattivi, li jista' jkollhom rwol deċiżiv fl-implimentazzjoni ta' ċerti proġetti ta' infrastruttura; jirrileva li tali strumenti jistgħu jintużaw għall-mobilitazzjoni tal-kapital privat, u b'hekk ikunu kkompensati għall-iskarsezza ta' flus pubbliċi bħala riżultat tal-isforzi ta' konsolidazzjoni baġitarja f'livell nazzjonali u ta' UE.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	5.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 30 -: 5 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Magdi Cristiano Allam, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Antonio Cancian, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Carlo Fidanza, Knut Fleckenstein, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Werner Kuhn, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Gesine Meissner, Hubert Pirker, Dominique Riquet, Petri Sarvamaa, Olga Sehnalová, Brian Simpson, Keith Taylor, Patricia van der Kammen, Dominique Vlasto, Roberts Zile
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Phil Bennion, Spyros Danellis, Michel Dantin, Isabelle Durant, Geoffrey Van Orden, Janusz Władysław Zemke

18.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014 – it-Taqsimiet kollha (13176/2013 - C7-0260/2013 - 2013/2145(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Vasilica Viorica Dăncilă

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li, fid-dawl tal-limitu massimu impost mill-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2-13 għall-Intestatura 2 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), il-kategoriji ewlenin kollha tal-infiq tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) huma mistennija, fil-prattika, li jitnaqqsu fl-2014, inklużi l-pagamenti diretti, il-miżuri tas-suq u l-iżvilupp rurali;
2. Jinnota li skont l-Abbozz ta' Baġit (AB), l-Intestatura 2 se jkollha tnaqqis ta' 1.1 % f'impenji u 2.3 % f'pagamenti rispettivament fl-2014 f'paragun mal-2013;
3. Jinnota li skont l-AB tal-2014 il-fondi għall-iżvilupp rurali taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) se jinqatgħu b'5.5 % f'impenji u 10.8 % f'pagamenti rispettivament;
4. Jinsisti, f'dan il-kuntest, li l-Kunsill jirrispetta l-wegħda tiegħu li jipprovdi approprijazzjonijiet ta' pagament suffiċjenti fil-proċedura baġitarja tal-2013 sabiex l-Unjoni tkun tista' twettaq l-impenji pendenti tagħha, jekk ikun hemm bżonn permezz tat-tielet abbozz ta' baġit emendatorju li għandu jiġi preżentat mill-Kummissjoni f'nofs Ottubru 2013;
5. Itenni li l-miżuri sabiex il-livell ta' impenji mhux mħallsa jitqiegħed taħt kontroll huma prekondizzjoni biex ikun hemm bidu b'suċċess fil-perjodu l-ġdid ta' programmar għall-

2014–2020, partikolarment minħabba l-livell imnaqqas ta' approprijazzjonijiet ta' pagament għall-iżvilupp rurali previst fl-AB tal-2014;

6. Jitlob lill-Kummissjoni timmoniterja mill-qrib is-sitwazzjoni sabiex tiżgura li t-tnaqqis ta' 10.8 % fl-approprijazzjonijiet ta' pagament fl-AB tal-2014 ma jeffettwax b'mod negattiv l-abilità tal-Istati Membri li jibdew b'suċċess il-programmi ta' żvilupp rurali tagħhom, partikolarment għall-investimenti;

7. Jinnota li, filwaqt li l-baġit għall-pagamenti diretti u l-miżuri tas-suq taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fl-2014 se jżied b'0.3 % f'paragun mal-2013, kemm għall-impenji kif ukoll għall-pagamenti, jeħtieġ li l-Kummissjoni tispjega fid-dettall il-miżuri Prattiki Meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-bżonnijiet akbar marbuta mal-introduzzjoni gradwali tal-pagamenti diretti fl-UE 12 u l-ħolqien tal-fond għall-kriżijiet agrikoli;

8. Jiddispijaċih, b'mod partikolari, dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' 'dixxiplina finanzjarja', li jfisser li numru kbir ta' bdiewa tal-Unjoni se jġarrbu tnaqqis ta' madwar 5 % f'pagamenti diretti mħallsa fis-sena finanzjarja 2014;

9. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-fondi allokatu għar-Riserva għall-kriżijiet fis-settur agrikolu fil-baġit tal-2014 li sussegwentement ma jintefqux isiru disponibbli fl-intier tagħhom bħala pagamenti diretti fis-sena baġitarja li jmiss;

10. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jimmoniterjaw il-volatilità sinifikanti tal-prezzijiet tal-prodotti agrikoli, li għandha effetti negattivi fuq l-introjti tal-bdiewa, u jirreaġixxu malajr u b'mod effettiv meta jkun meħtieġ;

11. Jilqa' l-passi meħuda lejn l-istabbiliment tal-Għodda Ewropea ta' Monitoraġġ tal-Prezzijiet għall-Prodotti tal-Ikel u jstieden lill-Kummissjoni tinforma regolarment lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-attivitajiet u s-sejbiet ta' din l-għodda u tiżgura li tali informazzjoni tkun disponibbli pubblikament għal udjenza wiesgħa kemm jista' jkun;

12. Jilqa' l-allokkazzjoni tal-fondi sabiex tiġi appoġġata t-trobbija tan-naħal u jittama li dawn se jintużaw b'mod effikaċi fl-Istati Membri;

13. Jiġbed l-attenzjoni għall-bżonn li r-riżorsi provduti jkunu adattati kemm jista' jkun għall-impenji magħmula, sabiex jinkisbu l-oġġettivi taż-żieda fil-kompetittività u sostenibbiltà tal-agrikoltura Ewropea;

14. Jitlob li l-pagamenti diretti fl-UE-28 jiġu allinjati bis-sħiħ malajr kemm jista' jkun.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	17.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 24 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Eric Andrieu, Liam Aylward, José Bové, Vasilica Viorica Dăncilă, Paolo De Castro, Albert Deß, Herbert Dorfmann, Hynek Fajmon, Mariya Gabriel, Iratxe García Pérez, Julie Girling, Martin Häusling, Esther Herranz García, Elisabeth Jeggle, Elisabeth Köstinger, Agnès Le Brun, Mairead McGuinness, James Nicholson, Wojciech Michał Olejniczak, Britta Reimers, Ulrike Rodust, Alfreds Rubiks, Giancarlo Scottà, Sergio Paolo Francesco Silvestris, Alyn Smith
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Pilar Ayuso, Maria do Céu Patrão Neves

27.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-INDUSTRIJA, IR-RIĊERKA U L-ENERĠIJA

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014
(13176/2013 - C7-0260/2013 - 2013/2145(BUD))

Rapporteur: Reinhard Bütikofer

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għall-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinsisti li l-Parlament għadu ma tax l-approvazzjoni tiegħu għar-Regolament dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) il-ġdid u li l-Kummissjoni għandha l-ewwel tfassal l-Abbozz ta' Baġit għall-2014 abbażi tal-proposta tagħha stess għall-QFP 2014-2020;
2. Jiddispijaciħ ħafna li l-Kunsill naqqas EUR 38 biljun fl-Intestatura 1a, li fiha huma ffinanzjati l-politiki ewlenin tal-Unjoni dwar l-innovazzjoni, ir-riċerka, l-infrastruttura, l-SMEs, iż-żgħażaġh u l-edukazzjoni, li huma bżonnjużi biex jiġu indirizzati l-kriżi ekonomika attwali u l-isfidi soċjetali importanti; jenfasizza li l-appropriazzjonijiet taħt l-Intestatura 1a għandhom ikunu awtorizzati biex jistgħu jintlaħqu l-politiki ta' prijorità tal-UE f'oqsma bħal: miżuri li jiġġieldu l-qgħad, il-politika industrijali tal-Unjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni u l-enerġija;
3. Jixtieq ikun jaf l-ammont approssimattiv ta' appropriazzjonijiet ta' pagament mhux uttilizzati mill-perjodu 2007-2013, b'mod partikolari għas-sena finali 2013, u għal dan il-għan jitlob lill-Kummissjoni tipprovdi dikjarazzjoni finanzjarja dwar it-twettiq tal-appropriazzjonijiet ta' pagament taħt il-perspettivi finanzjarji għall-2007-2013, filwaqt li tindika l-ammonti provduti għall-2007-2012 u kkommessi għal dak il-perjodu; l-insuffiċjenza fit-twettiq; l-ammonti li għadhom ma ġewx kkommessi u l-informazzjoni finanzjarja kollha dwar l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' pagament;
4. Jistieden lill-awtoritajiet baġitarji jstabilixxu l-flessibbiltà massima possibbli biex jiddirieġu appropriazzjonijiet annwali mhux użati lejn programmi taħt l-Intestatura 1a, b'mod partikolari Orizzont 2020, COSME u l-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa;

5. Jopponi bil-qawwa kull tentattiv li jkopri r-riżorsi meħtieġa permezz ta' riallokazzjoni mill-Intestatura 1a biex jissolva kull nuqqas futur jew potenzjali dwar it-talbiet ta' pagament kollha mhux imħallsa tas-sena finanzjarja attwali tal-QFP li jmiss;
6. Ifakkar lill-Kunsill fid-dikjarazzjoni tiegħu li fiha l-finanzjament tal-programm Orizzont 2020 irid jirrapreżenta tkabbir reali meta mqabbel mal-livell tal-2013; jitlob, għalhekk, allokazzjoni ambizzjuża tal-fondi għall-programm Orizzont 2020 u joġġezzjona bil-qawwa għal kwalunkwe proposta li fiha l-limiti massimi tal-2014 jkunu aktar baxxi mil-livelli tal-2013; jistieden lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi baġit dedikat għall-Istrument tal-SMEs u linji baġitarji dedikati għall-Programmi tax-Xjenza fis-Soċjetà u tat-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni, kif ukoll għas-segwitu tal-programmi tal-Ekoinnovazzjoni u tal-Enerġija Intelliġenti għall-Ewropa fi ħdan il-Programm Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP);
7. Jitlob allokazzjoni unika tal-baġit għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija sabiex il-partijiet interessati fil-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni jkunu provduti b'qafas stabbli u prevedibbli biex isiru l-investimenti;
8. Jitlob allokazzjoni ambizzjuża ta' fondi għall-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija sabiex tintlaħaq massa kritika meħtieġa li tistabblixxi l-Komunitajiet ta' Għarfien u Innovazzjoni previsti;
9. Jemmen li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għandha rwol importanti fl-irkupru ekonomiku tal-Unjoni; jitlob li sabiex jiġi allokati sehem akbar mir-riżorsi finanzjarji għal dan l-istrument finanzjarju sabiex jiġi assigurat li tingħata spinta lill-investimenti pubbliċi u privati oħrajn; jappella, b'mod partikolari, biex tingħata attenzjoni fuq bonds tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u bonds tal-proġetti tal-infrastruttura tal-ICT u biex ikun hemm allokazzjoni suffiċjenti għall-grilji intelliġenti, speċjalment minħabba s-sinerġiji potenzjali mas-settur tal-ICT;
10. Jisħaq fuq il-bżonn li l-problemi li jiffaċċjaw l-SMEs jiġu indirizzati permezz ta' programm ambizzjuż tal-COSME; jemmen li l-livell ta' fondi attwalment propost hu insuffiċjenti u jtenni l-pożizzjoni tal-Parlament biex l-ammont allokati għall-programm matul il-perjodu tal-QFP jiġi rduppjat; minħabba s-sitwazzjoni partikolarment diffiċli tal-aċċess għall-finanzi, jitlob li mill-anqas 60 % tal-baġit tal-COSME jiġi allokati għall-istrumenti finanzjarji l-aktar effettivi; jinsisti li l-QFP għandu jkompli jipprovdi għal programm ta' mikrofinanzjament (bħall-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament Progress u JASMINE); jitlob, barra minn hekk, għal networking aktar mill-qrib tal-għodda eżistenti u futura għall-promozzjoni tal-intraprenditorija, pereżempju l-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ, bl-għan li jiġu ġġenerati inċentivi u sinerġiji fil-livell nazzjonali u lokali;
11. Jinsisti li l-proġetti ewlenin tal-infrastruttura tal-Unjoni (bħal Galileo, ITER u Copernicus) iridu jiġu ffinanzjati barra mil-limiti massimi tal-QFP sabiex ikunu jistgħu jingħataw approprjazzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri fejn meħtieġ, u jinsisti li l-fondi u l-implimentazzjoni b'suċċess ta' programmi oħra tal-Unjoni ma għandhomx ikunu mhedda minn eċċessi ta' spejjeż possibbli ta' dawn il-proġetti fuq skala kbira;

12. Jemmen li governanza u koordinazzjoni aħjar tal-infiq bejn l-Unjoni, l-Istati Membri u r-reġjuni huma meħtieġa sabiex tiġi implimentata l-istrateġija Ewropa 2020; jitlob li jsir użu aħjar tal-finanzjament eżistenti tal-Unjoni b'attenzjoni għal valur miżjud tal-Unjoni, razzjonalizzazzjoni effikaċi u effetti ta' lieva, flimkien mal-implimentazzjoni xierqa u urġenti fl-Istati Membri; jitlob li l-proċess tas-Semestru Ewropew jimmonitorja l-investimenti fir-riċerka, l-innovazzjoni, il-politika industrijali, l-SMEs, l-infrastrutturi tal-enerġija u tal-ICT.

ĠUSTIFIKAZZJONI

Il-prijoritajiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (minn hawn 'l isfel *il-Kumitat ITRE*) tal-Abbozz tal-Baġit tal-UE għall-2014 ġew espressi fl-opinjoni tiegħu tal-20 ta' Ġunju 2013 dwar il-mandat għat-trilogu dwar l-Abbozz tal-Baġit 2014 u dawn jibqgħu validi għall-opinjoni tal-ITRE dwar il-linji baġitarji. Ir-riżultat tal-votazzjoni dwar il-mandat għat-trilogu baġitarju jinsab meħmuż fl-opinjoni ma' din il-ġustifikazzjoni.

L-emendi dwar linji baġitarji kif modifikati mill-Kunsill ġew adottati mill-Kumitat ITRE fit-2 ta' Settembru 2013. Diversi linji tal-baġit fi ħdan il-mandat tal-Kumitat ITRE kienu kkonċernati mill-pożizzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2013, li pproponiet tnaqqis ġenerali ta' EUR 240.68 miljun f'impenni u EUR 1.06 biljun f'pagamenti meta mqabbla mal-abbozz ta' Baġit tal-UE tal-Kummissjoni għall-2014.

Fir-rigward tal-Intestatura 1A, it-tnaqqis tal-Kunsill jammonta għal EUR 60 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u jirrigwarda primarjament infiq ta' appoġġ għall-programm tar-riċerka u l-innovazzjoni inkluż Orizzont 2020, COSME għall-SMEs u l-impriżi u għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. It-tnaqqis f'pagamenti taħt l-Intestatura 1A hu ta' EUR 426.5 miljun li minnhom EUR 154 miljun fi proġetti kbar ta' infrastruttura, EUR 120.7 miljun f'Orizzont 2020, EUR 86.9 miljun fil-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u EUR 61.3 miljun fi programmi oħra.

Din il-proposta hi inaċċettabbli għall-Kumitat ITRE u hi inkompatibbli mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Marzu 2013 fejn il-Kunsill impenja lilu nnifsu li jżomm żieda reali għall-programmi tar-riċerka u l-iżvilupp meta mqabbla mal-livelli tal-2013 u li jqiegħed enfasi fuq l-appoġġ għall-SMEs. Mhijiex ukoll f'konformità mal-ftehim milħuq mal-Parlament fin-negozjati dwar il-QFP 2014-2020, fejn kien miftiehem li l-programm COSME u Orizzont 2020 jingħataw prijorità fl-2014.

Meta jitqiesu dawn il-fatti, il-Kumitat ITRE vvota biex jinżamm l-abbozz ta' baġit kif propost mill-Kummissjoni għall-attivitajiet tal-programmi taħt l-Intestatura 1A li sarilhom tnaqqis mill-Kunsill.

Barra minn hekk, il-Kumitat ITRE appoġġa wkoll il-proposta mir-rapporteur biex jintuża l-marġni tal-Intestatura 1A (EUR 125.9 miljun) u l-fondi previsti skont l-Istrument għall-Flessibilità (EUR 471 miljun) biex jiżdedu l-fondi għall-SMEs u għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. Prinċipalment dan jinkludi talbiet għal appoġġ għall-prijoritajiet li ġejjin:

- linja tal-baġit 02 02 01: appoġġ għal Erasmus għall-Imprendituri Żgħażaġħ skont il-programm COSME (+EUR 20 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (CA) u +EUR 6 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament (PA));
- linja tal-baġit 02 02 02: appoġġ għall-istrumenti finanzjarji taħt il-programm COSME (EUR 60 miljun f'CA u +EUR 40 miljun f'PA);
- linja tal-baġit 02 04 02 03: żieda għal innovazzjoni fl-SMEs (+EUR 30 miljun f'CA u +EUR 20 miljun f'PA);
- linja tal-baġit ġdida 02 04 02 04 biex titwaqqaf linja unika tal-baġit li timplimenta l-istrumenti tal-SME f'Orizzont 2020 kif maqbul mal-Kunsill matul in-negozjati dwar Orizzont 2020 (+EUR 30 miljun f'CA u +EUR 160 miljun f'PA);

- linja ġdida tal-baġit 32 04 03 02 li tiżgura l-kontinwazzjoni għall-Programm Enerġija Intelliġenti għall-Ewropa bħala programm separat tal-enerġija taħt Orizzont 2020 kif maqbul mal-Kunsill matul in-negozjati dwar Orizzont 2020 (+EUR 110 miljun f'CA u +EUR 60 miljun f'PA);
- linja ġdida tal-baġit 08 02 04 01 biex jitwaqqaf programm ta' Xjenza għas-Soċjetà u mas-Soċjetà bħala programm trasversali f'Orizzont 2020 kif maqbul mal-Kunsill matul in-negozjati Orizzont 2020 (+EUR 60 miljun f'CA u +EUR 5 miljun f'PA).

Fl-aħħar nett, il-Kumitat ITRE appoġġa żieda ta' fondi biex ikunu allokatu għall-installazzjoni ta' broadband fl-ICT tal-Faċilità Nikkolegaw l-Ewropa.

Proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji

Il-Kumitat ITRE qies u evalwa l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji kollha proposti mill-Membri, u adotta tliet proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji ġodda li jappoġġaw prijoritajiet politiċi tal-Kumitat u li għandhom potenzjal li, fil-ġejjieni, jiżviluppaw f'attivitajiet u programmi tal-UE:

Proġett pilota *mudelli tekno-ekonomiċi għan-netwerks tat-tisħin distrettwali b'inputs multipli* (wara l-linja tal-baġit eżistenti 07 02 77 25 EUR 2 miljun), biex tiżdied l-effiċjenza totali tan-netwerks tat-tisħin u tat-tkessiġ distrettwali, fl-iżvilupp ta' tisħin u tkessiġ distrettwali tal-ġenerazzjoni li jmiss;

Proġett pilota *REIsearch (Qafas ta' Eċċellenza fir-Riċerka u l-Innovazzjoni) - Tisħin tal-kompetittività taż-Żona Ewropea tar-Riċerka billi tiżdied il-komunikazzjoni fost ir-riċerkaturi, iċ-ċittadini, l-industrija u dawk li jfasslu l-politika* (wara l-linja tal-baġit eżistenti 09 03 77 01 EUR 1.2 miljun), biex jiġi aċċellerat l-użu shin tal-kapital intellettuali tal-Ewropa għall-benefiċċju taċ-ċittadini, l-imprendituri u x-xjentisti permezz ta' ġodda ġdida tal-midja u

Azzjoni preparatorja *Strateġija reġjonali għar-Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana* (wara l-linja 13 03 41 EUR 1.2 miljun), li tanalizza t-tkabbir potenzjali tar-reġjun u tuża r-riżultati biex tinvestiga l-valur miżjud ta' futur kondiviż ta' strateġija reġjonali makro għaż-żona tal-Baħar tat-Tramuntana, meta jitqies il-fatt li Reġjun tal-Baħar tat-Tramuntana b'saħħtu għandu l-potenzjal li jaġixxi bħala mutur għat-tkabbir fl-Ewropa u jikkontribwixxi għall-obiettivi tal-istrateġija UE 2020.

Minbarra dawn il-Proġetti Pilota u Azzjonijiet Preparatorji ġodda, il-Kumitat ITRE talab ukoll li jinżamm il-livell ta' appropjazzjonijiet ta' pagament għall-azzjoni preparatorja attwali *Erasmus għall-imprendituri żgħażaġħ* (linja tal-baġit attwali 02 02 77 03 +EUR 665 000) għall-inqas għal-livell tal-2013 biex jiżgura li jitwettqu l-obbligi minn snin preċedenti.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 42 -: 0 0: 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Pilar del Castillo Vera, Dimitrios Droutsas, Christian Ehler, Adam Gierek, Norbert Glante, Robert Goebbels, Fiona Hall, Jacky Hénin, Romana Jordan, Judith A. Merkies, Angelika Niebler, Jaroslav Paška, Aldo Patriciello, Vittorio Prodi, Miloslav Ransdorf, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Amalia Sartori, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Marita Ulvskog, Adina-Ioana Vălean, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Elisabetta Gardini, Satu Hassi, Jolanta Emilia Hibner, Eija-Riitta Korhola, Bernd Lange, Werner Langen, Marian-Jean Marinescu, Hannu Takkula, Hermann Winkler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Britta Reimers

26.9.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014
(13176/2013 - C7-0260/2013 - 2013/2145(BUD))

Rapporteur: Georgios Stavrakakis

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

INTRODUZZJONI

Filwaqt li jirrikonoxxi li l-ekonomija tal-Unjoni qiegħda tirkupra bil-mod u qiegħda turi xi tendenzi pożittivi, l-irkupru sħiħ għadu 'l bogħod. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tirrakkomanda li tingħata attenzjoni lill-ħames prijoritajiet identifikati fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2013, b'mod speċjali "titkompla l-konsolidazzjoni fiskali differenzjata, favorevoli għat-tkabbir", "jiġi restawrat is-self normali lill-ekonomija", "jiġu promossi t-tkabbir u l-kompetittività għal-lum u għal għada", "jiġu kkonfrontati l-qgħad u l-konsegwenzi soċjali tal-kriżi" u "tiġi mmodernizzata l-amministrazzjoni pubblika".

Abbażi tal-allinjament tal-politiki tal-Unjoni u tal-Politika ta' Koeżjoni b'mod partikolari, mal-Istrateġija UE2020, il-Kummissjoni tenfasizza r-rwol li dan il-qasam ta' politika jista' jkollu fil-kontribuzzjoni għall-kisba tal-Istrateġija UE2020, filwaqt li terġa' tiddikjara li l-oġettiv ġenerali tal-Politika ta' Koeżjoni huwa t-tnaqqis tad-disparitajiet bejn ir-reġjuni u l-kisba tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li l-għeluq b'suċċess tal-programmi attwali jirrikjedi livell xieraq ta' approprijazzjonijiet ta' h̄las, sabiex jippermetti li jintlaħqu l-obbligi lejn il-benefiċjarji tal-finanzjamenti tal-UE.

Ir-Rapporteur jissottolinja l-valur miżjud inkontestabbli tal-Politika ta' Koeżjoni li tikkostitwixxi għodda ta' investiment fundamentali tal-Unjoni, li tikkontribwixxi għal żvilupp strutturali fit-tul, li sservi bħala katalist għat-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol, li jista' jgħin lill-Istati Membri u r-reġjuni tal-Unjoni jnaqqsu l-kriżi finanzjarja u ekonomika preżenti. Għalhekk huwa obligatorju li jipprovdu livell suffiċjenti ta' ffinanzjar li għandu jippermetti t-tnaqqis tal-h̄lasijiet pendenti, li hu għoli ħafna, speċjalment fl-Intestatura 1b.

ABBOZZ TAL-BAĠIT

Fil-ħolqien tad-dispożizzjonijiet baġitarji, il-Kummissjoni analizzat il-bżonnijiet baġitarji b'kunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet u l-pakketti tal-perspettiva finanzjarja pluriennali 2014-2020, kif proposta abbażi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-7 u t-8 ta' Frar 2013 u li fuqhom kien intlaħaq ftehim politiku mill-Istituzzjonijiet fis-27 ta' Ġunju 2013.

Ir-Rapporteur iqis li, minkejja ċ-ċirkustanzi partikolari tal-adozzjoni tal-Abbozz tal-Baġit tal-2014, il-Kummissjoni hija l-unika Istituzzjoni li għandha l-informazzjoni disponibbli sabiex ikollha perspettiva ġenerali tal-bżonnijiet baġitarji reali tar-reġjuni kollha. Madanakollu, huwa jistaqsi jekk il-Kummissjoni kkalkulatx l-impatt tal-forniment minn qabel miftiehem ta' rizzorsi speċifiċi li jinsab fil-ftehim dwar il-QFP u taż-żieda proposta fir-rati ta' kofinanzjament lil dawk l-Istati Membri li qegħdin jesperjenzaw jew huma mhedda b'diffikultajiet serji fil-konfront tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom u l-impatt tal-estensjoni proposta ta' sena tal-perjodu tad-diżimpenn awtomatiku għal xi Stati Membri.

TQASSIM TAR-RIŻORSI BEJN IL-FONDI

It-tqassim propost bejn l-appropriazzjonijiet u l-fondi differenti huwa kif ġej:

Fil-livell totali propost ta' appropriazzjonijiet għall-impenji ta' EUR 47 560,6 miljun għall-Intestatura 1b (-13.5 % imqabbla mal-2013), l-appropriazzjonijiet għall-impenji totali għall-Fondi Strutturali (FEŻR u FSE) jammontaw għal EUR 38 088,2 miljun, li minnhom EUR 1 804,1 miljun huwa għas-suppliment tal-applikazzjoni Inizjattiva favur l-Impjeg taż-Żgħażaġħ (YEI), EUR 8 922,4 miljun għall-Fond ta' Koeżjoni u EUR 365,1 miljun għall-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn.

Il-livell propost ta' appropriazzjonijiet tal-ħlas huwa ferm aktar baxx, jiġifieri -9.3 % għall-2013, li jammonta għal EUR 51 093,7 miljun, stabbiliti abbażi tal-istimi fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-ħlas interim tal-2007-2013 (EUR 46 765,5 miljun, jiġifieri 91.4 % tal-istimi tal-ħlasijiet ġenerali għall-2014 taħt l-Intestatura 1b) u ta' tnaqqis ta' 83 % tal-appropriazzjonijiet tal-ħlas għall-għeluq tal-perjodu 2000-2006, kif ukoll tal-ammont inizjali ġdid ta' prefinanzjament imnaqqas fl-2014 ta' 1 % fil-kuntest tal-FERŻ, l-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni (jew 1.5 % għall-Istati Membri taħt assistenza finanzjarja).

Ir-Rapporteur jiddispjaċih li l-Kummissjoni użat bħala bażi għall-prefinanzjament il-livell li kien maqbul fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fi Frar 2013, filwaqt li jenfasizza li huwa suġġett tan-negozjati settorjali kontinwi interistituzzjonali dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni, li jaqa' taħt il-mandat tal-kodeċiżjoni, u għalhekk tirriskja li tantiċipa r-risultat ta' dawn in-negozjati.

Huwa wkoll sorpriż li, filwaqt li aktar minn nofs l-appropriazzjonijiet tal-ħlas (52 %) huma intiżi għat-twettiq tal-obbligi tal-UE billi jonoraw impenji passati, it-tkabbir tar-RALs għadu għaddej.

Għandu jkun innutat li l-Kummissjoni tibbaża l-istimi ġenerali tagħha fuq is-suppożizzjoni li l-appropriazzjonijiet tal-ħlas addizzjonali ta' EUR 11,2 biljun kif mitluba mill-ABE 2/2013 ser ikunu awtorizzati kompletament matul l-2013, li huwa partikolarment rilevanti għall-Intestatura 1b.

RIŻULTATI POLITIĊI PRINĊIPALI GĦALL-2014

Il-Kummissjoni tistabilixxi erba' prijoritajiet prinċipali għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-2014: it-titjib tal-azzjonijiet għaż-Żgħażaġħ u l-SMEs; l-istabbiliment tal-programmi l-ġodda taħt il-QFP tal-2014-2020, it-twettiq tal-obbligi tal-UE u, finalment, ir-restrizzjoni tan-nefqa amministrattiva. Waħda mill-aktar azzjonijiet rappreżentattivi fil-kuntest tal-qafas finanzjarju li jmiss hija l-Inizjattiva l-ġdida favur l-Impjieġ taż-Żgħażaġħ (YEI), li għaliha l-Kummissjoni pproponiet il-forniment minn qabel tat-total ta' EUR 6 biljun bħala approprjazzjonijiet tal-impenn fl-ewwel sentejn, li jibdew b'impenn li jammonta għal EUR 3,4 biljun fl-2014.

Abbażi tal-allinjament tal-Politika ta' Koeżjoni mal-Istrateġija tal-UE2020, il-Kummissjoni tfitx li tiffoka fuq l-adozzjoni u l-implimentazzjoni f'waqthom tal-programmi l-ġodda, fuq il-kisba tal-ogħla impatt tal-politika u fuq it-tisħiħ tal-proċess strateġiku tal-programmazzjoni billi jiġi żgurat valur miżjud Ewropew u titjib fil-kwalità tal-infiq.

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni:

1. Jistaqsi jekk l-ammonti mdaħħla fl-Abbozz tal-Baġit (AB) tal-2014 għall-Intestatura 1b humiex suffiċjenti sabiex ikopru l-bżonnijiet u l-oġettivi minimi tal-politika reġjonali kif stabbilita mill-Unjoni fit-Trattat;
2. Jinnota bi tħassib it-tnaqqis fl-appropriazzjonijiet tal-impenn taħt l-Intestatura 1b ta' 13.5 % għal EUR 47 560,6 miljun u t-tnaqqis fl-appropriazzjonijiet tal-ħlas ta' 9.3 %, għal EUR 51 093,7 miljun matul l-2013, din l-aħħar somma tinkludi l-ammont ta' EUR 46 765,5 miljun previsti għall-ħlas interim tal-2007-2013, u tnaqqis ta' 83 % għal EUR 592,0 miljun fi ħlasijiet għall-għeluq tal-perjodu 2000-2006;
3. Jinnota li, skont il-Kummissjoni, l-AB2014 huwa wieħed transizzjonali, b'aktar min-nofs l-appropriazzjonijiet tal-ħlas (52 %) dedikati sabiex ikopru impenji pendenti u għat-tweqqif ta' programmi antiki; madanakollu, jesprimi li huwa sorpriż bil-fatt li l-livelli tar-RALs se jibqgħu jikbru;
4. Jitlob kjarifiki ulterjuri dwar jekk il-Kummissjoni kkalkulatx l-impatt tal-forniment minn qabel miftiehem ta' riżorsi speċifiċi li jinsab fil-ftehim dwar il-QFP u taż-żieda proposta fir-rati ta' kofinanzjament lil dawk l-Istati Membri li qegħdin jesperjenzaw jew huma mhedda b' diffikultajiet serji fil-konfront tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom u l-impatt tal-estensjoni ta' sena proposta tal-perjodu tad-diżimpenn awtomatiku għal xi Stati Membri.
5. Jiddispijaċih li l-Kummissjoni użat bħala bażi għall-prefinanzjament il-livell li kien maqbul fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew fi Frar 2013, kwistjoni li hija suġġett tan-negożjati settorjali kontinwi interistituzzjonali, fejn il-Parlament Ewropew għandu d-dritt għal kodeċiżjoni, u għalhekk tirriskja li tantiċipa r-riżultat ta' dawn in-negożjati; ifakkar li l-prefinanzjament huwa essenzjali hekk kif l-Istati Membri u r-reġjuni jeħtieġu finanzjamenti suffiċjenti fil-bidu tal-perjodu sabiex jinvestu fi proġetti li jikkontribwixxu għall-isforzi sabiex tingħeleb il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali; f' dan ir-rigward, itenni l-pożizzjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali li jintgħażlu l-istess rati ta' prefinanzjament tal-perjodu attwali, minħabba li l-kriżi għadha għaddejjja;
6. Itenni l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew li l-vot ta' kunsens dwar ir-Regolament dwar il-QFP ma jistax jingħata sakemm ma jkunx hemm garanzija assoluta li t-talbiet tal-ħlasijiet pendenti se jkun koperti bis-sħiħ; jinsisti li l-Kunsill iżomm l-impenn politiku tiegħu li jadotta mill-aktar fis baġit emendatorju ulterjuri biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas tal-appropriazzjonijiet ta' pagament li jaf iwassal għal defiċit strutturali fil-baġit tal-UE fi tmiem l-2013; jiddikjara li l-Parlament Ewropew mhuwiex se jagħti l-approvazzjoni tiegħu lir-Regolament dwar il-QFP jew mhuwiex se jadotta l-Baġit 2014 sakemm dan il-baġit emendatorju ġdid, li jkopri d-defiċit li fadal kif identifikat mill-Kummissjoni, ikun ġie adottat mill-Kunsill;
7. Jinnota li l-Inizjattiv favur l-Impjiegi taż-Żgħażaġħ deċiż mill-Kunsill Ewropew tas-27 u t-28 ta' Ġunju 2013 japplika għar-reġjuni fejn il-qgħad taż-żgħażaġħ jaqbeż il-25 % u

għalhekk hu indispensabbli li dawn l-istatistiki jiġu mistħarrġa mill-Eurostat għar-reġjuni kollha tal-Ewropa, ħaġa li għadha mhix qed issir sal-ġurnata tal-lum;

8. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja u timplimenta l-proġetti pilota, l-azzjonijiet preparatorji u l-miżuri ta' assistenza teknika kollha kif propost mill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-Intestatura 1b.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	24.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 44 -: 0 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Charalampos Angourakis, Catherine Bearder, John Bufton, Francesco De Angelis, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Mojca Kleva Kekuš, Constanze Angela Krehl, Jacek Olgierd Kurski, Petru Constantin Luhan, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Wojciech Michał Olejniczak, Younous Omarjee, Tomasz Piotr Poręba, Ovidiu Ioan Silaghi, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Oldřich Vlasák, Kerstín Westphal, Hermann Winkler, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Andrea Cozzolino, Joseph Cuschieri, Ivars Godmanis, Juozas Imbrasas, Karin Kadenbach, Andrey Kovatchev, James Nicholson, Heide Rühle, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Giommara Uggias, Iuliu Winkler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	António Fernando Correia de Campos, Sabine Verheyen

3.10.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-KONTROLL TAL-BAĠIT

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014
(13176/2013 - C7-0260/2013 - 2013/2145(BUD))

Rapporteur: Jens Geier

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi f' sitwazzjoni ta' limitazzjoni tar-riżorsi, kawża tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw bis-sħiħ bil-ħsieb li jimplimentaw il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea b' mod effiċjenti u jipproteġuh b' mod adegwat permezz ta' azzjonijiet preventivi u korrettivi;
 - B. billi wieħed mill-objettivi ewlenin tal-abbozz ta' baġit 2014 huwa li tiġi aċċelerata l-Istrateġija Ewropa 2020 għal ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva li twassal għal livelli għoljin ta' impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali;
 - C. billi d-djalogu bejn il-Parlament u l-Kummissjoni previst fl-Artikolu 318 TFUE għandu jstimola l-kultura ta' prestazzjoni fi ħdan il-Kummissjoni;
1. Jinnota li l-implimentazzjoni kumulattiva tal-korrezzjonijiet finanzjarji għas-snin preċedenti imposti mill-Kummissjoni fuq l-Istati Membri li jonqsu milli jimplimentaw sistemi u rkupri b'saħħithom fl-oqsma kollha ta' politika kienet tammonta għal madwar EUR 4,5 biljun fl-2012 (EUR 1,8 biljun fl-2011)¹;

¹ Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Qorti tal-Awdituri tal-5 ta' Ġunju 2013: Sintesi tal-kisbiet tal-ġestjoni tal-Kummissjoni fl-2012 (COM(2013)0334.

² idem.

2. Jindika li ż-żieda sinifikanti meta mqabbla mas-sena ta' qabel tispyega ruħha prinċipalment bl-eżerċizzju ta' għeluq tal-programm FEŻR għall-perjodu 2000-2006 u l-korrezzjonijiet finanzjarji li rriżultaw¹;
3. Jitlob lill-Kummissjoni tindika biċ-ċar liema ammonti rkuprati fl-2012 tniżżlu bħala dħul fil-kontijiet tal-Unjoni jew ġew kumpensati u l-punt safejn il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri li ttieħdet deċiżjoni dwarhom fl-2012, jista' jkollhom impatt fuq il-ħtiġijiet ta' pagament għall-baġits tal-2013 u tal-2014;
4. Ifakkar li l-Komunikazzjoni lill-Parlament Ewropew² adottata mill-Kummissjoni għall-ewwel darba f' Settembru 2013 bil-ħsieb li l-ammonti kollha f'termini nominali rkuprati tul is-sena preċedenti permezz ta' korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri jiġu magħmula pubbliċi b'mod faċli għall-utent, tirrappreżenta azzjoni ta' prijorità meħtieġa mill-Parlament; huwa tal-fehma li din il-Komunikazzjoni għandha tindika wkoll il-punt safejn il-korrezzjonijiet finanzjarji u l-irkupri jħallu impatt mil-lat tad-dħul u tan-nefqa tal-baġit;
5. Jenfasizza li l-ammonti rkuprati jitqiesu bħala dħul li għandu jibqa' fil-baġit tal-Unjoni u b'hekk jikkontribwixxu lejn l-istabbilizzazzjoni tal-baġit; jindika li dan jgħaddi messaġġ ċar u inċentiv b'saħħtu lill-Istati Membri sabiex itejbu is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tagħhom; jiddispjaċih li filwaqt li madwar 80 % tal-baġit effettivament jintnefaq mill-Istati Membri, ma hemm l-ebda impenn ċar min-naħa tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għal dikjarazzjoni li tiġġustifika l-fatt li l-flus jintnefqu sewwa;
6. Jitlob li l-Kummissjoni tinformah bl-ammonti kollha riċevuti matul is-sena 2013 mill-ftehimiet mal-kumpaniji tat-tabakk ewlenin inkluż il-ħlas ta' penali kif previst fil-ftehimiet, multi mill-kumpaniji li jiksru r-regoli u r-regolamenti tal-UE, inkluż l-ammont totali li ġie attribwit lill-baġit tal-Unjoni;
7. Jilqa' d-dikjarazzjonijiet tal-programm dwar in-nefqa operattiva li jakkumpanjaw l-abbozz ta' baġit 2014, li minbarra data numerika relatata mal-programm jinkludu wkoll informazzjoni fir-rigward tal-valur miżjud tal-UE, il-kontribut għall-Istrateġija Ewropa 2020 (Miri ewlenin u Inizjattivi emblematiċi), kif ukoll objettivi ġenerali u speċifiċi sostanzjati minn indikaturi u miri; jinnota li dan huwa l-ewwel pass lejn l-intervent rigward ir-rakkomandazzjonijiet espressi mill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit meta eżamina l-kwittanza lill-Kummissjoni għall-2011;
8. Ifakkar b'mod partikolari, li fir-riżoluzzjoni tiegħu li takkumpanja d-deċiżjoni għall-għoti tal-kwittanza għall-2011 lill-Kummissjoni, il-Parlament ħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa kultura ġdida ta' prestazzjoni, tipproponi sar-rieżami ta' nofs il-perjodu definizzjoni ċara tal-valur miżjud Ewropew fl-oqsma differenti ta' politika u tal-programmi, u tiffoka, fi ħdan it-taqsimha relatata mal-politiki interni tar-rapport ta' evalwazzjoni previst fl-Artikolu 318 TFUE, anke fuq l-Istrateġija Ewropa 2020 bħala l-politika ekonomika u soċjali tal-Unjoni, b'enfasi fuq il-progress li sar fl-ilħuq tal-inizjattivi emblematiċi;

² Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew: Protection of the European Union budget to end 2012 (COM(2013)0682 finali/2).

9. Jilqa' l-ftehim li ntlaħaq dwar Ftehim Interistitizzjonali ġdid dwar id-dixxiplina baġitarja, il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u l-ġestjoni finanzjarja tajba li jakkumpanja l-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020 fir-rigward tar-rapport ta' evalwazzjoni previst bl-Artikolu 318 TFUE li jispeċifika li l-Kummissjoni għandha tiddistingwi l-politiki interni, iffukati fuq l-Istrateġija Ewropa 2020, minn dawk esterni u għandha tuża aktar informazzjoni dwar il-prestazzjoni, inklużi riżultati tal-awditu tal-prestazzjoni, biex jiġu evalwati l-finanzi tal-Unjoni abbażi tar-riżultati miksuba;
10. Jiddispaċih dwar il-fatt li l-baġit 2014 se jżid l-impenji pendenti (RAL) b'ammont mistenni ta' EUR 6 biljun¹; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill iqisu l-ammont ta' impenji pendenti li għadu qed jiżdied u jressqu miżuri intiżi li jnaqqsu l-ammont tal-impenji pendenti.

¹ Qabel id-dokument ta' ħidma BUDG_DT(2013)510689 dwar l-impenji pendenti għall-2013 u l-metodi ta' kalkolu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	2.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 12 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Inés Ayala Sender, Martin Ehrenhauser, Jens Geier, Gerben-Jan Gerbrandy, Ingeborg Gräßle, Bogusław Liberadzki, Crescenzo Rivellini
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Philip Bradbourn, Karin Kadenbach, Marian-Jean Marinescu, Markus Pieper, Czesław Adam Siekierski, Barbara Weiler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	María Auxiliadora Correa Zamora, Spyros Danellis, Wolf Klinz, Gesine Meissner

1.10.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2014

(13176/2013 - C7-0260/2013 – 2013/2145(BUD))

Rapporteur: Ricardo Cortés Lastra

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-konferma mill-ġdid tal-Istati Membri tal-UE tal-impenji kollha tal-Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) li daħlu għalihom individwalment u kollettivament, inkluż għal dak biex il-livell tal-ODA jogħla għal 0.7% sal-2015; ifakkar lill-Istati Membri li minbarra l-konferma mill-ġdid tal-impenji tagħhom, huma għandhom jirrispettawhom; itenni l-appoġġ sod tiegħu għall-mira ta' 0.7% u d-determinazzjoni tiegħu li jikkontribwixxi għat-twettiq tagħha;
2. Jenfasizza li minħabba l-progress estremament insuffiċjenti fir-rigward ta' bosta mill-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju u l-ħtieġa li jiġu mobilizzati riżorsi favur l-aġenda għall-iżvilupp globali wara l-2015, attwalment emerġenti, dan mhuwiex il-mument li tibda' titnaqqas l-assistenza għall-iżvilupp;
3. Jiddispijaċih ħafna għall-fatt li l-limitu tal-2014 għall-intestatura Ewropa Globali fl-abbozz tal-QFP huwa ferm aktar baxx mil-limitu korrispondenti għall-2013 u dan jiġġenera pressjoni; jirrikonoxxi li l-iffrankar m'għandux isir bi spejjeż għan-nies partikolarment vulnerabbli u li l-prospetti tar-rispett tal-impenji ODA m'għandhomx jiddgħajfu; jafferma li l-livelli tal-iżvilupp u tan-nefqa umanitarja għall-2013 għandhom għaldaqstant jinżammu;
4. Jenfasizza li l-approprijazzjonijiet ta' pagament fil-kapitolu tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp għandhom ikunu stabbiliti flivell li jippermetti t-trasferiment effettiv tal-impenji politiċi tal-UE, kif ukoll dawk baġitarji tagħha;

5. Jiġbed l-attenzjoni għan-natura speċifika tal-għajjnuna umanitarja, li tgħin lin-nies f'periklu akut jew f'ansjetà kbira, u għan-nuqqas kroniku, gravi ta' finanzjament, li dejjem qed imur għall-agħar, f'dan il-kapitolu; jiddeplora li dan in-nuqqas qed jhedded l-abilità tal-UE li tiegħu azzjoni effikaċi f'waqtha f'postijiet fejn din hija meħtieġa ħafna u fejn l-UE diġà ddeċidiet li tinvolvi ruħha jew li ssaħħa l-involviment tagħha; jinsisti dwar il-meħtieġa biex din is-sitwazzjoni anormali tkun rimedjata u jistieden lill-Kunsill biex jaċċetta żieda kbira fir-Riżerva ta' Għajjnuna f'Emerġenza; jistieden lill-Kummissjoni timmobilizza malajr din ir-Riżerva f'każ ta' bżonn u jekk meħtieġ tressaq baġit emendatorju sabiex jiżdedu l-appropriazzjonijiet;
6. Jirrikonoxxi li minħabba l-interkonnessjonijiet numerużi li jeżistu fid-dinja tal-lum, l-UE nnifisha se jkollha tbat i wkoll l-ispejjeż imġarrba minħabba n-nuqqas ta' indirizzar effettiv tal-meħtieġiet umanitarji u ta' żvilupp kbar, kif ukoll l-ispejjeż imġarrba minħabba azzjoni insuffiċjenti fir-rigward tal-għieda kontra t-tisħin globali; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-assistenza għall-iżvilupp u l-għajjnuna umanitarja, kif ukoll il-finanzjament tal-għieda kontra t-tisħin globali, li għandu jissupplimenta l-ODA, huma għaldaqstant investimenti meħtieġa fis-sigurtà fit-tul u l-benesseri tas-soċjetajiet tagħna stess.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	30.9.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Thijs Berman, Véronique De Keyser, Charles Goerens, Mikael Gustafsson, Eva Joly, Miguel Angel Martínez Martínez, Gay Mitchell, Bill Newton Dunn, Maurice Ponga, Birgit Schnieber-Jastram, Alf Svensson, Daniël van der Stoep, Anna Záborská
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Emer Costello, Enrique Guerrero Salom, Fiona Hall, Edvard Kožušník, Krzysztof Lisek, Isabella Lövin, Gesine Meissner
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Josefa Andrés Barea, Tanja Fajon, Danuta Jazłowiecka, Barbara Lochbihler, Marusya Lyubcheva, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Hans-Peter Mayer, Eleni Theoharous

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	9.10.2013
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 32 -: 3 0: 3
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Ashworth, Francesca Balzani, Zuzana Brzobohatá, Jean Louis Cottigny, Jean-Luc Dehaene, Isabelle Durant, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, George Lyon, Barbara Matera, Vojtěch Mynář, Juan Andrés Naranjo Escobar, Dominique Riquet, Alda Sousa, Derek Vaughan, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Frédéric Daerden, Ivana Maletić, Paul Rübig, Peter Šťastný, Nils Torvalds
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Ildikó Gáll-Pelcz, Oldřich Vlasák